



Il-Kummissjoni
Ewropea

L-ISTAT TAL-UNJONI

2022

MILL-KUMMISSJONI VON DER LEYEN

#SOTEU

MT

Ta' kull sena f'Settembru, il-President tal-Kummissjoni Ewropea tagħmel Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni quddiem il-Parlament Ewropew, fejn tanalizza r-risultati li ntlewqu fis-sena ta' qabel u tippreżenta l-prijoritajiet għas-sena li ġejja. F'dan id-diskors, il-President tistabbilixxi wkoll il-mod kif il-Kummissjoni Ewropea se tindirizza l-iktar sfidi urġenti li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea. Dan id-diskors jiġi segwit minn diskussjoni plenarja. Din tagħti bidu għal djalogu mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill sabiex jitfejja l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għas-sena ta' wara.

Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, li għandu l-bażi tiegħu fit-Trattat ta' Lisbona, huwa stipulat fil-Ftehim Qafas tal-2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, u jirrekjedi wkoll li l-President tibgħat ltra ta' Intenzjoni lill-President tal-Parlament Ewropew u lill-Presidenza tal-Kunsill fejn tippreżenta fid-dettall l-azzjonijiet li l-Kummissjoni Ewropea tkun biġsiebha tiegħu permezz ta' leġislazzjoni kif ukoll permezz ta' inizjattivi oħra sal-aħħar tas-sena ta' wara.

Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, għamlet it-tielet Diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni fl-14 ta' Settembru 2022.

Il-materjal kollu jinsab hawn state-of-the-union.ec.europa.eu.

KONTENUT

DISKORS.....	4
--------------	---

ITTRA TA' INTENZJONI LILL-PRESIDENT ROBERTA METSOLA U LILL-PRIM MINISTRU PETR FIALA.....	30
------------------------------------------------------------------------------------------------	----

KISBIET.....	35
--------------	----

1. L-EWROPEJ JAPPOĠĠAW LILL-UKRAJNA, GĦAD-DEMOKRAZIJA U L-PAĊI.....	38
------------------------------------------------------------------------	----

2. NEGĦLBU L-PANDEMIJA BIS-SOLIDARJETÀ U X-XJENZA.....	50
--------------------------------------------------------	----

3. TMEXXIJA TA' TRANŻIZZJONIJIET EKOLOĠIĊI, DIĠITALI U ĠUSTI.....	56
----------------------------------------------------------------------	----

4. IL-PILASTRI TAD-DEMOKRAZIJA EWROPEA.....	69
---------------------------------------------	----

KRONOLOĠIJA.....	79
------------------	----



DISKORS

**L-ISTAT
TAL-UNJONI
2022**

UNJONI B'SAĦĦITHA GĦAX MAGĦQUDIN

INTRODUZZJONI

Sinjura President,
Onorevoli Membri,
Sħabi Ewropej,

Qatt qabel ma kien il-każ li dan il-Parlament ikun qiegħed jiddibatti l-Istat tal-Unjoni tagħna waqt li kienet għaddejja gwerra fuq art Ewropea.

Ilkoll kemm aħna niftakru dik l-għodwa mwiegħra lejn tmien Frar.

L-Ewropej madwar l-Unjoni tagħna stenbħu allarmati b'dak li kienu qegħdin jaraw. Ħassewhom imriegħda quddiem ħażen bla ħniena li tfaċċa mill-ġdid. Ħassewhom imkexkxa bit-twerżiq tas-sireni u l-kefrija bla rażan tal-gwerra.

Imma minn dak il-mument preċiż, kontinent sħiħ ingħaqad biex juri solidarjetà.

Fil-postijiet tal-qsam tal-fruntiera fejn waslu r-refuġjati jfittxu kenn. Fit-toroq tagħna, mimlija b'nadar Ukreni. Fil-klassijiet, fejn it-tfal Ukreni bdew jagħmlu ħbieb ġodda.

Minn dak il-mument stess, l-Ewropej la marru jistaħbew u lanqas ma kaxkru saqajhom.

Sabu l-kuraġġ biex jagħmlu dak li hu sewwa.

Hekk kif it-truppi
Russi qasmu
l-fruntiera tal-
Ukrajna, ir-reazzjoni
tagħna kienet **unita,**
determinata
u immedjata.

U minn dak il-mument preċiż, l-Unjoni tagħna għamlet dak li kien xieraq li jsir.

Ħmistax-il sena ilu, fi żmien il-kriżi finanzjarja, domna s-snin biex stajna nsibu soluzzjonijiet dejjiema.

Għaxar snin wara, meta laqtitna l-pandemija globali, domna biss ftit ġimgħat.

Iżda din is-sena, hekk kif it-truppi Russi qasmu l-fruntiera tal-Ukrajna, ir-reazzjoni tagħna kienet unita, determinata u immedjata.

U għandna għax inkunu kburin b'dan.

Erġajna wrejna bil-miftuħ il-qawwa interna tal-Ewropa.

U se jkollna bżonn din il-qawwa kollha kemm hi. Ix-xhur li ġejjin mhux se jkunu faċli. La għall-familji li qegħdin jitħabtu biex ilaħħqu mal-ħajja, u lanqas għan-negozji, li għandhom quddiemhom għażliet iebsa dwar il-futur.

Ngħiduha kif inhi: dan huwa żmien kruċjali ħafna. Mhux biss għall-Ukrajna - iżda għall-Ewropa u għad-dinja kollha kemm hi.

U se ngħaddu minn prova. Minn dawk li jridu jisfruttaw kull tip ta' firda bejnietna.

Din mhix biss gwerra li r-Russja bdiet kontra l-Ukrajna.

Din hija gwerra kontra l-enerġija tagħna, gwerra kontra l-ekonomija tagħna, gwerra kontra l-valuri tagħna kif ukoll gwerra kontra l-futur tagħna.

Din hija l-ġlieda bejn l-awtokrazija u d-demokrazija.

U jiena ninsab hawn konvinta li, bis-saħħa tal-kuraġġ u s-solidarjetà, Putin se jitlef u l-Ewropa se tirbaħ.

—
Illum - il-kuraġġ
għandu isem,
u dan l-isem hu
Ukrajna.

IL-KURAĠĠ LI NOQOGĦDU SPALLA MA' SPALLA MAL-EROJ TAGĦNA

Onorevoli Membri,

Illum - il-kuraġġ għandu isem, u dan l-isem hu Ukrajna.

Il-kuraġġ għandu wiċċ, wiċċ in-nisa u l-irġiel Ukreni li qed jieqfu kontra l-aggressjoni Russa.

Niftakar mument fl-ewwel ġimgħat wara l-invażjoni. Meta mart il-President tal-Ukrajna, Olena Zelenska, ġabret il-ġenituri ta' tfal Ukreni maqtula mill-invażur.

Mijiet ta' familji li għalihom il-gwerra ma hi se tintemm qatt, u li għalihom il-ħajja qatt ma hi se tkun bħalma kienet qabel.

Rajna lil mart il-President tmexxi miġemgħa siekta magħmula minn ommijiet u missirijiet qalbhom maqsuma, u rajnieha ddendel qniepen żgħar mas-siġar, waħda għal kull tifel jew tifla li mietu.





U issa l-qniepen jibqgħu jdoqqu għal dejjem meta jagħmel ir-riħ, u l-vittmi innoċenti ta' din il-gwerra jibqgħu ħajjin fil-memorja tagħna għal dejjem.

U hija tinsab hawn magħna llum!

Għażiża Olena, hemm bżonn ta' kuraġġ liema bħalu biex wieħed jirreżisti għall-

kefrija ta' Putin.

Iżda inti dak il-kuraġġ sibtu.

U rajna qawmien ta' nazzjon ta' eroj.

Illum, l-Ukrajna qed iżżomm sod għaliex pajjiż sħiħ iġġieled triq bi triq, dar b'dar.

L-Ukrajna qed iżżomm sod għaliex nies bħal żewġek, il-President Zelenskyy, baqgħu f'Kyiv biex imexxu l-forzi tar-reżistenza - flimkien miegħek u ma' uliedek, għażiża Olena.

Inti tajt *kuraġġ* lil nazzjon sħiħ. U f'dawn l-aħħar jiem rajna li l-qlubija tal-Ukreni qed tibda tagħti l-frott.

Inti tajt *leħen* lil niesek quddiem id-dinja.

U tajtna *t-tama*, lilna lkoll.

Għalhekk, illum irridu nirringrazzjaw lilek u lill-Ukreni kollha.

Glorja lil pajjiż mimli b'eroj Ewropej. *Slava Ukraini!*

Ħadd mhu se jxekkel is-solidarjetà tal-Ewropa mal-Ukrajna.

L-Ewropa ħadet in-naħa tal-Ukrajna mill-ewwel. Bl-armamenti. Bil-fondi. Billi laqgħet ir-refuġjati. U permezz tal-aktar sanzjonijiet iebes li qatt rat id-dinja.

Is-settur finanzjarji Russu jinsab moribond. Qtajna daqs tliet kwarti tas-settur bankarju Russu mis-swieq internazzjonali.

Kważi 1 000 kumpanija internazzjoni telqu mill-pajjiż.

Il-produzzjoni tal-karozzi niżlet bi tliet kwarti meta mqabbla mas-sena li għaddiet. L-Aeroflot qed tħalli l-ajruplani mal-art billi ma għad

—
**Ħadd mhu
 se jxekkel is-
 solidarjetà tal-
 Ewropa mal-
 Ukrajna.**



għandna spare parts. L-armata Russa qiegħda tieġu ċ-ċipep mill-magni tal-ħasil tal-platti u mill-fridges biex issewwi l-apparat militari tagħha, billi ma għadx għandhom semikondutturi. L-industrija Russa tinsab imfarrka.

Huwa l-Kremlin li hu responsabbli għall-fatt li l-ekonomija Russa qabdet it-triq tal-qerda.

Dan huwa l-prezz għall-mewt u l-qerda li Putin qed iħalli warajh.

U rrid nagħmilha ċara ħafna, li s-sanzjonijiet mhumiex se jitneħħew.

Dan huwa l-mument għalina li nuru determinazzjoni, mhux il-mument tal-paċifikazzjoni.

L-appoġġ tagħna se jingħata mhux biss permezz ta' ffinanzjar - iżda wkoll sejrin nagħtu **s-setgħa lill-Ukrajna** li tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tagħha.

Dan jgħodd ukoll fejn jidħol l-appoġġ tagħna lill-Ukrajna.

Sa issa, Tim Ewropa pprovda aktar minn 19-il biljun euro f'assistenza finanzjarja.

U dan mingħajr ma ninkludu l-għajjuna militari tagħna.

U se nibqgħu nagħtu l-appoġġ tagħna għat-tul.

Ir-rikostruzzjoni tal-Ukrajna se tkun tinħtieġ ammont massiv ta' riżorsi. Pereżempju, l-attakki Russi għamlu ħsara lil, jew qerdu, aktar minn 70 skola.

Nofs miljun tifel u tifla Ukreni bdew is-sena skolastika tagħhom fl-Unjoni Ewropea. Iżda ħafna oħrajn fl-Ukrajna sempliċement ma għandhomx klassi fejn imorru.

Għalhekk, illum qiegħda nħabbar li se naħdmu mas-Sinjura Olena Zelenska biex nappoġġaw it-tiswija tal-iskejjel fl-Ukrajna li ġarrbu ħsarat. U huwa għal hekk li se nipprovdu 100 miljun euro. Għaliex il-futur tal-Ukrajna jibda mill-iskejjel tagħha.

L-appoġġ tagħna se jingħata mhux biss permezz ta' finanzjament - iżda wkoll sejrin nagħtu s-setgħa lill-Ukrajna li tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tagħha.

L-Ukrajna diġà hija ċentru teknoloġiku li qiegħed jikber fejn hemm ħafna kumpaniji ġodda innovattivi.

Għalhekk, irrid li nimmobilizzaw il-qawwa sħiħa tas-Suq Uniku tagħna biex ngħinu fl-aċċellerazzjoni tat-tkabbir u l-ħolqien tal-opportunitajiet.





F'Marzu, imexxielna ngħaqqu lill-Ukrajna fil-grilja tagħna tal-elettriku. Dan kien oriġinarjament ippjanat li jsir fl-2024. Iżda għamilnieh f'ġimgħatejn. U llum l-Ukrajna qiegħda tesportalna l-elettriku. Jien irrid li dan il-kummerċ, ta' ġid għat-tnejn li aħna, inkomplu nespanduh.

Diġà ssospendejna d-dazji fuq l-importazzjoni ta' prodotti Ukreni esportanti lejn l-UE.

Se ndaħħlu lill-Ukrajna fiż-żona Ewropea tagħna fejn ir-roaming huwa bla ħlas.

Se ndaħħlu lill-Ukrajna fiż-żona Ewropea tagħna fejn ir-roaming huwa bla ħlas.

Il-korsiji ta' solidarjetà tagħna qed ikunu ta' suċċess kbir.

U, fuq is-sisien ta' dan kollu, il-Kummissjoni se taħdem mal-Ukrajna biex tara li jkollha aċċess bla xkiel għas-Suq Uniku. U viċi versa.

Is-Suq Uniku tagħna huwa wieħed mill-akbar stejjer ta' suċċess tal-Ewropa. Issa huwa l-mument li nagħmluh ta' suċċess għal sħabna l-Ukreni wkoll.

U huwa għal dan li llum sejra Kyiv, biex niddiskuti dan fid-dettall mal-President Zelenskyy.

Onorevoli Membri,

Lezzjoni waħda li nieħdu minn din il-gwerra hija li kien imissna smajna minn dawk li lil Putin jafuh.

Kien imissna smajna minn Anna Politkovskaya u minn dawk il-ġurnalisti Russi kollha li kixfu l-atti kriminali, u li ħallsu l-akbar prezz.

Minn sħabna fl-Ukrajna, il-Moldova, il-Georgia u l-oppożizzjoni fil-Belarussja.


Kien imissna smajna mill-ilħna fl-Unjoni tagħna - fil-Polonja, fl-Istati Baltiċi u madwar l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant kollha.

Kienu ilhom is-snin jgħidulna li Putin ma kienx se jieqaf.

U huma aġixxew kif xieraq.

Sħabna fl-Istati Baltiċi ħadmu qatigħ biex ma jibqgħux dipendenti fuq ir-Russja. Huma investew fl-enerġija rinnovabbli, fit-terminali tal-LNG u fl-interkonnnetturi.





Dan kien ta' spiża kbira. Iżda d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi għandha prezz ħafna aktar għoli.

Hemm bżonn li ntemmu din id-dipendenza fl-Ewropa kollha.

Għalhekk, wasalna għal qbil dwar il-ħżin konġunt. Bħalissa lħaqna l-84 %: u qed naqbz u l-mira tagħna.

Iżda, sfortunatament, dan mhux se jkun biżżejjed.

Iddiversifikajna mir-Russja favur fornituri affidabbli. L-Istati Uniti, in-Norveġja, l-Alġerija, u oħrajn.

Is-sena l-oħra, il-gass Russu kien jgħodd mal-40 % tal-importazzjoni tagħna tal-gass. Illum dan niżel għal 9 % tal-gass li jiġi mill-pipelines.

Iżda r-Russja għadha qiegħda tkompli timmanipula s-suq enerġetiku tagħna. Jippreferu jaħarqu l-gass milli jwassluh. Dan is-suq mhux qed jaħdem aktar.

Barra minn dan, il-kriżi tal-klima qiegħda tkun ta' piż kbir fuq il-kontijiet tagħna. Il-mewġiet ta' sħana żiedu d-domanda għall-elettriku. Il-perjodi ta' nuqqas ta' xita wasslu biex kellhom jagħlqu impjanti tal-enerġija idroelettriċi u nukleari.

Bħala riżultat ta' dan, il-prezzijiet tal-gass telgħu b'aktar minn 10 darbiet meta mqabbla maż-żmien ta' qabel il-pandemija.

Miljuni ta' negozji, u miljuni ta' nies fi djarhom, bdew jinkwetaw dwar kif se jlaħħqu mal-kontijiet.

Iżda l-Ewropej qegħdin ikampaw b'kuraġġ f'dan kollu.

Il-ħaddiema f'fabbriki taċ-ċeramika fl-Italja ċentrali iddeċidew li jibdew ix-xiftijiet tagħhom aktar kmieni filgħodu, biex jibbenefikaw minn prezzijiet orħos tal-enerġija.

Immaġinaw ftit dawk fosthom li huma ġenituri, li jkollhom jitolqu mid-dar kmieni, meta t-ftal ikunu għadhom reqdin, minħabba gwerra li ma għażluhiex huma.

Dan huwa eżempju wieħed fost miljun ieħor minn Ewropej li qegħdin jadattaw ruħhom għal din ir-realtà ġdida.

—
Is-sena l-oħra, il-gass Russu kien jgħodd mal-40 % tal-importazzjoni tagħna tal-gass. Illum dan **niżel għal 9 %** tal-gass li jiġi mill-pipelines.



Irrid li l-Unjoni tagħna tieġu l-eżempju tan-nies tagħha. Bis-saħħa tat-tnaqqis tad-domanda matul is-sigħat tal-akbar konsum, il-provvista tista' twassal aktar, u jitnaqqsu l-prezzijiet.

Huwa għal din ir-raġuni li qegħdin nipproponu miżuri biex l-Istati Membri jnaqqsu l-konsum kumplessiv tal-elettriku tagħhom.

Iżda hemm bżonn ta' aktar appoġġ immirat.

Lill-industriji, bħalma huma l-manifatturi tal-ħġieġ li jkollhom jitfu l-fran tagħhom. Jew inkella lill-ġenituri waħedhom li qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' kont oġġla mill-ieħor.

Miljuni ta' Ewropej għandhom bżonn l-appoġġ.

L-Istati Membri tal-UE diġà investew biljuni ta' euro f'għajjnuna għall-dawk l-aktar vulnerabbli fi djarhom.

Iżda nafu li dan mhux se jkun biżżejjed.

— Qegħdin nipproponu miżuri biex l-Istati Membri jnaqqsu l-konsum kumplessiv tal- elettriku tagħhom.

Huwa għalhekk, li qegħdin nipproponu limitu massimu fuq id-dħul ta' kumpaniji li jiproduċu l-elettriku bi prezz baxx.

Dawn il-kumpaniji qegħdin jagħmlu dħul li huma qatt ma stennew li jagħmlu, li qatt ma ħolmu bih.

Fl-ekonomija soċjali tas-suq tagħna, hija ħaġa tajba li jsir il-qligħ.

Iżda f'dawn iż-żminijiet huwa ħażin li jsir qligħ rekord straordinarju bis-saħħa tal-gwerra u fuq dahar il-konsumaturi.

F'dawn iż-żminijiet, il-qligħ għandu jinqasam u jiġi dirett lejn dawk li l-aktar li għandhom bżonn.


Il-proposta tagħna se tiġbor aktar minn 140 biljun euro għall-Istati Membri biex jilqgħu direttament għad-daqqa.

U billi ninsabu fi kriżi tal-fjuwils fossili, l-industrija tal-fjuwils fossili għandha wkoll dmir speċjali.

Il-kumpaniji ewlenin taż-żejt, tal-gass u tal-faħam ukoll qegħdin jagħmlu qligħ enormi. Għalhekk, huma wkoll iridu jagħtu sehem ġust - iridu jagħtu kontribuzzjoni tal-kriżi.

Dawn huma kollha miżuri ta' emerġenza u temporanji li qegħdin naħdmu fuqhom, inkluż id-diskussjonijiet tagħna dwar il-limitu fuq il-prezzijiet.





Hemm bżonn li nkomplu bil-ħidma biex inbaxxu l-prezzijiet tal-gass.

Irridu naraw li s-sigurtà tal-provvista tagħna tiġi ggarantita, u fl-istess ħin, naraw li nibqgħu kompetittivi madwar id-dinja.

Għalhekk, flimkien mal-Istati Membri, se niżviluppaw ġabra ta' miżuri li jieħdu f'kunsiderazzjoni n-natura speċifika tar-relazzjoni tagħna mal-fornituri - minn fornituri mhux affidabbli bħar-Russja sa ħbieb affidabbli bħal ma hi n-Norveġja.

Għalhekk, hemm bżonn li naqtgħu l-influenza dominanti tal-gass minn fuq il-prezz tal-elettriku.

Ilħaqt qbil mal-Prim Ministru Store biex titwaqqaf task force. It-timijiet bdew il-ħidma tagħhom.

Hemm suġġett ieħor importanti fuq l-aġenda. Illum is-suq tal-gass tagħna nbidel b'mod drammatiku: Minn wieħed ibbażat fuq il-pipeline għal ammont dejjem jżjed ta' LNG.

Iżda l-valur referenzjarju fis-suq tal-gass - it-TTF - għadu ma adattax ruħu.

Huwa għalhekk li l-Kummissjoni se taħdem biex jiġi stabbilit valur referenzjarju aktar rappreżentattiv.

Fl-istess ħin nafu wkoll li l-kumpaniji tal-enerġija qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' problemi iebes fejn tidħol il-likwidità fis-swieq tal-futuri tal-elettriku, li huwa ta' riskju għall-funzjonament tas-sistema tagħna tal-enerġija.

Aħna se naħdmu mar-regolaturi tas-suq biex intaffu dawn il-problemi billi nemendaw ir-regoli fejn jidħol il-kollateral - u billi nieħdu miżuri biex nillimitaw il-volatilità tal-prezzijiet f'ġurnata.

U se nemendaw il-qafas temporarju dwar l-għajnuna mill-Istat f'Ottubru, biex jippermetti li jingħataw garanziji mill-Istat, filwaqt li nippreżervaw kundizzjonijiet ekwivalenti.

Dawn huma kollha l-passi tal-bidu. Iżda aħna u nindirizzaw din il-kriżi immedjata, irridu wkoll inħarsu 'l quddiem.

It-tifsila preżenti tas-suq tal-elettriku - ibbażata fuq ordni tal-mertu - ma għadhiex aktar ġusta għall-konsumaturi.

Huma għandhom igawdu mill-benefiċċji tal-użu ta' sorsi rinnovabbli bi prezz baxx.

Għalhekk, hemm bżonn li naqtgħu l-influenza dominanti tal-gass minn fuq il-prezz tal-elettriku. Huwa għalhekk li se nagħmlu riforma profonda u komprensiva tas-suq tal-elettriku.

Issa - dan huwa punt importanti. Nofs seklu ilu, fis-snin 70, id-dinja kienet qed tħabbatha ma' kriżi oħra fil-fjuwils fossili.

Xi wħud minna jiftakru meta fi tmiem il-gimġha ma kinux jitħallew jintużaw karozzi biex tiġi ffrankata l-enerġija. *Minkejja dan, komplejna għaddejjin kif konna qabel.*

Ma ħlisniex mid-dipendenza tagħna fuq iż-żejt. U, agħar minn hekk, il-fjuwils fossili ġew issussidjati b'mod massiv.

Dan kien ħażin, mhux biss għall-klima, iżda wkoll għall-finanzi pubbliċi tagħna, u għall-indipendenza tagħna. *U għadna nħallsu ta' dan sal-lum.*

Kienu biss ftit viżjonarji li dak iż-żmien fehm u li l-problema reali kienu l-fjuwils fossili nfushom, mhux biss prezzhom.

L-idroġenu
jista' jkun dak
li jagħmel
id-differenza
kollha fl-
Ewropa.

Fosthom kien hemm sħabna d-Daniżi.

Meta l-kriżi taż-żejt laqtet lid-Danimarka, hija bdiet tinvesti bil-qawwa biex tisfrutta l-qawwa tar-riħ.

Huma qiegħdu l-pedament għall-pożizzjoni tad-Danimarka fuq quddiem fid-dinja f'dan is-settur, u ħolqu għaxriet ta' eluf ta' impjegji ġodda.

Hekk irid isir!

Mhux biss soluzzjoni ta' malajr, iżda bidla fil-kunċett, qabża fil-futur.

IT-TRIQ 'IL QUDDIEM U T-TĦEJJIJA GĦALL-FUTUR

Onorevoli Membri,

L-aħbar it-tajba hi din: din il-bidla neċessarja diġà bdiet.

Qiegħda sseħħ fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Baħar Baltiku, fejn l-Istati Membri tagħna laħqu qbil biex jinvestu b'mod massiv fil-ġenerazzjoni ta' enerġija mir-riħ permezz ta' pjattaformi offshore.

Qiegħda sseħħ fi Sqallija, fejn l-akbar fabbrika solari tal-Ewropa dalwaqt se tibda timmanifattura l-ġenerazzjoni l-aktar ġdida ta' pannelli.

U qiegħda seħħ fil-Ġermanja ta' Fuq, fejn il-ferroviji lokali issa jaħdmu permezz tal-idroġenu ekoloġiku.

U l-idroġenu jista' jkun dak li jagħmel id-differenza kollha fl-Ewropa.



Hemm bżonn li l-ekonomija tagħna tal-idroġenu minn waħda li tiffirma biss niċċa żgħira, għal waħda ewlenija.

Permezz ta' REPowerEU, aħna rduppjajna l-mira tagħna għall-2030 li nipproduċu 10 miljun tunnellata ta' idroġenu rinnovabbli fl-UE, kull sena.

Biex dan jinkiseb, irridu noħolqu ġeneratur tas-suq għall-idroġenu, sabiex nagħlqu d-diskrepanza fl-investiment u nqabblu l-produzzjoni mad-domanda fil-futur.

Huwa għalhekk, li illum nista' nħabbar li se noħolqu Bank Ewropew tal-Idroġenu ġdid.

Dan se jgħin biex jiggarantixxi x-xiri tal-idroġenu, b'mod speċjali bl-użu ta' riżorsi mill-Fond għall-Innovazzjoni.

— Se noħolqu Bank Ewropew tal-Idroġenu ġdid.

Se jkun jista' jinvesti 3 biljun euro biex jgħin fit-tiswir tas-suq futur għall-idroġenu.

Huwa b'dan il-mod li rridu noħolqu l-enerġija għall-ekonomija tal-futur.

Dan huwa l-Patt Ekoloġiku Ewropew.

U lkoll kemm aħna rajna f'dawn l-aħħar xhur kemm huwa importanti l-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Is-sajf tal-2022 se jibqa' mfakkar bħala mument ta' bidla.

Ilkoll kemm aħna rajna x-xmajjar niexfa, il-foresti jinħarqu, l-impatt tas-sħana estrema.

U taħt il-wiċċ, is-sitwazzjoni hija aktar serja.


Sa issa, l-glacierii fl-Alpi kienu ta' għajjnuna bħala riżerva ta' emerġenza għal xmajjar bħar-Rhone jew ir-Rhone.

Iżda issa li l-glacierii tal-Ewropa qegħdin jinħallu dejjem aktar malajr, il-perjodi ta' nixfa fil-futur se jinħassu b'mod aktar akut.

Irridu naħdmu bla heda biex nadattaw għall-klima tagħna - u nagħmlu n-natura l-akbar alleat tagħna.

Huwa għalhekk li l-Unjoni tagħna se tagħfas biex ikun hawn patt dinji ambizzjuż għan-natura fil-konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Biodiversità f'Montreal din is-sena.

U l-istess se nagħmlu fil-COP27 f'Sharm el-Sheikh.



Iżda għalissa għandna bżonn ukoll li nkunu armati aħjar biex naffaċċaw i-klima tagħna li qed tinbidel.

Il-qawwa qerrieda tat-temp estrem hija wisq kbira biex xi pajjiż ikun jista' jiġġilidha waħdu.

Dan is-sajf bgħatna ajruplani mill-Greċja, l-Iżvezja u l-Italja biex jissieltu kontra n-nirien fi Franza u fil-Ġermanja.

Se nirdupjaw il-kapaċità tagħna li niġġieldu n-nirien matul is-sena li ġejja.

Iżda waqt li d-diżastri qed isiru dejjem aktar frekwenti u aktar intensi, l-Ewropea se jkollha bżonn ta' kapaċità akbar.

Huwa għalhekk li llum nista' nħabbar li se nirdupjaw il-kapaċità tagħna li niġġieldu n-nirien matul is-sena li ġejja.

L-UE se tixtri 10 ajruplani żgħar amfibji oħra u tliet ħelikopters biex jiżiedu mal-flotta.

Din hija s-solidarjetà Ewropea fl-azzjoni.

Onorevoli Membri,

Dawn l-aħħar snin urew kemm l-Ewropa tista' tikseb meta tkun magħquda.

Wara pandemija mingħajr preċedent, il-produzzjoni ekonomika tagħna laħqet il-livelli ta' qabel il-pandemija fi żmien rekord.

Imxejna minn żmien meta *ma kellniex vaċċin* għal żmien fejn kellna 4 miljun doża għall-Ewropej u għad-dinja.

U fi żmien rekord, ħriġna b'SURE - sabiex in-nies jistgħu jibqgħu fl-impjiegi tagħhom anki jekk il-kumpaniji ma jkollhomx xogħol.

Konna fl-akbar reċessjoni mit-Tieni Gwerra Dinjija.

Ksibna l-aktar irkupru rapidu minn żmien il-boom ta' wara l-gwerra.

U dan kien possibbli għaliex kollha kemm aħna ngħaqadna wara pjan komuni ta' rkupru.

NextGenerationEU kien ta' mbuttatura ta' fiduċja għall-ekonomija tagħna.



U l-vjaġġ tiegħu għadu fil-bidu.

Sa issa, ġew żburżati 100 biljun euro lill-Istati Membri. Dan ifisser li: għadhom ma daħlux 700 biljun euro fl-ekonomija tagħna.

NextGenerationUE se jkun ta' garanzija ta' fluss kostanti ta' investiment li jappoġġa l-impjegi u t-tkabbir.

Dan ifisser solljev għall-ekonomija tagħna. Iżda, l-aktar importanti, ifisser tiġdid.

NextGenerationUE

se tkun ta' garanzija ta' fluss kostanti ta' investiment li jappoġġa l-impjegi u t-tkabbir.

Qiegħed jiffinanzja turbini tar-riħ u parks solari ġodda, ferroviji ta' veloċità qawwija u innovazzjonijiet li jiffrankaw l-enerġija.

Hiġna bil-kunċett ta' NextGenerationUE kważi sentejn ilu, u minkejja dan huwa eżatt dak li l-Ewropa għandha bżonn illum.

Mela ejja nżommu mal-pjan.

Ejjew nużaw il-flus fejn hemm bżonn.

Onorevoli Membri,

Il-futur ta' wliedna jitlob li ninvestu fis-sostenibbiltà kif ukoll li ninvestu b'mod sostenibbli.

Irridu niffinanzjaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija diġitali u b'emissjonijiet netti żero.

Iżda rridu nirrikonoxxu wkoll realtà ġdida ta' dejn pubbliku oġġla.

Neħtieġu regoli fiskali li jippermettu investiment strateġiku, filwaqt li jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà fiskali.

Regoli li jkunu adattati għall-isfidi ta' dan id-deċennju.

F'Ottubru, se nippreżentaw ideat ġodda għall-governanza ekonomika tagħna.

Iżda iippermettuli naqsam magħkom xi prinċipji bażiċi.

L-Istati Membri għandu jkollhom aktar flessibbiltà fil-perkorsi tagħhom għat-tnaqqis tad-dejn.





Iżda għandu jkun hemm aktar responsabbiltà biex jitwettaq dak li qbilna dwaru.

Għandu jkun hemm regoli aktar sempliċi li kulħadd jista' jsegwi.

Biex jinfetaħ l-ispazju għall-investment strateġiku u biex is-swieq finanzjarji jingħataw il-fiduċja li jeħtieġu.

Ejjew infasslu għal darb'oħra triq konġunta 'l quddiem.

B'aktar libertà ta' investment. U aktar skrutinju dwar il-progress.

Aktar sjieda mill-Istati Membri. U riżultati aħjar għaċ-ċittadini.

Ejjew nerġgħu niskopru l-ispirtu ta' Maastricht – l-istabbiltà u t-tkabbir jistgħu jimxu biss id f'id.

Onorevoli Membri,

Hekk kif qed nibdew din it-tranżizzjoni fl-ekonomija tagħna, irridu niddependu fuq il-valuri dejjiema tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħna.

L-idea hija sempliċi, l-akbar saħħa tal-Ewropa tinsab f'kull wieħed u waħda minna.

L-ekonomija soċjali tas-suq tagħna tħeġġeġ lil kulħadd biex jeċċella, iżda tiegħu ħsieb ukoll il-fraġilità tagħna bħala bnedmin.

Hija tippremja l-prestazzjoni u tiggarrantixxi l-protezzjoni. Tiftaħ opportunitajiet iżda tistabbilixxi wkoll limiti.

—
Billi s-saħħa
tal-ekonomija
soċjali tas-suq
tagħna tixpruna
 t-tranżizzjoni
 ekoloġika u diġitali.

Għandna bżonn dan ferm aktar illum.

Għax is-saħħa tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħna se tixpruna t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

Neħtieġu ambjent tan-negozju favorevoli, forza tax-xogħol bil-ħiliet adegwati u aċċess għal materja prima li teħtieġ l-industrija tagħna.

Il-kompetittività futura tagħna tiddependi fuq dan.





Irridu nneħħu l-ostakli li għadhom iżommu lura lill-kumpaniji ż-żgħar tagħna.

Iridu jkunu fiċ-ċentru ta' din il-bidla – minħabba li huma s-sisien tal-istorja twila tal-Ewropa ta' ħila industrijali.

U minn dejjem poġġew lill-impjegati tagħhom fl-ewwel post – anki u speċjalment fi żminijiet ta' kriżi.

Iżda l-inflazzjoni u l-inċertezza huma ta' piż partikolarment iebes fuqhom.

Huwa għalhekk li se nippreżentaw Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs.

Dan se jinkludi proposta għal sett uniku ta' regoli tat-taxxa għan-negozju fl-Ewropa – aħna nsejħulu BEFIT.

Dan se jagħmilha aktar faċli biex isir in-negozju fl-Unjoni. Inqas burokrazija tfisser aċċess aħjar għad-dinamiżmu ta' suq kontinentali.

U se nirrevedu d-Direttiva dwar il-Flas Tard – għax sempliċiment mhuwieq għal li 1 minn kull 4 fallimenti jkunu dovuti għal fatturi li ma tħallsux fil-ħin.

Għal miljuni ta' negozji tal-familja, din se tkun soluzzjoni vitali fi żminijiet ta' problemi kbar.

Iżda l-kumpaniji Ewropej qed iħabbtu wiċċhom ma' nuqqas ta' ħaddiema.

Il-qgħad jinsab fl-aktar livell baxx li qatt kien, u din hija ħaġa tajba.

Fl-istess ħin, l-għadd ta' impjegi battala huwa fl-ogħla livell li qatt kien.

Fl-Ewropa hawn nuqqas ta' sewwieqa tat-trakkijiet, ta' waiters u ta' ħaddiema fl-ajruport, kif ukoll ta' infermiera, inġiniera u tekniċi tal-IT.

Kemm fil-livelli l-għolja, kif ukoll f'dawk baxxi. Għandna bżonn lil kulħadd jagħti seħmu.

Għandna bżonn li nkunu ħafna aktar iffukati fejn jidhru l-investiment tagħna fl-edukazzjoni professjonali u t-titjib tal-ħiliet.

—
Irridu nneħħu
l-ostakli li
għadhom
iżommu lura
lill-kumpaniji
ż-żgħar
tagħna.



Qegħda niproponi li l-2023 tkun is- Sena Ewropea tal-Ħiliet.

Għandna bżonn ta' kooperazzjoni aħjar mal-kumpaniji, għaliex huma jafu l-aħjar x'għandhom bżonn.

U għandna bżonn inqas dawn il-ħtiġijiet mal-aspirazzjonijiet tan-nies.

Iżda għandna wkoll niġbdu l-ħiliet it-tajba lejn il-kontinent tagħna, ħiliet li jgħinu lill-kumpaniji u li jsaħħu t-tkabbir tal-Ewropa.

Bħala l-ewwel pass importanti, għandna bżonn inħaffu u niffaċilitaw l-għarfien tal-kwalifiki anki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

B'hekk, l-Ewropa ssir aktar attraenti għall-ħaddiema tas-sengħa.

Huwa għalhekk li qed niproponi li s-sena 2023 tkun is-Sena Ewropea tal-Ħiliet.

Onorevoli Membri,

It-tielet punt tiegħi għall-SMEs u għall-industrija tagħna.

Kemm jekk nitkellmu dwar ċipep għar-realtà virtwali jew dwar ċelloli għall-pannelli solari, iż-żewġ tranżizzjonijiet se jiġu xprunati mill-materja prima.

Il-litju u l-materjali tal-art rari diġà qegħdin jieħdu post il-gass u ż-żajt fil-qalba tal-ekonomija tagħna.

Sal-2030, id-domanda tagħna għal dawn il-metalli tal-materjali tal-art rari se tiżdied b'ħames darbiet.

U dan huwa sinjal tajjeb, għaliex juri li l-Patt Ekoloġiku Ewropew jinsab miexi 'l quddiem malajr.

L-aħbar li mhix tajba ħafna hi - pajjiż wieħed jiddomina s-suq.

Għalhekk irridu nevitaw li naqgħu fl-istess dipendenza bħal dik fuq iż-żajt u l-gass.

Huwa hawn fejn tidħol il-politika tagħna dwar il-kummerċ.

Is-sħubijiet il-ġodda se jmexxu 'l quddiem mhux biss l-interessi vitali tagħna - iżda wkoll il-valuri tagħna.

Il-kummerċ li jilqa' d-drittijiet tal-ħaddiema u l-ogħla livelli ambjentali huwa possibbli ma' sħab bl-istess mentalità.



Hemm bżonn nagħornaw ir-rabtiet tagħna ma' pajjiżi affidabbli u ma' reġjuni kruċjali ta' tkabbir.

U għal din ir-raġuni, għandi l-intenzjoni li nressaq għar-ratifika l-ftehimiet maċ-Ċili, il-Messiku u New Zealand.

U nkomplu n-negożjati ma' sħab kruċjali bħalma huma l-Awstralja u l-Indja.

Iżda l-iżgurar tal-provvisti huwa biss l-ewwel pass.

L-ipproċessar ta' dawn il-metalli huwa daqstant ieħor kritiku.

Illum, iċ-Ċina tikkontrolla l-industrija globali tal-ipproċessar. Kważi 90 % tal-materjali tal-art rari u 60 % tal-litju huma pproċessati fiċ-Ċina.

Se nidentifikaw proġetti strateġiċi tul il-katina tal-provvista kollha, mill-estrazzjoni sar-raffinar, mill-ipproċessar sar-riċiklaġġ. U se nibnu riżervi strateġiċi fejn il-provvista hija f'riskju.

Huwa għalhekk, li llum qed inħabbar Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika.

Nafu li dan l-approċċ jista' jaħdem.

Ħames snin ilu, l-Ewropa nediet l-Alleanza tal-Batteriji. U dalwaqt se jkun il-każ li żewġ terzi tal-batteriji li neħtieġu se jiġu prodotti fl-Ewropa.

Is-sena l-oħra ħabbart l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep. U l-ewwel gigafactory taċ-ċipep se tibda fix-xhur li ġejjin.


Issa jeħtieġ li nirreplikaw dan is-suċċess.

Din hija wkoll ir-raġuni għaliex se nżidu l-parteeċipazzjoni finanzjarja tagħna għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni.

U għall-futur, se nagħmel pressjoni biex jinħoloq Fond Ewropew ġdid għas-Sovranità.

Ejjew niżguraw li l-futur tal-industrija jissawwar fl-Ewropa.

**Ejjew niżguraw
li l-futur tal-
industrija
jissawwar fl-
Ewropa.**



NIDDEFENDU D-DEMOKRAZIJA TAGĦNA

Onorevoli Membri,

Meta nħarsu lejn l-istat tad-dinja llum, spiss nistgħu nħossu li dak li xi darba deher permanenti qiegħed jispiċċa bil-mod.

U b'xi mod, il-mewt tar-Reġina Eliżabetta II l-ġimgħa l-oħra fakkritna dwar dan.

Hija saret leġġenda!

—
Ir-Reġina Eliżabetta
II dejjem fakkritna
li **l-futur tagħna**
huwa mibni fuq
ideat ġodda
u msejjes fl-eqdem
valuri tagħna.

Ir-Reġina kienet kostanti matul l-avvenimenti turbolenti u ta' trasformazzjoni f'dawn l-aħħar 70 sena.

Stojka u soda fis-servizz tagħha.

Iżda aktar minn kull ħaġ'oħra, hija dejjem sabet il-kliem xieraq għal kull mument.

Mis-sejthiet li għamlet lill-persuni evakwati minħabba l-gwerra fl-1940 sad-diskors storiku tagħha matul il-pandemija.

Hija kellmet mhux biss lill-qalb tan-nazzjon tagħha iżda anki lir-ruħ tad-dinja.


U meta naħseb dwar is-sitwazzjoni li ninsabu fiha llum, għadni nisma' l-kliem tagħha fl-eqqel tal-pandemija.

Hija qalet: "Se nirnexxu – u dak is-suċċess se jkun ta' kull wieħed u waħda minna".

Hija dejjem fakkritna li l-futur tagħna huwa mibni fuq ideat ġodda u msejjes fuq l-eqdem valuri tagħna.

Minn tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija, ħdimna favur il-wegħda tad-demokrazija u l-istat tad-dritt.

U n-nazzjonijiet tad-dinja bnew flimkien sistema internazzjonali li tippromwovi l-paċi u s-sigurtà, il-ġustizzja u l-progress ekonomiku.



Illum hija proprju din il-mira tal-missili Russi.

Dak li rajna fit-toroq ta' Bucha, fl-għelieqi tal-qamħ maħruqin, u issa fil-bibien tal-akbar impjant nukleari tal-Ukrajna – *mhuwiex biss ksur tar-regoli internazzjonali.*

Huwa tentattiv intenzjonat biex dawn jitneħħew.

Dan il-mument kruċjali fil-politika globali jitlob li l-aġenda tal-politika barranija tagħna tiġi kkunsidrata mill-ġdid.

Dan huwa ż-żmien li ninvestu fis- setgħa tad- demokraziji.

Dan huwa ż-żmien li ninvestu fis-setgħa tad-demokraziji.

Din il-ħidma tibda bil-grupp ewlieni tas-sħab tagħna tal-istess fehma: il-ħbieb tagħna f'kull nazzjon demokratiku f'din id-dinja.

Naraw id-dinja bl-istess għajnejn. U għandna nimmobilizzaw is-setgħa kollettiva tagħna biex insawru l-beni globali.

Għandna nistinkaw biex nespandu din il-qalba tad-demokraziji. L-aktar mod immedjat biex nagħmlu dan huwa li napprofondixxu r-rabtiet tagħna u nsaħħu d-demokraziji fil-kontinent tagħna.

Dan jibda b'dawk il-pajjiżi li diġà qegħdin fit-triq lejn l-Unjoni tagħna.

Irridu nkunu fuq in-naħa tagħhom ma' kull pass li jagħmlu f'din it-triq.


Għax it-triq lejn demokraziji b'saħħithom u t-triq lejn l-Unjoni tagħna huma l-istess waħda.

Għalhekk, irrid li l-popli tal-Balkani tal-Punent, tal-Ukrajna, tal-Moldova u tal-Georgia jkunu jafu:

Intom parti mill-familja tagħna, il-futur tagħkom jinsab fl-Unjoni, u l-Unjoni mhijiex kompluta mingħajrkom!

Rajna wkoll li hemm bżonn li nilħqu lill-pajjiżi tal-Ewropa – lil hinn mill-proċess ta' adeżjoni.

Għal din ir-raġuni, jien nappoġġa s-sejħa għal Komunità Politika Ewropea – u aħna se nippreżentaw l-ideat tagħna lill-Kunsill Ewropew.



Iżda l-futur tagħna jiddependi wkoll fuq il-kapaċità tagħna li ninvolve ruħna lil hinn mill-qalba tas-sħab demokratiċi tagħna.

Il-pajjiżi fil-qrib u dawk 'il bogħod jikkondividu interess li jaħdmu magħna fuq l-isfidi l-kbar ta' dan is-seklu, bħat-tibdil fil-klima u d-diġitalizzazzjoni.

Din hija l-idea ewlenija wara Global Gateway, il-pjan ta' investiment li ħabbart hawn sena ilu.

Diġà qed jagħti riżultati konkreti.

Flimkien mas-sħab Afrikani tagħna, qed nibnu żewġ fabbriki fir-Rwanda u fis-Senegal biex nimmanifatturaw il-vaċċini tal-mRNA.

Dawn se jsiru fl-Afrika, għall-Afrika, b'teknoloġija ta' klassi dinjija.

U issa qed nirreplikaw dan l-approċċ fl-Amerika Latina kollha bħala parti minn strateġija ta' involviment akbar.

Dan jeħtieġ investiment fuq skala globali.

Għalhekk, se ningħaqdu ma' sħabna fl-Istati Uniti u ma' sħab oħra tal-G7 biex dan iseħħ.

F'dan l-ispirtu, il-President Biden u jien se nlaqqgħu laqgħa tal-mexxejja biex neżaminaw mill-ġdid u nħabbu proġetti ta' implimentazzjoni.

Onorevoli Membri,

Din hija parti mill-ħidma tagħna biex insaħħu d-demokrazija tagħna.

Iżda ma għandniex ninsew il-mod kif l-awtokrati barranin għandhom il-pajjiżi tagħna fil-mira.

Entitajiet barranin qed jiffinanzjaw istituti li jimminaw il-valuri tagħna.

Id-diżinformazzjoni tagħhom qed tinfirex mill-internet għas-swali tal-universitajiet tagħna.

Aktar kmieni din is-sena, università f' Amsterdam għalqet ċentru ta' riċerka allegatament indipendenti, li fil-verità kien iffinanzjat minn entitajiet Ċiniżi.

Il-futur tagħna jiddependi wkoll fuq il-kapaċità tagħna li ninvolve ruħna lil hinn miċ-ċentru tas-sħab demokratiċi tagħna.



Dan iċ-ċentru kien qed jippubblika l-hekk imsejġha riċerka dwar id-drittijiet tal-bniedem, u ċaħad l-evidenza ta' kampijiet tax-xogħol furzat għall-Ujguri billi ddeskrivihom bħala "xnigħat".

Dan il-gideb huwa tossiku għad-demokraziji tagħna.

Aħsbu dwar dan: Introduċejna leġiżlazzjoni biex jiġi skrinjat l-investiment dirett barrani fil-kumpaniji tagħna għal tħassib dwar is-sigurtà.

Jekk nagħmlu dan għall-ekonomija tagħna, ma għandniex nagħmlu l-istess għall-valuri tagħna?

Jeħtieġ li nħarsu lilna nfusna aħjar mill-interferenza malizzjuża.

Huwa għalhekk li se nippreżentaw pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija.

Dan se jwassal iwassal biex jixħet dawl fuq l-influenza barranija moħbija u finanzjament dubjuż.

Mhu se nippermettu lil ebda żiemel ta' Trojja ta' awtokrazija jattakka d-demokraziji tagħna minn ġewwa.

Għal aktar minn 70 sena, il-kontinent tagħna mexxa lejn id-demokrazija. Iżda l-kisbiet tal-vjaġġ twil tagħna mhumiex assigurati.

Ħafna minna ħadu d-demokrazija bħala fatt kompjut għal wisq żmien. Speċjalment dawk, bħali, li qatt ma esperjenzaw xi jfisser li jgħixu taħt reġim awtoritarju.

Illum ilkoll naraw li rridu niġġieldu għad-demokraziji tagħna. Kull ġurnata.

Irridu nipproteġuhom kemm mit-theddid estern li jaffaċċaw, kif ukoll mill-vizzji li jħassruhom minn ġewwa.

Huwa d-dmir u r-rwol l-aktar nobbli tal-Kummissjoni tiegħi li ttiproteġi l-istat tad-dritt.

Irridu niġġieldu għad-demokraziji tagħna.
Kull ġurnata.

Għalhekk, ippermettuli nassigurakom: se nkomplu ninsistu fuq l-indipendenza ġudizzjarja.

U se nipproteġu wkoll il-baġit tagħna permezz tal-mekkaniżmu ta' kondizzjonalità.



U llum nixtieq niffoka fuq il-korruzzjoni, bl-uċuħ kollha tagħha. Il-wiċċ ta' aġenti barranin li jipprovaw jinfluwenzaw is-sistema politika tagħna. Ta' kumpaniji jew fondazzjonijiet dubjużi li jabbużaw mill-flus pubbliċi.

Jekk irridu nkunu kredibbli meta nitolbu lill-pajjiżi kandidati jsaħħu d-demokrazija tagħhom, irridu neqirdu wkoll il-korruzzjoni f'darna.

Huwa għalhekk li fis-sena li ġejja l-Kummissjoni se tippreżenta miżuri biex jiġi aġġornat il-qafas leġiżlattiv tagħna għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Se ngħollu l-istandards dwar reati bħall-arrikkiment illeċitu, l-abbuż mill-influwenza u l-abbuż tal-poter, lil hinn mir-reati aktar klassiċi bħat-tixħim.

U se niproponu wkoll li l-korruzzjoni tiġi inkluża fir-reġim ta' sanzjonijiet tagħna tad-drittijiet tal-bniedem, l-għodda l-ġdida tagħna biex niproteġu l-valuri tagħna barra mill-pajjiż.

Il-korruzzjoni ddgħajjef il-fiduċja fl-istituzzjonijiet tagħna. Għalhekk, irridu niġġieldu lura bil-forza sħiħa tal-liġi.

Onorevoli Membri,

Il-fundaturi tagħna kellhom biss l-għan li jpoġġu l-ewwel ġebbla ta' din id-demokrazija.

Huma dejjem ħasbu li l-ġenerazzjonijiet futuri se jlestu xogħolhom.

"Id-demokrazija ma ħarġitx mill-moda, iżda trid taġġorna lilha nnifisha sabiex tkompli ttejjeb ħajjet in-nies."

Dan huwa l-kliem ta' David Sassoli – Ewropew kbir, li lkoll nagħtuh ġieħ illum.

David Sassoli kien jaħseb li l-Ewropa għandha dejjem tfittex orizzonti ġodda.

U permezz tar-reklami ta' dawn iż-żminijiet, bdejna naraw x'jista' jkun l-orizzont il-ġdid tagħna.

Unjoni aktar qalbiena.

Eqreb tal-poplu tagħha fi żminijiet ta' bżonn.

Aktar kuraġġuża fir-rispons għall-isfidi storiċi u t-tħassib ta' kuljum tal-Ewropej. U li tieqaf man-nies meta jaffaċċaw il-provi kbar tal-ħajja.

Il-korruzzjoni
ddgħajjef il-fiduċja
fl-istituzzjonijiet
tagħna. Għalhekk,
irridu niġġieldu lura
bil-**forza sħiħa**
tal-**liġi**.



Il-Panels taċ- Ċittadini li kienu ċentrali għall- Konferenza issa se jsiru karatteristika regolari tal-ħajja demokratika tagħna.

Huwa għalhekk li l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa kienet daqshekk importanti.

Permezz tagħha, stajna nieħdu idea ta' tip differenti ta' involviment taċ-ċittadini, ferm lil hinn minn jum l-elezzjoni.

U wara li l-Ewropa semgħet il-vuċi taċ-ċittadini tagħha, issa jeħtieġ li nagħtu riżultati.

Il-Panels taċ-Ċittadini li kienu ċentrali għall-Konferenza issa se jsiru karatteristika regolari tal-ħajja demokratika tagħna.

U fl-Ittra ta' Intenzjoni li bgħatt illum lill-President Metsola u lill-Prim Ministru Fiala, iddeskrivejt għadd ta' proposti għas-sena li ġejja li jirriżultaw mill-konklużjonijiet tal-Konferenza.

Dawn jinkludu pereżempju inizjattiva ġdida dwar is-saħħa mentali.

Jenħtieġ li nieħdu ħsieb aħjar ta' xulxin. U għal ħafna li jħossuhom ansjużi u mitlufa, appoġġ xieraq, aċċessibbli u affordabbli jista' jagħmel id-differenza kollha.

Onorevoli Membri,

L-istituzzjonijiet demokratiċi jridu kontinwament jiksbu u jiksbu mill-ġdid il-fiduċja taċ-ċittadini.

Irridu nlaħħqu mal-isfidi l-ġodda li l-istorja dejjem tpoġġi quddiemna.

Bħalma għamlu l-Ewropej meta miljuni ta' Ukreni ġew iħabbtu fuq il-bieb tagħhom.

Din hija l-Ewropa fl-aqwa tagħha.

Unjoni ta' determinazzjoni u solidarjetà.

Iżda din id-determinazzjoni u spinta għas-solidarjetà għadhom neqsin mid-dibattitu tagħna dwar il-migrazzjoni.

L-azzjonijiet tagħna lejn ir-refuġjati Ukreni ma jridux ikunu eċċezzjoni. Dawn jistgħu jkunu l-pjan ta' azzjoni tagħna biex nimxu 'l quddiem.



Neħtieġu proċeduri ġusti u rapidi, sistema li tkun reżistenti għall-kriżijiet u li tiġi implimentata malajr, u mekkaniżmu permanenti u legalment vinkolanti li jiżgura s-solidarjetà.

U fl-istess ħin, neħtieġu kontroll effettiv tal-fruntieri esterni tagħna, f'konformità mar-rispett tad-drittijiet fundamentali.

Irrid Ewropa li timmaniġġja l-migrazzjoni b'dinjità u rispett.

Irrid Ewropa fejn l-Istati Membri kollha jerfgħu r-responsabbiltà għall-isfidi li lkoll naqsmu.

U rrid Ewropa li turi solidarjetà mal-Istati Membri kollha.

Sar progress fil-Patt, issa għandna r-Roadmap. U issa għandna bżonn ir-rieda politika li tirrifletti dan.

Onorevoli Membri,

Tliet ġimgħat ilu, kelli l-opportunità inkredibbli li ningħaqad ma' 1 500 żagħżuġ u żagħżuġha mill-Ewropa kollha u mid-dinja kollha, li ltaqgħu f'Taizé.

Għandhom fehmiet differenti, ġejjin minn pajjiżi differenti, għandhom sfondi differenti, jittkellmu lingwi differenti.

Madankollu, hemm xi ħaġa li tgħaqqadhom.

Huma jikkondividu sett ta' valuri u ideali.

Huma jemmnu f'dawn il-valuri.

Ilkoll għandhom passjoni dwar xi ħaġa akbar minnhom infushom.

Din il-ġenerazzjoni hija ġenerazzjoni ta' nies li joħolmu iżda wkoll ta' nies li jieħdu azzjoni.

Fl-aħħar diskors tiegħi dwar l-Istat tal-Unjoni, għeditkom li nixtieq li l-Ewropa tidher aktar bħal dawn iż-żgħażaġh.

Għandna nqiegħdu l-aspirazzjonijiet tagħhom fil-qalba ta' dak kollu li nagħmlu.



U rrid
Ewropa li turi
solidarjetà
mal-Istati
Membri
kollha.



U l-post għal dan jinsab fit-Trattati fundaturi tagħna.

Kull azzjoni li tiegħu l-Unjoni tagħna għandha tkun ispirata minn prinċipju sempliċi.

Li ma għandna nagħmlu l-ebda ħsara lill-futur ta' wliedna.

Li għandna nħallu d-dinja post aħjar għall-ġenerazzjoni li jmiss.

U għalhekk, Onorevoli Membri, nemmen li wasal iż-żmien li nnaqqu s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet fit-Trattati tagħna.

Wasal iż-żmien li tiġġedded il-wegħda Ewropea.

—
Kif talab dan il-Parlament, nemmen li wasal il-mument għal **Konvenzjoni Ewropea.**

U jeħtieġ ukoll li ntejbu l-mod kif nagħmlu l-affarijiet u l-mod kif niddeċiedu l-affarijiet.

Xi wħud jistgħu jgħidu li dan mħuwiex iż-żmien it-tajjeb. Iżda jekk aħna serji dwar it-tnejjija għad-dinja ta' għada rridu nkunu kapaċi naġixxu fuq l-affarijiet li huma l-aktar importanti għan-nies.

U bħalma aħna serji dwar unjoni akbar, irridu nkunu serji wkoll dwar ir-riforma.

Għalhekk, kif talab dan il-Parlament, nemmen li wasal il-mument għal Konvenzjoni Ewropea.



KONKLUŻJONI

Onorevoli Membri,

Jgħidu li d-dawl jiddi l-aktar fid-dlam.

U dan kien ċertament minnu għan-nisa u t-tfal li qed jaħarbu mill-bombi tar-Russja.

Huma ħarbu minn pajjiż fi gwerra, mimlijin bid-dwejjaq għal dak li ħallew warajhom, u biża' għal dak li jista' jkun għadu ġej.

Iżda ntlagħhu bil-bibien miftuħa. Minn ħafna ċittadini bħal Magdalena u Agnieszka. Żewġ nisa żgħażaġh altruwisti mill-Polonja.

Hekk kif semgħu dwar il-ferroviji mimlija refuġjati, huma ħeffew lejn l-Istazzjon Ċentrali ta' Varsavja.

Bdew jorganizzaw.

Tellgħu tinda biex jgħinu kemm jista' jkun nies.

Għamlu kuntatt mal-ktajjen tas-supermarkets għall-ikel, u mal-awtoritajiet lokali biex jorganizzaw karożżi tal-linja lejn iċ-ċentri tal-ospitalità.

Fi ftit jiem, dawn gábru 3 000 voluntier, biex ikunu jistgħu jilqgħu lir-refuġjati f'kull ħin, lejl u nhar.

Onorevoli Membri,

Magdalena u Agnieszka jinsabu magħna llum.

Jekk jogħġbokom ingħaqdu miegħi biex nagħtu ċapċipa kemm lilhom u kemm lil kull Ewropew li fetaħ qalbu u daru.

L-istorja tagħhom hija dwar dak kollu li l-Unjoni tagħna tirrappreżenta u tistinka għalih.

Hija storja ta' qalb, karattru u solidarjetà.

Huma wrew lil kulħadd dak li l-Ewropej jistgħu jiksbu meta naħdmu madwar missjoni komuni.

Dan huwa l-ispirtu tal-Ewropa.

Unjoni b'saħħitha flimkien.

Unjoni li tipprevali flimkien.

Viva l-Ewropa.



**ITTRA TA'
INTENZJONI
LILL-PRESIDENT
ROBERTA METSOLA
U LILL-PRIM MINISTRU
PETR FIALA**

**L-ISTAT
TAL-UNJONI
2022**

Brussell, l-14 ta' Settembru 2022

Għażiża President Metsola,

Għażiż Prim Ministru Fiala,

Għaddew f'it aktar minn 200 jum minn meta bdiet il-gwerra ta' aggressjoni brutali u krudili tar-Russja kontra l-Ukrajna. Mitejn jum li fihom il-poplu tal-Ukrajna soffra tant – iżda li fihom wera daqstant kuraġġ u determinazzjoni. Mitejn jum ta' appoġġ magħqud, bla heda u sod min-nies, min-nazzjonijiet u mill-istituzzjonijiet li jiffurmaw l-Unjoni Ewropea tagħna.

Dak li qiegħed f'periklu għandu x'jaqsam mal-Ukrajna. Iżda jirrigwarda wkoll dak li tirrappreżenta l-Unjoni Ewropea: il-libertà, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-valuri kollha li jikkostitwixxu s-sisien tagħna.

U meta qed ninġemgħu għad-dibattitu ta' din is-sena dwar l-Istat tal-Unjoni, flimkien qed naffermaw mill-ġdid l-impenn tagħna li nappoġġaw lill-Ukrajna b'kull mod possibbli. U nkomplu nsaħħu **l-appoġġ tagħna għall-Ewropej kollha li qed jiffaċċjaw diffikultajiet** hekk kif in-nies u l-kumpaniji jfittxu li jlaħħqu mal-ħajja, hekk kif l-għoli tal-ħajja kompli jiżdied, wara li dan l-aħħar huma ffaċċjaw l-impatt tal-pandemija u tal-lockdowns.

Għaldaqstant, l-ewwel prijorità tal-Kummissjoni għas-sena li ġejja se jkun l-appoġġ għall-Ewropej waqt dawn iż-żminijiet ta' prova. F'dan l-ispirtu l-Kummissjoni qed tippreżenta sensiela ta' proposti biex ittaffi l-impatt tal-kriżi tal-enerġija fuq daww l-unitajiet domestiċi u n-negozji l-aktar fil-bżonn, u tgħinhom jadattaw ruħhom. Din hija l-aħħar waħda minn għadd ta' miżuri biex insaħħu r-reżiljenza tagħna minn mindu bdiet il-gwerra, b'mod partikolari biex inxejnu d-dipendenzi tagħna fuq l-enerġija. Permezz ta' **REPowerEU**, ħaffifna l-ħidma għad-diversifikazzjoni tal-provvista lil hinn mill-fjuwils fossili tar-Russja, ħaffifna l-introduzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, filwaqt li xprunajna l-iffrankar tal-enerġija u żidna l-kapaċitajiet ta' ħażna tagħna.

Mill-bidu tal-aggressjoni tar-Russja, l-Unjoni Ewropea wriet kemm tista' tirreaġixxi malajr u b'saħħa meta taġixxi flimkien. Adottajna sanzjonijiet rapidi u ħorox ma' bosta mis-sħab globali tagħna, li issa qegħdin joqorsu fil-laħam il-ħaj l-ekonomija u l-industrija tar-Russja. Bħala Tim Ewropa, aħna pprovdejna aktar minn EUR 19-il biljun f'assistenza finanzjarja lill-**Ukrajna**, mingħajr ma ngħoddu l-appoġġ militari. Attivajna d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja li tagħti lir-refuġjati Ukreni aċċess għall-impjiegi, għall-akkomodazzjoni, għall-edukazzjoni u għall-kura tas-saħħa fl-UE. Ħadna azzjoni biex niffaċilitaw il-kummerċ u stabbilejna Korsiji ta' Solidarjetà biex ngħinu l-esportazzjonijiet Ukreni u biex nissalvagwardjaw is-sigurtà alimentari globali. U storikament, tajna wkoll status ta' kandidat lill-Ukrajna u lill-Moldova biex jibdedw mixjiethom lejn l-Unjoni tagħna. L-Ewropa wriet, fl-aħħar sena, li hija Unjoni ġeopolitika – u rridu nkomplu nuru ħila ta' tmexxija, filwaqt li naħdmu mas-sħab tagħna fid-dinja. Dan jinkludi wkoll li nsaħħu r-reżiljenza u s-sigurtà tagħna billi nqawwu ċ-ċibersigurtà u nżidu l-ħidma tagħna fuq id-difiża.

Fis-sena li ġejja l-aħjar mod biex jiġu ttrattati dawn l-isfidi urġenti huwa wkoll billi **nżommu r-rotta** tal-pjan li stabbilejna flimkien f'dan il-mandat. It-trasformazzjonijiet diġitali u ekoloġiċi ewlenin li bdejna flimkien ħadu importanza addizzjonali biss wara li ssarajna mal-pandemiji u l-lockdowns, u issa ma' gwerra fil-fruntiera tagħna. Dan huwa dwar il-bini ta' futur aħjar għall-ġenerazzjoni li jmiss, u biex nagħmlu lilna nfusna aktar reżiljenti u aktar ippreparati għall-isfidi li ġejjin.

Dan kollu jibda bl-implimentazzjoni ta' dak li diġà ġie miftiehem. Jinkludi l-implimentazzjoni ta' ftehimiet importanti marbutin mal-Att dwar is-Swieq Diġitali u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali li raw lill-UE tiegħu rwol ta' tmexxija globali fir-regolamentazzjoni tal-ispazju diġitali biex tagħmlu aktar sikur u miftuħ. Se nkomplu nħarsu lejn opportunitajiet u xejriet diġitali ġodda, bħall-metaverse. Dan ifisser

ukoll li tkompli l-*ħidma fuq l-investiment u r-riformi permezz ta' **NextGenerationEU***, li minnhom EUR 700 biljun għad iridu jiġu investiti fis-snin li ġejjin. Bl-istess mod, irridu nkomplu nużaw il-qawwa tal-baġit tal-UE biex niżguraw li dan jappoġġa bl-aħjar mod lin-nies u lill-ekonomija. Meta nħarsu 'l quddiem, irridu nevalwaw ukoll kif il-COVID, il-gwerra u l-effetti konsegwenzjali tagħhom qed jaffettwaw il-baġit fit-tul tagħna. Għal dan il-għan, fis-sena li ġejja se nippreżentaw ir-**rieżami ta' nofs it-terminu** tal-baġit fit-tul.

Huwa essenzjali li nkomplu l-*ħidma tagħna **biex naslu għal qbil dwar il-proposti leġiżlattivi li l-Kummissjoni diġà ppreżentat***. Irridu nringrazzjaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-kooperazzjoni u l-isforzi tagħhom meta jaqblu dwar tant proposti urġenti b'din il-ħeffa – kemm dwar iċ-ċertifikat tal-COVID-19, ir-regoli diġitali jew il-paga minima. Irridu nħaffu dan l-approċċ, b'mod partikolari dwar il-fajls ewlenin tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u biex nilħqu l-għanijiet tagħna tan-newtralità klimatika.


Se nippreżentaw ukoll għadd ta' proposti speċifiċi ġodda li huma essenzjali biex nirrispondu għall-isfidi fuq terminu qasir, jew l-objettivi fit-tul tagħna. Minħabba l-ħtieġa tal-koleġiżlaturi biex jagħtu prijoriżat lill-adozzjoni tal-proposti fis-sena li ġejja, il-lista tiffoka fuq l-azzjoni fejn hija l-aktar meħtieġa. Il-lista ta' hawn taħt tenfasizza l-inizjattivi ewlenin għall-2023. Hija bbażata fuq id-diskussjonijiet tagħna mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill u se tiġi kkomplementata mill-**Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni** li jmiss u djalogu interistituzzjonali kontinwu.

Il-programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2023 se jkun ukoll fil-biċċa l-kbira ispirat mill-eżitu tal-**Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa**. Dan jirrifletti mhux biss l-impenn komuni tagħna biex nifitħu widnejna għall-aspettattivi taċ-ċittadini, iżda jirrifletti wkoll is-suċċess qawwi tal-Konferenza, kemm bħala eżerċizzju fid-demokrazija parteċipattiva kif ukoll bħala mod kif intejbu t-tfassil tal-politika tagħna. Il-lista ta' hawn taħt tinkludi l-proposti li rriżultaw direttament mir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini, bħall-inizjattiva dwar is-saħħa mentali – wieħed mill-oqasma l-ġodda li l-Konferenza talbitna naħdmu fuqhom. Se ninkludu l-Panels taċ-ċittadini fil-ġabra ta' għodod tagħna għat-tfassil tal-politika sabiex dawn ikunu jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet qabel ċerti proposti ta' politika ewlenin, u se nibdew bil-ħidma li jmiss dwar il-ħela tal-ikel. Filwaqt li nkomplu nibnu fuq is-suċċess tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġġ, terz tal-parteċipanti se jkunu żgħażaġġ.

Għall-Ewropa – issa aktar minn qatt qabel – is-solidarjetà hija d-destin tagħna. Aktar ma ningħaqdu flimkien, aktar ma nkunu uniti, aktar nistgħu noħorġu mis-sena li ġejja bħala Unjoni aktar b'saħħitha, u nkunu nistgħu nħejju d-dinja ta' għada aħjar. Din se tkun il-missjoni kollettiva tagħna tas-sena, u tistgħu sserrħu fuq il-Kummissjoni li din se taħdem magħkom f'kull pass tat-triq.



Ursula von der Leyen



Maroš Šefčovič

INIZJATTIVI ĠODDA EWLENIN GĦALL-2023

L-inizjattivi li direttament isegwu jew indirettament jikkontribwixxu għal proposta tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa huma mmarkati b'asterisk (*).

PATT EKOLOĠIKU EWROPEW

- *Reviżjoni tar-regoli tas-suq intern tal-elettriku tal-UE*
- *Proposta biex jinħoloq Bank tal-Idroġenu tal-UE*
- *Reviżjoni tal-qafas dwar l-iskart biex jitnaqqas l-iskart, inkluż l-iskart tal-ikel, u l-impatt ambjentali tal-immaniġġjar tal-iskart **
- *Proposta leġiżlattiva dwar pjanti prodotti b'ċerti tekniki ġenomiċi ġodda **
- *Reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali **

EWROPA LESTA GĦALL-ERA DIĠITALI

- *Att Ewropew dwar il-materja prima kritika **
- *Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs, inkluża d-Direttiva dwar il-Flas Tard*
- *Inizjattiva dwar id-dinjiet virtwali, bħall-metaverse*
- *Pakkett ta' Liċenzji għall-Privattivi*
- *Proposta leġiżlattiva dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-asbestos fil-bini **
- *Proposta għas-Sena Ewropea tal-Ħiliet*

EKONOMIJA GĦAS-SERVIZZ TAN-NIES

- *Rieżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 **
- *Rieżami tal-Governanza Ekonomika*
- *Proposta leġiżlattiva dwar it-tieni ġabra ta' riżorsi proprji ġodda **
- *Proposta leġiżlattiva dwar in-Negozju fl-Ewropa: qafas għat-Tassazzjoni fuq l-Introjtu "BEFIT" **
- *Aċċess għad-data fis-servizzi finanzjarji **
- *Proposti leġiżlattivi dwar it-twaqqif ta' euro diġitali **

EWROPA AKTAR B'SAĦĦITHA FID-DINJA

- *Strateġija spazjali tal-UE għas-sigurtà u d-difiża **
- *Aġenda Ġdida għall-Amerika Latina u għall-Karibew*
- *Aġġornament tal-istrateġija tas-sigurtà marittima tal-UE*
- *Aġġornament tar-reġim ta' sanzjonijiet b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem*

IL-PROMOZZJONI TAL-ISTIL TA' ĦAJJA EWROPEW TAGĦNA

- *Approċċ komprensiv għas-saħħa mentali. **
- *Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi*
- *Proposta leġislattiva dwar id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-faċilitazzjoni tal-ivvjaġġar*
- *Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal*
- *Inizjattiva dwar l-Akkademja tal-Ħiliet taċ-Ċibersigurtà*

SPINTA ĠDIDA GĦAD-DEMOKRAZIJA EWROPEA

- *Id-difiża tal-pakkett dwar id-demokrazija, inkluża l-inizjattiva dwar il-protezzjoni tal-isfera demokratika tal-UE minn influwenzi barranin moħbijin*
- *Pakkett kontra l-korruzzjoni*
- *Proposta leġislattiva dwar il-Karta tad-Diżabilità Ewropea **

KISBIET

L-ISTAT
TAL-UNJONI
2022

STORJA PIJUNIERA TA' REŻILJENZA DEMOKRATIKA

F'Diċembru 2019, il-Kummissjoni von der Leyen stabbiliet **perkors ġdid u ambizzjuż lejn Unjoni Ewropea aktar ekoloġika, aktar diġitali u aktar ġusta**. Permezz ta' żewġ avvenimenti dinjija storiċi - il-pandemija tal-coronavirus u l-gwerra krudili tar-Russja kontra l-Ukrajna - l-Ewropa kienet magħquda kemm fil-ġlieda tagħha kontra l-virus kif ukoll mal-poplu tal-Ukrajna. Filwaqt li għamilna dan, mhux biss żammejna iżda aċċellerajna wkoll il-perkors ambizzjuż tagħna 'l quddiem. Flimkien, qed insawru l-futur.

Ir-rispons tal-Ewropa għaż-żewġ kriżijiet li se jiddefinixxu l-epoka ta' żminijietna seta' ssorprennda lid-dinja. L-ewwel, kien hemm il-COVID-19. Il-pandemija kellha impatt kbir, iżda flimkien salvajna għadd kbir ta' ħajjiet u għinna lill-ekonomija tagħna tirkupra fi żmien rekord. Bis-saħħa tal-istrateġija għall-vaċċini tal-Kummissjoni Ewropea, **83,4 % tal-popolazzjoni adulta fl-UE rċeviet vaċċinazzjoni primarja (doża waħda jew tnejn)** kontra l-marda. L-UE hija l-akbar fornitur fid-dinja tal-vaċċini kontra l-COVID-19. Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE pproteġa d-dritt fundamentali għall-moviment liberu, u sar standard globali.

Għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, il-Kummissjoni ġabret riżorsi enormi mis-swieq kapitali biex tappoġġa l-irkupru ekonomiku u r-riformi fl-Istati Membri. Il-pjan ta' rkupru tagħna, **NextGenerationEU**, ta fiduċja ġdida fil-futur lill-familji, lin-negozji u lill-investituri fl-UE. Ir-rispons tagħna għall-pandemija mhux biss għamilna aktar reżiljenti għall-COVID-19 u t-theddid futur għas-saħħa, iżda saħħaħ ukoll ir-reżiljenza tad-demokrazija u tal-ekonomija fl-Ewropa.

Imbagħad, kien hemm l-aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Kontinent sħiħ immobilizza biex jappoġġa lill-Ukreni. B'ħeffa u unità mingħajr preċedent, l-UE imponiet

sanzjonijiet severi fuq il-magna tal-gwerra ta' Vladimir Putin. Appoġġati minn sħab minn madwar id-dinja, **is-sanzjonijiet qed ikollhom impatt qawwi fuq l-ekonomija tar-Russja u qed jagħmlu ħsara lill-kapaċità tal-Kremlin li jmexxi l-gwerra**. Qtajna l-aċċess tar-Russja għas-sistema finanzjarja internazzjonali billi keċċejnieha mis-SWIFT, qed niffriżaw u nissekwestraw l-assi tal-oligarki marbuta mal-Kremlin u qed inrażżnu l-kumpless militari industrijali tar-Russja billi naqtgħu l-aċċess tagħha għal teknoloġiji avvanzati.

It-tweġiba tal-Unjoni Ewropea għall-isfidi l-kbar li qed niffaċċjaw hija **ggwidata minn valuri demokratiċi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli** u bbażata fuq ekonomija għas-servizz tan-nies.



B'mod parallel, il-Kummissjoni ppreżentat **REPowerEU, il-pjan rivoluzzjonarju tal-Ewropa biex tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili Russi**. Qed niddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija tagħna, inżidu l-effiċjenza fl-enerġija u naċċelleraw l-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. It-tranżizzjoni ekoloġika mhijjex biss tajba għas-saħħa tan-nies u l-pjaneta, iżda ssaħħaħ ukoll is-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa. Jekk Putin kien qed jipprova jaqsam l-Ewropa, huwa kiseb eżattament l-oppost. L-UE hija aktar magħquda minn qatt qabel, u qed naħdmu flimkien f'din il-gwerra.

It-tweġiba tal-Unjoni Ewropea għall-isfidi l-kbar li qed niffaċċjaw hija ggwidata minn valuri demokratiċi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u bbażata fuq ekonomija għas-servizz tan-nies. L-UE għandha **l-aktar suq tax-xogħol b'saħħtu f'deċennji** minħabba li l-Kummissjoni għenet lill-Istati Membri jappoġġaw lill-ħaddiema u lin-negozji matul il-lockdowns. Bin-NextGenerationEU, qed ninvestu fl-industrija, l-infrastruttura u l-impjegi Ewropej. Il-proposta tal-**Att Ewropew dwar iċ-Ċipep**, pereżempju, qed tibni fuq il-bażi tar-riċerka tas-semikondutturi ta' klassi dinjija tal-Ewropa biex tixpruna l-produzzjoni mill-aktar avvanzata. Il-**Global Gateway**, l-istrateġija l-għdida ta' investiment globali tal-Ewropa, qed tgħin biex jiġu aċċellerati t-tranżizzjonijiet ġusti, ekoloġiċi u diġitali madwar id-dinja.

Dawn l-aħħar sentejn u nofs ikkonfermaw li **s-saħħa tal-Ewropa hija l-unità tagħha**, u din l-unità hija bbażata fuq il-valuri demokratiċi kondiviżi tagħna: l-impenn tagħna għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem; il-protezzjoni ta' stampa ħielsa u indipendenti; ir-rispett tal-istat tad-dritt; u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, ir-rurali u l-urbani, iż-żgħażaġħ u l-anzjani. Irrispettivament minn kif tagħżel li tidentifika, fl-Ewropa inti liberu li tkun inti nnifsek. Id-demokraziji għandhom jinħadmu u jiġġeddu kuljum, u dan jeħtieġ li

ċ-ċittadini jingħataw is-setgħa li jittkellmu. **Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa**, li ntemmet fid-9 ta' Mejju 2022, użat din ir-riżerva profonda ta' kreattività u enerġija, biex tagħti s-setgħa liċ-ċittadini biex isawru l-futur tal-Unjoni Ewropea tagħna. Il-Kummissjoni semgħet, u issa wasal iż-żmien li tagħti r-riżultati.

Hemm arkata fl-istorja tal-Ewropa milwija lejn id-demokrazija u l-għaqda. Mit-telfa tal-faxxiżmu fl-1945 sa tmiem id-dittatorjat fil-Greċja u fil-Peniżola Iberika fis-snin sebgħin, u mill-waqgħa tal-Ħajt ta' Berlin fl-1989 u r-rikonċiljazzjoni tal-Lvant u l-Punent għall-**għlieda tal-Ukrajna għal-libertà u d-demokrazija** kontra l-aggressjoni Russa, hemm sforz konsistenti u fit-tul lejn aktar demokrazija fl-Ewropa. U f'kull każ ta' bidla, huma **n-nies – l-ilħna, il-kuraġġ u t-talbiet tagħhom għall-ġustizzja – li jwasslu għal din il-bidla**. Din hi l-istorja tal-Unjoni Ewropea. Huwa dak li jagħmilna Ewropej b'saħħitna u kunfidenti dwar il-futur.



1. L-EWROPEJ JAPPOĠĠAW LILL-UKRAJNA, GĦAD-DEMOKRAZIJA U L-PAĊI

SOLIDARJETÀ KBIRA MAL-UKRAJNA

Miljuni ta' Ukreni fittxew kenn fl-Unjoni Ewropea, mifruda mill-familji tagħhom u minn pajjiżhom minħabba l-bombi ta' Putin. Ix-xeni tal-gwerra huma devastanti. Iżda l-qlubija tar-reżistenza Ukrena, u l-immaġnijiet taċ-ċittadini tal-UE li jilqgħu lir-refuġjati, juru stampa oħra - dawn xhieda ta' storja ta' tama. **L-Ukrajna u l-Unjoni Ewropea qatt ma kienu eqreb.** Sakemm l-Ukreni jkunu jistgħu jirritornaw lura d-dar b'mod sikur u jibnu mill-ġdid il-pajjiż indipendenti u demokratiku tagħhom fil-paċi, aħna se nilqgħuhom u nappoġġawhom. Għax huma parti mill-familja Ewropea tagħna.

L-ewwel prijorità tar-rispons tal-Unjoni Ewropea hija l-protezzjoni taċ-ċivili Ukreni. Filwaqt li taħdem mas-sħab tagħna fil-prattika, il-Kummissjoni qed tiżgura **l-għoti tal-għajjnuna umanitarja** u l-ftuħ ta' kurituri umanitarji li jiggarrantixxu evakwazzjoni ħielsa u sikura. Minn Ġunju 2022, l-UE pprovdiet aktar minn EUR 348 miljun f'għajjnuna umanitarja lill-Ukrajna, pereżempju biex tipprovdli ikel, ilma, kenn u kura tas-saħħa lill-persuni l-aktar vulnerabbli.

Mill-bidu tal-attakk brutali tar-Russja fuq l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022, **għew reġistrati aktar minn 8,2 miljun entrata minn ċittadini Ukreni lejn l-UE,**

prinċipalment nisa, tfal u anzjani. Is-solidarjetà kbira li wrew iċ-ċittadini tal-UE lejn ir-refuġjati Ukreni - b'mod partikolari fl-Istati Membri fil-fruntiera mal-Ukrajna (l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja), iżda kullimkien madwar l-Unjoni - uriet l-aħjar fost il-valuri Ewropej u l-attitudni miftuħa lejn l-oħrajn. Il-maġġoranza tar-refuġjati Ukreni - aktar minn 5,24 miljuni - qasmu l-fruntiera fil-Polonja, u ċ-ċittadini Pollakki fetħu qlubhom, djarhom u bliethom biex jagħtuhom kenn.



Grupp ta' ċittadini f'**Varsavja** nieda l-ħanut "Pulawska 20" biex jiġbor u jikkonsenja l-ikel, il-kożmetiċi u l-ħwejjeġ b'xejn lir-refuġjati Ukreni u lil dawk spostati internament.


Aktar minn 4 miljun Ukren

irreġistraw għal protezzjoni temporanja fl-UE.



L-ewwel darba fl-istorja tal-Unjoni Ewropea tagħna, fit-2 ta' Marzu 2022 il-Kummissjoni Ewropea pproponiet id-**Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja**. Dan ifisser li r-refuġjati Ukreni għandhom protezzjoni sħiħa immedjata fl-UE:

Kiril Slavov, żagħżuġ Bulgaru trux li kiber fi Stokkolma, jgħin lill-Ukreni torox biex jaħarbu mill-gwerra u jerġgħu jibdeu ʔajjithom f'**Sofja**. Huwa jassistihom billi jittraduċi fil-lingwa tas-sinjali internazzjonali, u jgħinhom isibu xogħol.



Il-Kummissjoni aġixxiet b'ħeffa u solidarjetà biex tappoġġa lill-Istati Membri tal-UE fil-prattika. Bil-**CARE** (l-azzjoni tal-koeżjoni għar-refuġjati fl-Ewropa), l-Istati Membri jistgħu jużaw il-fondi ta' koeżjoni tal-UE biex jipprovdu appoġġ ta' emerġenza lir-refuġjati. EUR 3,5 biljun mill-istrument tal-kriżi tal-pandemija **REACT-EU** sar ukoll immedjatament disponibbli għall-Istati Membri. F'Ġunju 2022, il-

Kummissjoni adottat il-proposta FAST-CARE, li tipprovdi EUR 3,5 biljun addizzjonali f'pagamenti ta' prefinanzjament lill-Istati Membri u tiżgura li mill-inqas 30 % tar-riżorsi relatati għandhom jingħataw lil operazzjonijiet ġestiti minn awtoritajiet lokali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jindirizzaw sfidi migratorji.



Permezz tal-**akbar mobilizzazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili**, is-27 Stat Membru, flimkien mal-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja u t-Turkija, ipprovdew **aktar minn 66 000 tunnellata ta' għajnuna** lill-Ukrajna, inkluż ikel, kaxxi tal-ewwel għajnuna u lbies protettiv, iżda wkoll tagħmir strateġiku bħal sptarjiet mobbli, provvisti tal-enerġija u magni għat-tifi tan-nar, b'valur finanzjarju tal-appoġġ tal-UE permezz tal-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili ta' aktar minn EUR 425 miljun. Intbagħtu wkoll fl-Ukrajna kumulazzjonijiet ta' riżervi mediċi tal-UE permezz tar-**rescEU**, inklużi ventilaturi, pompi tal-infużjoni, monitors tal-pazjenti, maskri u ġagagi, apparati ultrasound, koncentraturo tal-ossiġenu u ħafna aktar. Minħabba l-iskala ta' din l-operazzjoni, l-UE stabbiliet ċentri loġistiċi fil-viċinat tal-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja biex tikkordina l-konsenji. Fl-Ukrajna ġew stabbiliti wkoll żewġ imħażen umanitarji u operazzjonijiet loġistiċi ffinanzjati mill-UE.

Fil-11 ta' Marzu 2022, tnediet l-ewwel operazzjoni Medevac. Minn dak iż-żmien 'l hawn, aktar minn 1 000 pazjent mill-Ukrajna li jeħtieġu trattament kontinwu jew assistenza medika urġenti ġew trasferiti fi sptarjiet fl-UE bl-għajnuna tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili. Żdied **ajruplan ġdid ta' evakwazzjoni medika** mal-flotta tar-**rescEU** tal-UE biex jgħin fit-trasport ta' pazjenti Ukreni li jeħtieġu kura tas-saħħa urġenti.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni żiedet l-isforzi tagħha biex tilħaq kemm lill-komunitajiet li jirkellmu bl-Ukren kif ukoll dawk li jirkellmu bir-Russu, b'enfasi partikolari fuq l-għoti ta' informazzjoni lir-refuġjati dwar l-appoġġ tal-UE. Il-Kummissjoni nediet malajr **sit web iddedikat dwar is-solidarjetà mal-Ukrajna**, disponibbli għall-ewwel darba kemm bl-Ukren kif ukoll bir-Russu. Biex tilħaq direttament lin-nies fl-Ukrajna u udjenzi li jirkellmu bir-Russu, il-Kummissjoni ngħaqdet ukoll ma' Telegram. Iċ-ċentru ta' kuntatt ta' Europe Direct wieġeb għal madwar 10 000 mistoqsija b'rabta mal-kriżi tal-Ukrajna u s-sitwazzjoni mwiegħra tar-refuġjati u tal-persuni spostati internament.

Bi tweġiba għas-sejħa tal-President tal-Ukrajna Volodymyr Zelensky, il-Kummissjoni Ewropea u l-Kanada laqqgħu madwarhom mexxejja dinjija, fi sħubija mal-grupp ta' promozzjoni Global Citizen, u nedew il-**kampanja ta' impenji Stand Up for Ukraine** fis-26 ta' Marzu 2022. Il-kampanja malajr ġabret **EUR 9,1 biljun għan-nies li ħarbu mill-invażjoni Russa**, inkluż EUR 1 biljun mill-Kummissjoni u EUR 1 biljun ieħor mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp. Is-solidarjetà kbira min-naħa tal-UE u ċ-ċittadini tagħha se tkompli sakemm l-Ukreni jkunu jeħtieġu l-appoġġ tagħna. Dan għaliex l-Ukreni mhux biss qed jiddefendu l-libertà tagħhom stess, iżda qed jiddefendu wkoll il-valuri Ewropej u demokratiċi tagħna.

SANZJONIJIET: FRONT DEMOKRATIKU MAGĦQUD KONTRA L-AWTOKRAZIJA

B'rispons immedjat għar-rikonoxximent mir-Russja tat-territorji separatisti tal-hekk imsejħa "Repubbliki Popolari ta' Donetsk u Luhansk" fil-21 ta' Frar 2022, u għall-attakk militari tagħha fuq l-Ukrajna fl-24 ta' Frar, **l-UE imponiet sanzjonijiet severi** kontra l-ekonomija Russa u dawk l-entitajiet u l-individwi kompliċi fil-gwerra. B'ħeffa u forza, l-Unjoni Ewropea u s-sħab u n-negozji tagħha madwar id-dinja aġixxew biex jiżolaw lir-Russja ekonomikament u jwaqqfu l-magna tal-gwerra ta' Putin. Aħna fuq in-naħa tal-Ukrajna u tad-demokrazija u mhux tal-awtokrazija; fuq in-naħa tal-istat tad-dritt u mhux tal-abbuż tas-setgħa; fuq in-naħa ta' ordni internazzjonali ġust u paċifiku u mhux tal-aggressjoni u l-kaos.

L-azzjonijiet tar-Russja huma ksur tal-valuri universali u tad-dritt internazzjonali, li l-komunità internazzjonali ma tistax tippermetti. Fit-2 ta' Marzu 2022, **in-Nazzjonijiet Uniti** vvotaw b'saħħa biex jikkundannaw l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja: 141 mill-193 stat membru vvotaw favur ir-riżoluzzjoni, b'35 astensjoni u b'ħames pajjiżi biss fuq in-naħa tar-Russja.

Mill-bidu tal-gwerra, l-UE adottat **sitt pakketti ta' sanzjonijiet mingħajr preċedent** bil-għan li trażżan il-kapaċità tal-Kremlin li jiffinanzja l-gwerra u tagħmel pressjoni fuq ir-reġim Russu. Dawn is-sanzjonijiet ikopru s-setturi finanzjarji, tal-enerġija u tat-trasport, flimkien mal-esportazzjonijiet ta'

oġġetti b'użu doppju, il-politika dwar il-viżi, il-mezzi ta' diżinformazzjoni li jxerrdu l-propaganda tal-gwerra tal-Kremlin, u l-individwi u l-entitajiet Russi u Belarussi marbuta mal-gwerra ta' Putin. F'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali, l-UE tinkludi **eċċezzjonijiet umanitarji** fir-reġimi ta' sanzjonijiet tagħha.

Aħna fuq in-naħa tal-Ukrajna u tad-demokrazija u mhux tal-awtokrazija.

Is-sanzjonijiet tal-UE huma tant effettivi minħabba li huma implimentati flimkien mas-sħab tal-istess fehma madwar id-dinja. **Aktar minn 40 pajjiż**, li jirrappreżentaw kważi nofs il-prodott domestiku gross globali, qed japplikaw sanzjonijiet kontra r-Russja, inklużi l-Kanada, il-Ġappun, il-Liechtenstein, in-Norveġja, Singapore, il-Korea t'Isfel, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, flimkien ma' pajjiżi ġirien u kandidati, b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent.

Is-sanzjonijiet qed ineħħu l-aċċess tar-Russja għall-flus fis-swieq kapitali globali, u gradwalment qed inaqqsu l-bażi industrijali tar-Russja, b'mod partikolari l-kumpless militari industrijali tagħha. **Neħħew banek ewlenin Russi mis-sistema SWIFT** – is-sistema ta' messaġġi finanzjarji dominanti tad-dinja – inkluż Sberbank, l-akbar bank tar-Russja, u dan essenzjalment jiżola lir-Russja mis-swieq finanzjarji globali. L-UE mblukkat ukoll ir-riżervi tal-muniti barranin li għandhom ir-Russja fl-UE.

Fl-ewwel tliet xhur tal-gwerra biss, **l-Istati Membri tal-UE ffriżaw assi b'valur ta' EUR 12,5-il biljun**, bħal tranżazzjonijiet finanzjarji, proprjetà immobbli, xogħlijiet tal-arti, karozzi u jottijiet. Dan minbarra l-imblukkar tar-riżervi tal-Bank Ċentrali tar-Russja fl-Ewropa. B'kollox, **1 212 individwu u 108 entità** kienu soġġetti għal iffriżar tal-assi u projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar minħabba l-azzjonijiet tagħhom li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Biex tinforza dawn is-sanzjonijiet, il-Kummissjoni malajr laqqgħet flimkien l-Istati Membri tal-UE, l-Europol u l-Eurojust, u **waqqfet Task Force "Iffriżar u Sekwestru"**. It-task force tiskambja informazzjoni u esperjenza


madwar l-Istati Membri u tipprovdi gwida dwar l-infurzar tas-sanzjonijiet. Taħdem mill-qrib mat-Task Force internazzjonali dwar l-Eliti, il-Proxies u l-Oligarki Russi, li permezz tagħha l-UE taħdem flimkien mal-pajjiżi tal-G7 (il-Kanada, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Ġappun, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti), kif ukoll l-Awstralja. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li l-ksur tal-miżuri restrittivi tal-UE jsir reat tal-UE u li r-regoli dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi jissaħħu.

Il-kontrolli tal-esportazzjoni eżistenti fuq oġġetti b'użu doppju wkoll ġew irfinati b'mod sinifikanti biex jimmiraw setturi sensitivi fil-kumpless militari industrijali tar-Russja, u b'hekk **jillimitaw l-aċċess tar-Russja għal teknoloġiji avvanzati kruċjali għas-sigurtà u d-difiża tagħha**, bħal drones u s-software tagħhom, software għal apparat ta' kriptaġġ, u semikondutturi u elettronika avvanzata. Is-sanzjonijiet qed inaqqsu l-kapaċitajiet teknoloġiċi tar-Russja u l-kapaċità tal-ekonomija tagħha li timmodernizza.

F'konformità mal-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, is-sanzjonijiet imponew **projbizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti destinati għar-Russja**, bħall-azzar, il-fjuwil tal-ġettijiet, is-semikondutturi, is-sustanzi kimiċi u prodotti essenzjali oħra għall-bażi industrijali tar-Russja. Fl-istess ħin, biex innaqqsu l-flussi tad-dħul għar-Russja u l-oligarki tagħha introduċejna **projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni** fuq prodotti li jvarjaw minn injam għal siment u minn frott tal-baħar (kavjar) għal likur (vodka), li jkopru aktar minn nofs ta' dak li konna nimportaw mir-Russja qabel il-gwerra.

Biex is-sanzjonijiet ikunu effettivi, kien meħtieġ li l-UE **tagħlaq ir-rotot tat-trasport** lejn ir-Russja u minnha. Żewġ oqsma ewlenin f'dan ir-rigward kienu l-għeluq tal-ispazju tal-ajru tal-UE għall-inġenji tal-ajru kollha li huma proprjetà tar-Russja, irreġistrati

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen tattendi l-laqgħa tal-G7 fi Schloss Elmau, il-Ġermanja.



jew ikkontrollati mir-Russja, u l-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti, servizzi u **teknoloġija għall-avjazzjoni u l-industrija spazjali**. Tliet kwarti tal-flotta tal-ajru kummerċjali attwali tar-Russja nbriet fl-UE, fil-Kanada jew fl-Istati Uniti. Is-sanzjonijiet jinkludu wkoll projbizzjoni sħiħa fuq l-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq Russi u Belarussi li jaħdmu fl-UE u projbizzjoni fuq id-dħul tal-flotta merkantili kollha tar-Russja. Madankollu, japplikaw ċerti eżenzjonijiet li jkopru oġġetti essenzjali, bħall-agrikoltura u l-għajnuna umanitarja.

Il-Belarussja qed tappoġġa l-invażjoni tal-Ukrajna billi tippermetti lill-militar Russu jopera mit-territorju tagħha. Huwa għalhekk li **l-UE żiedet ukoll is-sanzjonijiet tagħha kontra l-Belarussja**. Minn Ottubru 2020, l-UE imponiet progressivament miżuri restrittivi kontra l-Belarussja b'rispons għall-vjolenza inaċċettabbli tal-awtoritajiet Belarussi kontra d-dimostranti paċifiċi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti fil-fruntiera tal-UE fl-2021. Is-sanzjonijiet ekonomiċi fuq il-Belarussja, li issa jkopru kważi 70 % tal-esportazzjonijiet Belarussi kollha lejn l-UE, jeskludu wkoll tliet banek Belarussi mis-sistema SWIFT. Fl-istess ħin, l-UE kompliet tappoġġa lill-poplu tal-Belarussja, bi kważi EUR 65 miljun f'għajnuna pprovduta mis-sajf 2020. Dan jinkludi appoġġ ta' emerġenza għas-soċjetà ċivili u l-vittmi tal-oppressjoni tal-istat.

Id-dħul mill-esportazzjonijiet tal-enerġija jikkostitwixxi proporzjon sinifikanti tar-riżorsi Russi għall-gwerra. Biex twaqqaf il-flussi tal-flus lejn ir-Russja, **l-UE ssanzjonat is-settur tal-enerġija Russu** bil-modi li ġejjin.

- Projbizzjoni fuq l-importazzjoni taż-żejt mhux raffinat u tal-prodotti tal-petroleum Russi li jinġarru bil-baħar. **Il-projbizzjoni tkopri 90 % tal-importazzjonijiet attwali taż-żejt tal-Ewropa mir-Russja.**

- Projbizzjoni tal-esportazzjoni lejn ir-Russja ta' oġġetti u teknoloġiji fis-settur tar-raffinar taż-żejt. Bħala tali, **l-UE qed tagħmilha impossibbli għar-Russja li ttejjeb ir-raffineriji taż-żejt tagħha.**
- Projbizzjoni tal-kumpaniji tal-UE milli joffru servizzi ta' assigurazzjoni u servizzi finanzjarji oħra lil kwalunkwe bastiment li jittrasporta prodotti taż-żejt Russi. Dan se **jrażżan il-kapaċità tar-Russja li tesporta prodotti taż-żejt madwar id-dinja.**
- Twaqqif ta' investiment ġdid fis-**settur tal-enerġija** Russu.
- **Projbizzjoni tal-forom kollha tal-importazzjoni ta' faħam Russu.** Dan jaffettwa kwart tal-esportazzjonijiet kollha tal-faħam Russu, li jammontaw għal telf ta' dħul ta' madwar EUR 8 biljun kull sena għar-Russja.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tistabbilixxi d-direzzjoni u tipprovdi momentum għall-UE biex tneħħi kompletament id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili Russi, inkluż il-gass Russu, u biex taċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika tal-Ewropa.

SIGURTÀ TAL-ENERĠIJA U TRANŻIZZJONI EKOLOĠIKA

Fit-18 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat **REPowerEU, il-pjan rivoluzzjonarju tal-UE biex telimina gradwalment id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili Russi**



TAL-EWROPEJ
jemmnu li l-UE għandha tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili Russi malajr kemm jista' jkun. **REPowerEU huwa t-tweġiba tal-UE.**



permezz tal-introduzzjoni aċċellerata tal-enerġija rinnovabbli, l-iffrankar tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija. REPowerEU huwa pjan komprensiv u dettaljat biex tinkiseb enerġija affordabbli għan-nies li jgħixu fl-UE, sigurtà tal-enerġija għall-Ewropa u sostenibbiltà għall-pjaneta. REPowerEU huwa appoġġat bis-sħiħ mid-Dikjarazzjoni ta' Versailles, iffirmata mill-mexxejja kollha tal-Istati Membri fil-11 ta' Marzu. Madwar 85 % taċ-ċittadini tal-UE jemmnu li l-Unjoni Ewropea għandha tnaqqas id-dipendenza tagħha

fuq il-fjuwils fossili Russi malajr kemm jista' jkun. **REPowerEU huwa t-tweġiba tal-UE.**

Bħalissa għaddejja espansjoni u aċċellerazzjoni massiva tal-enerġija rinnovabbli fil-ġenerazzjoni tal-enerġija, l-industrija, il-bini u t-trasport. Il-Kummissjoni pproponiet li żżid il-mira ewlenija għall-2030 għas-sorsi rinnovabbli minn 40 % għal 45 % skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew. REPowerEU qed iwitti t-triq għal inizjattivi ġodda u ambizzjużi:



Strateġija Solari tal-UE dedikata biex tirdoppja **l-kapaċità fotovoltajka solari sal-2025** u tinstalla 600 gigawatts sal-2030



Inizjattiva ta' Bjut Solari b'obbligu legali introdott **gradwalment biex jiġu installati pannelli solari fuq bini ġdid** - kemm jekk pubbliku, kummerċjali jew residenzjali



Irduppar tar-rata tal-użu tal-**pompi tas-sħana**



Miżuri konkreti biex **jitħaffu l-permessi għal proġetti kbar ta' enerġija rinnovabbli**



Irduppar tal-mira **għall-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku għal 10 miljun tunnellata ta' produzzjoni domestika u 10 miljun tunnellata ta' importazzjonijiet sal-2030**



Żieda fil-produzzjoni tal-**bijometan għal 35 biljun metru kubu sal-2030**


REPowerEU qed jappoġġa l-iżvilupp ta' **wieħed mill-akbar parks eoliċi fuq il-baħar fid-dinja** fil-Baħar tat-Tramuntana. Se jkopri dalwaqt il-konsum annwali tal-enerġija ta' aktar minn 50 miljun dar, jew madwar kwart tal-unitajiet domestiċi kollha tal-UE. Il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni biex jitħaffu l-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura tal-grilja tagħhom se twitti t-triq għal użu ħafna aktar mgħaġġel tal-enerġija rinnovabbli madwar l-UE. Kull kilowatt-siegħa ta' elettriku li niġġeneraw mir-riħ, mix-xemx, mill-enerġija idroelettrika jew mill-bijomassa jnaqqas id-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili mir-Russja u jqarreb lill-UE lejn futur b'emissjonijiet netti zero.

Il-Kummissjoni qed tgħin lill-Istati Membri jnaqqsu l-prezzijiet tal-elettriku u jiproteġu lill-konsumaturi.

L-enerġija rinnovabbli hija l-aħjar tweġiba għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. L-enerġiji qodma tqal bil-karbonju - il-faħam, iż-żejt u l-gass - qed isiru dejjem aktar għaljin, filwaqt li l-ispejjeż tal-enerġija rinnovabbli ilhom jonqsu b'mod kostanti għal ħafna snin. Il-prezzijiet globali tal-enerġija ilhom jogħlew mis-sajf 2021 u ġew aggravati b'mod sinifikanti mill-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fit-terminu immedjat, il-Kummissjoni qed tgħin ukoll lill-Istati Membri jnaqqsu l-prezzijiet tal-elettriku u jiproteġu lill-konsumaturi. Bħala parti mill-pakkett dwar il-klima u l-enerġija "Lesti għall-mira ta' 55 %", il-Kummissjoni ressqet ukoll proposta għal **Fond Soċjali għall-Klima** bil-għan li jappoġġa lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u lill-utenti tat-trasport.

Il-Kummissjoni pproponiet ukoll passi biex ittejjeb l-**effiċjenza fl-enerġija** fit-tul, inkluż żieda fil-mira vinkolanti tal-effiċjenza fl-enerġija għall-2030 skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew minn 9 % għal 13 %. L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw miżuri fiskali biex iħeġġu l-iffrankar tal-enerġija, bħar-rati mnaqqsa tal-VAT fuq is-sistemi tat-tiħin effiċjenti fl-użu tal-enerġija, l-iżolament tal-bini u apparat

ŻIEDA MINN 9 % għal 13 %
fil-mira vinkolanti tal-effiċjenza fl-enerġija għall-2030 skont il-**PATT EKOLOĠIKU EWROPEW**



u prodotti. Biex tiżgura li l-UE hija lesta u reżiljenti għax-xitwa li jmiss, il-Kummissjoni introduċiet **obbligi minimi għall-ħżin tal-gass** fuq l-Istati Membri, li jeħtieġ li jiżguraw livell ta' mili ta' 80 % sal-1 ta' Novembru 2022.

Biex twieġeb għall-użu tal-gass bħala arma mir-Russja, il-Kummissjoni pproponiet ukoll għodda leġiżlattiva ġdida u l-pjan "**Niffrankaw il-Gass għal Xitwa Sikura**". Din l-għodda, li ġiet adottata mill-Kunsill fil-5 ta' Awwissu 2022, tgħin lill-UE tirreżisti interruzzjoni totali tal-provvista tal-gass Russu billi tnaqqas il-konsum tal-gass tagħha bi 15 % sar-rebbiegħa li jmiss. Il-pjan jipprovdi wkoll gwida għal tnaqqis ikkoordinat tal-gass, sabiex jiġi limitat l-impatt fuq iċ-ċittadini u l-ekonomija.

L-UE qed timpenja ruħha ma' sħab internazzjonali biex tiddiversifika l-provvisti tal-enerġija, u żgurat livelli rekord ta' importazzjonijiet ta' gass naturali likwifikat u konsenji oġhla ta' pipeline tal-gass. Il-Kummissjoni qed taħdem man-Norveġja, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, kif ukoll mal-Angola, l-Ażerbajġan, l-Eġittu, l-Iżrael, in-Niġerja u l-Korea t'Isfel. Il-**ftehim li sar mill-President von der Leyen mal-President tal-Istati Uniti Joe Biden** se jissostitwixxi madwar terz tal-155 biljun metru kubu tal-gass Russu li l-UE importat is-sena li għaddiet. L-infrastruttura l-ġdida tal-gass naturali likwifikat li qed tibni l-UE, biex tiżgura s-sigurtà tal-provvista u s-solidarjetà għall-Istati Membri kollha, se tiffirma l-qalba tal-kurituri tal-idroġenu ekoloġiku tal-futur.



Il-**Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE** li għadha kif inħolqot, appoġġata minn task forces reġjonali, se tippermetti xiri volontarju komuni ta' gass, gass naturali likwifikat u idroġenu billi tlaqqa' flimkien id-domanda, tottimizza l-użu tal-infrastruttura u tikkoordina l-approċċ lejn il-fornituri. Filwaqt li tirreplika s-suċċess tal-programm komuni tax-xiri ta' vaċċini, il-Kummissjoni qed tiżviluppa mekkaniżmu ta' **xiri konġunt** biex tikkuntratta x-xiri tal-gass f'isem l-Istati Membri parteċipanti. L-UE se tkompli timpenja ruħha ma' sħab tal-istess fehma minn madwar id-dinja permezz tal-aġenda kummerċjali bilaterali tagħna, biex tgħin biex jiġu żgurati l-provvisti kruċjali tal-enerġija u l-materja prima li se jirfdu s-sigurtà tal-enerġija u ekonomika tagħna fil-futur.

REPowerEU jinkludi kważi EUR 300 biljun f'appoġġ finanzjarju, inkluż EUR 225 biljun f'self disponibbli għall-Istati Membri min-NextGenerationEU, il-fond storiku għall-irkupru tal-Ewropa. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li l-Istati Membri jżidu l-kapitolu tar-REPowerEU mal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jimmiraw aħjar il-fondi għall-irkupru tal-pandemija għall-obiettiv tat-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili Russi darba għal dejjem. REPowerEU huwa pian komprensiv u dettaljat biex tinkiseb enerġija affordabbli għan-nies li jgħixu fl-UE, sigurtà tal-enerġija għall-Ewropa u sostenibbiltà għall-pjaneta.

DIFIŻA EWROPEA U NATO

L-Unjoni Ewropea qed issir fornitur tas-sigurtà aktar b'saħħtu biex **tippoteġi liċ-ċittadini tal-UE** u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali fil-viċinat tagħna u lil hinn minnu. Fil-11 ta' Marzu 2022, il-mexxejja tal-UE taw direzzjoni ċara dwar kif tista' tissaħħaħ is-sigurtà tal-Ewropa permezz

tad-**Dikjarazzjoni ta' Versailles**: it-tiŝiħ tal-investiment, l-użu ta' teknoloġiji innovattivi u kritiċi u l-bini ta' suq Ewropew tad-difiża aktar integrat u kompetittiv. Fil-21 ta' Marzu 2022, il-Kunsill Ewropew approva formalment il-**boxxla strateġika**, li tagħti lill-UE pian ta' azzjoni ambizzjuż lejn l-2030. Dan huwa aktar u aktar importanti fi żmien meta l-gwerra rritornat lejn l-Ewropa.

Bi tweġiba għas-Summit ta' Versailles, f'Mejju 2022 il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Josep Borrell, ippreżentaw analiżi tad-**diskrepanzi fl-investiment fid-difiża**. Fit-terminu immedjat, ġiet stabbilita Task Force ta' Akkwist Konġunt għad-Difiża biex taħdem mal-Istati Membri. Abbażi tal-ħidma tat-task force, ġie propost strument tal-UE fuq terminu qasir biex jissaħħu l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża permezz ta' **akkwist konġunt** għal adozzjoni rapida, biex jappoġġa lill-Istati Membri biex l-aktar lakuni urġenti u kritiċi jimtlew b'mod kollaborattiv. F'Mejju 2022 ukoll, tħabbret l-iskema ta' innovazzjoni fid-difiża tal-UE bil-għan li jkun hemm investiment totali ta' EUR 2 biljun fl-innovazzjoni fid-difiża.

L-Unjoni Ewropea qed tagħmel dak kollu fis-setgħa tagħha biex tippoteġi lill-poplu tal-Ukrajna fir-reżistenza tiegħu kontra l-aggressur Russu u biex tgħinu jirrealizza l-ħolma tiegħu ta' Ukrajna demokratika, indipendenti u paċifika. Huwa għalhekk li, **għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, l-UE qed tippovdi tagħmir militari** u infrastruttura ta' sigurtà lil pajjiż mhux tal-UE taħt attakk. Fuq l-inizjattiva tar-Rappreżentant Għoli, fit-28 ta' Marzu 2022 il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta miżuri ta' assistenza permezz tal-**Faċilità Ewropea**



Nadia Dobrianska ċċaqalqet minn Kiev għal **Cork** wara li familja Irlandiża offriet li tospita lilha u lill-familja tagħha. Nadia qed tiddokumenta l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-delitti tal-gwerra mill-militar Russu. Hija ddoqq ukoll il-flawt Irlandiża u tkanta kanzunetti tradizzjonali Irlandiżi.

għall-Paċi biex jipprovdi tagħmir u provvisti lill-forzi armati Ukreni. L-ammont totali ta' appoġġ ipprovdut lill-forzi armati Ukreni permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi minn dak iż-żmien jammonta għal EUR 2,5 biljun.

L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, u l-effetti dejjiema li se jkollha fuq l-ordni tas-sigurtà Ewropea u globali, qarrbet lill-UE u lin-NATO (l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana) minn qatt qabel. In-NATO hija l-aktar alleanza militari b'saħħitha fid-dinja, u hija alleanza strettament difensiva. Il-**kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO** tikkostitwixxi pilastru integrali tal-istabbiltà u s-sigurtà Ewropea. L-UE u n-NATO wrew għaġda transatlantika b'saħħitha quddiem l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Fit-18 ta' Mejju 2022, żewġ Stati Membri oħra tal-UE, **il-Finlandja u l-Iżvezja, applikaw biex jingħaqdu man-NATO**, u abbandunaw in-nonallinjament militari tagħhom li ilu jeżisti fid-dawl tal-gwerra mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna.

In-NATO hija l-aktar alleanza militari b'saħħitha fid-dinja, u hija **alleanza strettament difensiva**.

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen u l-President tal-Ukrajna Volodymyr Zelenskyy.



ĠLIEDA KONTRA D-DELITTI TAL-GWERRA, L-INSIGURTÀ TAL-IKEL U L-PROPAGANDA

Flimkien mal-Gvern Ukren, l-UE qed tinvestiga allegazzjonijiet ta' delitti tal-gwerra mwettqa mill-militar Russu. Il-ġustizzja hija l-bażi tar-rikonċiljazzjoni, u dawk responsabbli għad-delitti se jiġu pproċessati. Hekk kif it-truppi Russi rtiraw miż-żona ta' madwar Kiev, bdew jidhru rapporti ta' atroċitajiet. L-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Ġenerali Ukren, 13-il Stat Membru tal-UE, u l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali fetħu investigazzjonijiet rigward **delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità** possibbli mwettqa mill-militar Russu fl-Ukrajna.

L-**Iskwadra ta' Investigazzjoni Konġunta** stabbilita fil-25 ta' Marzu 2022, bl-appoġġ tal-Eurojust, għandha l-għan li tiffaċilita l-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet transfruntiera ta' reati kriminali internazzjonali l-aktar serji, kif ukoll prosekuzzjonijiet fl-istati parteċipanti, u quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjonali. It-tim jikkonsisti minn investigaturi u prosekuturi mill-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Ukrajna. Fil-25 ta' April, il-Qorti Kriminali Internazzjonali ddeċidiet li tingħaqad mal-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta.

Il-gwerra fl-Ukrajna qed ikollha wkoll riperkussjonijiet globali, speċjalment fuq dawk l-aktar vulnerabbli. **Il-gwerra ta' Putin poġġiet is-sigurtà globali tal-ikel taħt theddida serja.** L-esportazzjonijiet, speċjalment tal-ħbub u ż-żrieragħ żejtnin, ġew ristretti drastikament minħabba li l-portijiet tal-Baħar l-Iswed ġew imblukkati mill-flotta Russa. L-UE qed tgħin lill-Ukrajna tesporta l-prodotti agrikoli attwalment miżmuma fil-pajjiż, kif ukoll il-ħsad futur, permezz tat-toroq, il-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni u timporta l-inputs agrikoli li teħtieġ, miż-żrieragħ għall-fertilizzanti u l-għalf tal-annimali, permezz tal-korsiji ta' solidarjetà li ħabbret fit-12 ta' Mejju 2022. Sa Awwissu 2022, **il-korsiji ta' solidarjetà tal-UE għenu fl-esportazzjoni ta' aktar minn għaxar**

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen u r-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barramin u l-Politika ta' Sigurtà Josep Borrell jaqgħtu għal lill-vittmi tal-aggressjoni tar-Russja fuq l-Ukrajna.

miljun tunnellata ta' ħabba Ukrena, kważi nofs l-ħbub imwaħħla fil-portijiet Ukreni, minħabba l-imblokk tar-Russja. L-ebda waħda mis-sanzjonijiet tal-UE ma hija mmirata lejn is-settur agrikolu tar-Russja, biex b'mod speċifiku tiżgura s-sigurtà tal-ikel ta' wħud mill-aktar pajjiżi vulnerabbli madwar id-dinja.

Flimkien, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma **l-fornitur ewlieni fid-dinja ta' għajjuna umanitarja u għall-iżvilupp**, inkluż dwar is-sigurtà tal-ikel. Tim Ewropa nieda rispons komprensiv għall-insigurtà globali tal-ikel, li jinkludi kemm assistenza ta' emerġenza fuq terminu qasir ta' ikel u għajxien kif ukoll appoġġ fuq terminu medju għal sistemi tal-ikel reżiljenti u sostenibbli fil-pajjiżi sħab.

Bħala parti minn dan ir-rispons, l-UE mmobilizzat finanzjament addizzjonali ta' EUR 600 miljun għall-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku l-aktar milquta. L-UE nediet ukoll Faċilità għall-Ikel u r-Reżiljenza ta' EUR 225 miljun għall-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani. B'dan, l-appoġġ totali tal-UE għas-sigurtà tal-ikel huwa EUR 7,7 biljun sal-2024 f'pajjiżi madwar id-dinja. L-appoġġ tal-UE ma jħalli lil ħadd jibqa' lura, filwaqt li jaħdem flimkien ma' atturi umanitarji, tal-iżvilupp u tal-paċi biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u inklużiva f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew.



Mykola Kharytonov, li jmxexxi ċ-Ċentru ta' Dnipro għall-Agricoltura Organika u l-Protezzjoni Ambjentali, qed ikompli r-riċerka tiegħu dwar il-fertilizzanti mill-Katalonja fi **Spanja**, peress li jixtieq jgħin jibni mill-ġdid lill-Ukrajna.



Għall-**għlieda kontra l-kampanji ta' diżinformazzjoni u manipulazzjoni tal-informazzjoni tal-Kremlin**, fit-2 ta' Marzu 2022 l-UE ddeċidiet li tissospendi l-attivitajiet tax-xandir tal-mezzi tax-xandir tal-istat Sputnik u Russia Today fl-UE sakemm tintemm l-aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fit-3 ta' Ġunju 2022, l-attivitajiet tax-xandir ta' tliet mezzi oħra tal-istat Russi – Rossiya RTR/RTR Planeta, Rossiya 24/Russia 24, u TV Centre International – ġew sospiżi. Dawn huma fost l-aktar mezzi sinifikanti ta' diżinformazzjoni favur il-Kremlin immirati lejn udjenzi fl-Ukrajna u fl-UE u jxerrdu diżinformazzjoni u propaganda li tappoġġa l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll mal-industrija u l-media soċjali madwar id-dinja biex tiġġieled id-diżinformazzjoni u l-propaganda tal-Kremlin. F'Ġunju 2022, 34 firmatarju - inklużi pjattaformi u kumpaniji tat-teknoloġija, bħal Facebook, Google, Twitter, Microsoft, Mozilla u TikTok kif ukoll organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili - iffiraw **Kodiċi ta' Prattika ġdid u msaħħaħ dwar id-Diżinformazzjoni**, qafas volontarju u awto-regolatorju bbażat fuq gwida mill-Kummissjoni f'konformità mal-att dwar is-servizzi diġitali. Rikonoxxut b'mod wiesa' bħala qafas pijunier, il-kodiċi jstabbilixxi impenji estensivi u preċiżi għall-għlieda kontra d-diżinformazzjoni u jimmarka pass importanti ieħor lejn ambjent online aktar trasparenti, sikur u affidabbli.

FUTUR EWROPEW TAL-UKRAJNA

Fit-8 ta' April 2022 seħħ mument importanti fil-vjaġġ tal-Ukrajna lejn l-Unjoni Ewropea. Il-President von der Leyen ippreżentat kwestjonarju lill-President Zelenskyy, bl-għan li tinġabar informazzjoni dwar it-tnejn tal-Ukrajna biex issir kandidat għall-UE. L-awtoritajiet Ukreni ppreżentaw formalment il-kwestjonarju mimli, 10 ijiem wara. Permezz tal-

Ftehim ta' Assoċjazzjoni tagħha, l-Ukrajna diġà hija allinjata mill-qrib mal-UE, u l-proċess ta' approssimazzjoni regolatorja u politika qed jiġi aċċellerat kemm jista' jkun filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet kollha bbażati fuq il-mertu jiġu rispettati. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni Ewropea tat l-opinjoni pożittiva tagħha dwar l-għoti tal-**istatus ta' kandidat tal-UE** lill-Ukrajna, flimkien mal-Moldova, li ġiet ikkonfermata unanimament mill-Kunsill Ewropew fit-23 ta' Ġunju 2022. Il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa wkoll il-perspettiva Ewropea tal-Georgia. Huwa esprima r-rieda li jagħti lill-Georgia l-**istatus ta' kandidat** ladarba l-prijoritajiet speċifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni għas-sħubija tagħha jkunu ġew indirizzati.

L-appoġġ dirett tal-UE għall-Gvern Ukren ilu jeżisti, bl-UE, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej jaħdmu flimkien id f'id. Mill-bidu tal-gwerra, l-UE żiedet l-appoġġ tagħha b'mod sinifikanti, billi mmobilizzat **EUR 9,5 biljun biex tappoġġa r-reżiljenza ekonomika, soċjali u finanzjarja kumplessiva tal-Ukrajna** fil-forma ta' assistenza makrofinanzjarja, appoġġ baġitarju, assistenza ta' emerġenza, rispons għall-kriżijiet, għajjnuna umanitarja u assistenza militari permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi. Total ta' EUR 2,2 biljun f'assistenza makrofinanzjarja diġà ġie żborżat kompletament bejn Marzu u l-bidu ta' Awwissu, kif ukoll EUR 120 miljun f'Appoġġ Baġitarju. Barra minn hekk, fis-27 ta' April, il-Kummissjoni pproponiet li tissospendi d-dazji tal-importazzjoni kollha fuq l-esportazzjonijiet Ukreni kollha lejn l-UE għal mill-inqas sena.

Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni tat l-opinjoni pożittiva tagħha dwar **l-għoti tal-istatus ta' kandidat tal-UE lill-Ukrajna.**

F'att straordinarju ta' solidarjetà u ingenuità matul l-ewwel jiem tal-gwerra, fis-16 ta' Marzu 2022 **il-grilji tal-elettriku tal-Moldova u l-Ukrajna** ġew sinkronizzati b'suċċess mal-grilja tal-elettriku tal-Ewropa kontinentali. Dan għen lill-Ukrajna żżomm is-sistema tal-elettriku tagħha stabbli, id-djar sħan u d-dawl mixgħul matul dawn iż-żminijiet mudlama. Huwa wkoll pass importanti għar-relazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna, u issa jipprovdni konnessjoni litterali bejn l-Ukrajna u l-UE.

Iżda l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja kellha wkoll impatt ekonomiku fl-UE nnifisha. F'dan il-kuntest, f'Marzu 2022, il-Kummissjoni adottat Qafas Temporanju tal-Għajjnuna mill-Istat għall-Kriżijiet biex tippermetti lill-Istati Membri jużaw il-flessibbiltà prevista skont ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat biex **jappoġġaw l-ekonomija fil-kuntest tal-invażjoni Russa**, filwaqt li jipproteġu l-kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku. Mil-lum, il-Kummissjoni adottat 89 deċiżjoni dwar l-appoġġ għall-ekonomija fil-kriżi ġeopolitika attwali, għal ammont totali approvat stmat ta' kważi EUR 430 biljun. Fl-20 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni adottat emenda tal-Qafas Temporanju għall-Kriżijiet. L-emendi jinkludu kategoriji ġodda ta' għajjnuna biex jappoġġaw l-isforzi tal-Istati Membri biex isiru indipendenti mill-fjuwils fossili.



Fl-**Estonja**, Johanna-Maria Lehtme waqqfet "Slava Ukraini", li kkonsenjat aktar minn 60 ambulanza lill-Ukrajna, mimlija bi provvisti mediċi u assistenza oħra meħtieġa biex jiġu salvati l-ħajjiet.

Flimkien mal-Gvern Ukren, il-Kummissjoni diġà qed tħares lejn il-futur, lejn **ir-rikostruzzjoni tal-Ukrajna ħielsa u prospera ankrata fil-valuri Ewropej**. F'dan l-ispirtu ta' solidarjetà, fit-18 ta' Mejju 2022 il-Kummissjoni ppreżentat viżjoni ambizzjuża kemm għall-għajjnuna f'terminu qasir kif ukoll għar-rikostruzzjoni fit-tul tal-Ukrajna, bl-għarfien li se jkun meħtieġ sforz finanzjarju globali kbir biex il-pajjiż jerġa' jinbena mill-ġdid wara l-gwerra. Sabiex jġu indirizzati l-ħtiġijiet immedjati tal-Ukrajna, fis-7 ta' Settembru l-Kummissjoni pproponiet operazzjoni oħra ta' **assistenza makrofinanzjarja** ta' EUR 5 biljun. Din hija t-tieni parti tal-pakkett eċċezzjonali sa EUR 9 biljun propost mill-Kummissjoni fit-18 ta' Mejju.

Meta wieħed iħares lejn il-futur tal-pajjiż f'terminu medju, il-Gvern Ukren u l-Kummissjoni pproponew li titwaqqaf l-**Pjattaforma ta' Rikostruzzjoni tal-Ukrajna**, li qed torganizza u tikkoordina sħab u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali fl-implimentazzjoni tal-**pjan ta' rikostruzzjoni "RebuildUkraine"**. Il-pjan jistabbilixxi perkors Ewropew ċar għall-Ukrajna, li jorbot l-appoġġ tal-UE għar-rikostruzzjoni mal-implimentazzjoni ta' riformi b'firxa wiesgħa u miżuri kontra l-korruzzjoni.




2. NEGĦLBU L-PANDEMIJA BIS-SOLIDARJETÀ U X-XJENZA

PIJUNIER F'VAĊĊINI U FI TRATTAMENTI SIKURI U EFFETTIVI


Il-pandemija tal-coronavirus fixklet il-ħajja ta' miljuni fl-Ewropa u madwar id-dinja. L-iskala tal-kriżi kienet tali li bħala Unjoni biss stajna nipprovdu r-rispons meħtieġ miċ-ċittadini tagħna. Kien il-mument biex l-Ewropa tieħu azzjoni, u kien mument ta' bidla għall-Unjoni Ewropea.

Sa mill-bidu tal-pandemija, il-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha fuq **tliet aspetti**. L-ewwel nett, ħdimna biex inrażżnu t-tixrid tal-coronavirus u biex niproteġu kemm jista' jkun nies bil-vaċċini. It-tieni, irrispondejna għax-xokk ekonomiku bi pjan ta' rkupru mingħajr preċedent, b'investimenti u b'riformi. It-tielet, komplejna t-triq lejn it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tagħna - minħabba li l-pandemija aċċellerat ukoll il-ħtieġa għal bidla. Illum nistgħu ngħidu b'ċertezza li l-UE wieġbet b'kompetenza, b'attenzjoni u b'unità għall-isfida tal-COVID-19.

83,4 % tal-popolazzjoni adulta tal-UE rċeviet vaċċinazzjoni primarja (doża waħda jew tnejn) kontra l-COVID-19.



SKEDA TA' ŻMIEN TAL-APPROVAZZJONI: vaċċini sikuri u effettivi kontra l-COVID-19





L-ewwel konsenja ta' vaċċini kontra l-COVID-19 taisal f'Abidjan, il-Kosta tal-Avorju.

Bis-saħħa tal-**istrateġija tal-UE għall-vaċċini**, ġew ikkonsenjati aktar minn 1,7 biljun doża ta' vaċċini kontra l-COVID-19 f'kull rokna tal-Ewropa. Perċentwal kolossali ta' **83,4 % tal-popolazzjoni adulta** fl-UE rċeviet vaċċinazzjoni primarja (doża waħda jew tnejn) kontra l-marda filwaqt li 62 % ħadu booster addizzjonali, u eluf ta' ħajjiet ġew salvati.

Fil-bidu tal-pandemija tal-coronavirus, il-Kummissjoni daħlet fi **ftehimiet ta' xiri bil-quddiem** ma' produttori individwali tal-vaċċini f'isem l-Istati Membri. Bi tpattija għad-dritt li jinxtara għadd speċifikat ta' dożi tal-vaċċini f'perjodu partikolari u bi prezz partikolari, il-Kummissjoni ffinanzjat parti mill-ispejjeż bil-quddiem tal-produttori tal-vaċċini mill-**Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza**, li jilħaq l-EUR 2,7 biljun. Billi għamlet hekk, il-Kummissjoni kkontribwiet għall-iżvilupp u l-manifattura ta' vaċċini sikuri u effettivi fi żmien rekord. Huwa bis-saħħa ta' din il-previżjoni li l-Ewropa issa taffiet l-aġar pandemija f'seklu.

Mill-2020, ġew awtorizzati sitt vaċċini kontra l-COVID-19, wara li għaddew mill-**aktar provi kliniċi u proċessi ta' approvazzjoni regolatorji rigorużi fid-dinja**. F'din l-aħħar sena, il-Kummissjoni Ewropea kompliet tibni l-akbar portafolli tal-vaċċini fid-dinja, u dawk l-aktar sikuri u l-aktar effettivi għan-nies li jgħixu fl-UE. **Ġew konklużi kuntratti għal 4,2 biljun doża tal-vaċċin** ma' tmien żviluppaturi u manifatturi tal-vaċċini. Fil-każ ta' varjanti ġodda, jekk vaċċin adattat jiġi awtorizzat sal-ħarifa 2022, l-UE se jkollha aċċess għall-konsenja fil-forma ta' vaċċini adattati minn BioNTech-Pfizer u Moderna. Jekk mewġa pandemika ġdida tilħaq il-kontinent tagħna, l-Ewropa se tkun lesta għaliha.

Il-protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini teħtieġ aktar minn vaċċini - teħtieġ trattamenti. Il-pazjenti tal-COVID-19 jeħtieġu trattamenti sikuri u effettivi biex jiġġieldu l-infezzjoni, itejbu l-prospett tagħhom ta' rkupru rapidu, inaqqsu l-ammissjonijiet fl-isptar u, l-aktar importanti, jipprevjenu t-telf ta' ħajja. **L-istrateġija tal-UE dwar il-prodotti terapewtiċi kontra l-COVID-19** qed tappoġġa l-iżvilupp u d-disponibbiltà tal-mediċini, inkluż għall-pazjenti li qed jirkupraw mill-COVID-19.

F'Ottobru 2021, il-Kummissjoni stabbiliet portafoll ta' 10 prodotti terapewtiċi potenzjali kontra l-COVID-19, wara l-iskrinjar ta' 82 kandidat terapewtiku fi stadju avanzat tal-iżvilupp kliniku, filwaqt li qieset li tipi differenti ta' prodotti huma meħtieġa għal popolazzjonijiet ta' pazjenti differenti u fi stadji u severitajiet differenti tal-marda. Sa Mejju 2022, **ġew awtorizzati 8 trattamenti għall-COVID-19**. Ġew konklużi wkoll diversi kuntratti ta' akkwist konġunt għall-mediċini tal-COVID-19 mal-manifatturi biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-Istati Membri għat-trattamenti tal-COVID-19.

TMEXXIJA GLOBALI FIS-SOLIDARJETÀ TAL-VAĊĊINI

Mill-ewwel jum tal-pandemija tal-coronavirus, il-Kummissjoni impenjat ruħha favur il-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra l-pandemija. Għamilna l-għażla tas-solidarjetà mhux biss fl-Ewropa, iżda wkoll mal-bqija tad-dinja. L-UE hija l-akbar fornitur uniku tal-vaċċini kontra l-COVID-19 fid-dinja, u waħda mid-donaturi ewlenin tal-COVAX (il-Faċilità għal Aċċess Globali għall-Vaċċini kontra l-COVID-19) għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Bejn Novembru 2020 u Lulju 2022, l-UE esportat **aktar minn 2,4 biljun doża tal-vaċċini kontra l-COVID-19 lejn total ta' 168 pajjiż**, li minnhom 478 miljun doża ngħataw lill-pajjiżi fil-bżonn, b'mod partikolari dawk fl-Afrika, l-aktar permezz tal-COVAX.

Is-**Summit bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana** fi Frar 2022 ra t-tnejdja tal-Pakkett ta' Investiment ta' Global Gateway għall-Afrika. Il-komponent tas-saħħa tal-pakkett jinkludi mill-inqas EUR 425 miljun biex jiżied ir-ritmu tal-vaċċinazzjoni fil-kontinent. Matul it-**Tieni Summit Globali dwar il-COVID** ta' Mejju 2022, u fid-dawl tal-bidla fis-sitwazzjoni tal-provvista u d-domanda għall-vaċċini, il-President von der Leyen ħabbret l-adattament tal-isforzi tal-UE biex tappoġġa l-aktar użu effiċjenti tad-dożi disponibbli. Dan jinkludi wegħda ta' EUR 450 miljun għall-Fond Globali għat-Tnejn għall-Pandemija, soġġett għal ftehim dwar il-governanza tal-Fond. Dan juri s-saħħa tal-**aġenda bejn l-UE u l-Istati Uniti għall-ġlieda kontra l-pandemija globali**: it-tilqim tad-dinja, is-salvataġġ tal-ħajjiet u għall-bini mill-ġdid aħjar tas-sigurtà tas-saħħa globali.

Fit-terminu medju, aktar minn EUR 1 biljun mill-baġit tal-UE u mill-Istati Membri se jintużaw **biex tingħata spinta lill-kapaċità tal-manifattura fl-Afrika u lill-aċċess għall-vaċċini, il-mediċini u t-teknoloġiji tas-saħħa** b'appoġġ għall-għan tal-Unjoni Afrikana li timmanifattura lokalment 60 % tal-vaċċini użati fil-kontinent sal-2040, filwaqt li ssaħħa is-sistemi farmaċewtiċi lokali.

F'Settembru 2021, bl-appoġġ tal-UE, iċ-**Ċentru ta' Trasferiment tat-Teknoloġija tal-mRNA** tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa globali ġie stabbilit fl-Afrika t'Isfel. Fil-livell reġjonali, l-UE qed tappoġġa t-tnedija tal-Aġenzija Afrikana għall-Mediċini b'għarfien espert u finanzjament. Fil-livell nazzjonali, l-enfasi hija fuq iż-żieda tal-kapaċità tal-produzzjoni u l-ħolqien tal-ekosistema t-tajba għall-investiment f'pajjiżi fuq quddiem nett, inklużi l-Ghana, ir-Rwanda, is-Senegal u l-Afrika t'Isfel.

F'Ġunju 2022, l-UE u l-Istati Membri, immexxija minn Spanja, nedew ukoll sħubija mal-Amerika Latina u l-Karibew biex jappoġġaw il-manifattura lokali ta' vaċċini, mediċini u teknoloġiji oħra tas-saħħa, u biex isaħħu r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa hemmhekk.

Fl-aħħar nett, l-UE kienet fuq quddiem nett tal-ħidma fuq **rispons kummerċjali globali għall-pandemija tal-coronavirus**. Matul it-12-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ f'Ġunju 2022, il-membri qablu li jirrinunzjaw ċerti obbligi tal-proprjetà intellettuali li jikkonċernaw il-vaċċini kontra l-COVID-19 abbażi ta' test innegożjat b'suċċess mill-UE mal-Indja, l-Afrika t'Isfel u l-Istati Uniti.

FTUĦ MILL-ĠDID TAL-EWROPA U TAD-DINJA

Il-pandemija tal-coronavirus hija l-ewwel pandemija miġġielda fl-era diġitali. Iċ-**Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE** kien innovazzjoni kruċjali fir-rispons tal-Ewropa, u malajr sar standard globali. Adottata fl-14 ta' Ġunju 2021, is-sistema stabbiliet qafas komuni għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejtan biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu. Minn meta beda japplika r-regolament, inħarġu aktar minn 2 biljun ċertifikat madwar l-UE.



Fl-2020, Adam King ta' sitt snin mill-**Irlanda**, li jbati minn kundizzjoni tal-għadam fraġli, iddeċieda li ried jibgħat tgħanniqa virtwali madwar id-dinja bħala simbolu ta' tama matul il-pandemija tal-coronavirus. L-idea tiegħu kienet ta' suċċess u għenitna nfejqu kollettivament.

B'din is-sistema, **l-UE żviluppata standard globali**: 48 pajjiż u territorju mhux tal-UE f'ħames kontinenti ngħaqdu mas-sistema, minbarra s-27 Stat Membru. Bħala tali, iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE mhux biss kien kruċjali biex jiġi rrispettat id-dritt fundamentali għall-moviment liberu fl-UE fil-kuntest tar-restrizzjonijiet stabbiliti biex jitnaqqas it-tixrid tal-COVID-19, iżda kkontribwixxa wkoll għall-issoktar tal-ivvjaġġar internazzjonali sikur.



Minn Awwissu 2022, aktar minn 1,6 biljun persuna madwar id-dinja jistgħu jużaw iċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE għall-ivvjaġġar internazzjonali tagħhom.

Minħabba l-inċertezza kontinwa relatata mal-evoluzzjoni tal-pandemija, sar ftehim biex l-applikazzjoni tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE tiġi estiża sat-30 ta' Ġunju 2023, kif propost mill-Kummissjoni.

L-użu taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE mexxa id f'id ma' **Re-open EU** - applikazzjoni tal-web u għall-apparati mobbli li tgħin lill-Ewropej isibu informazzjoni aġġornata dwar il-miżuri tal-ivvjaġġar u tas-saħħa fil-pajjiżi Ewropej b'24 lingwa. Re-open EU saret **l-aktar applikazzjoni għall-apparati mobbli użata li qatt ġiet prodotta mill-istituzzjonijiet tal-UE**, bi kważi 4 miljun download u 43 miljun viżitatur.

Sabiex jiġi żgurat li l-apps nazzjonali għat-traċċar tal-kuntatti jkunu jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin bejn il-fruntieri, il-Kummissjoni nediet servizz ta' gateway ta' interoperabbiltà tal-UE. Sal-ħarifa 2021, **19-il Stat Membru kienu qed jiskambjaw informazzjoni ta' kuntatt tar-riskju permezz tas-servizz ta' gateway Ewropew**, bl-apps nazzjonali tagħhom li tniżżlu aktar minn 70 miljun darba. Dawn id-downloads jikkorrispondu għal 23 % tal-popolazzjoni fl-Istati Membri konnessi. Dawn l-apps nazzjonali u s-servizz ta' gateway Ewropew tfasslu bħala għodod temporanji bil-għan li jitwaqqfu ladarba tintemm il-pandemija. Sa issa, disa' Stati Membri waqqfu l-apps tagħhom għall-apparati mobbli.

Minbarra l-ftuħ mill-ġdid tal-Ewropa għall-ivvjaġġar intern u estern, u filwaqt li tibni fuq l-esperjenza bikrija tal-approċċ tal-**korsiji ħodor** maħsuba biex l-oġġetti jibqgħu jiġu ttrasportati u kkonsenjati lill-konsumaturi bejn il-fruntieri matul il-pandemija, f'Mejju 2022 il-Kummissjoni ppreżentat il-**pjan ta' kontinġenza tal-UE għat-trasport**. Għandu l-għan li jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur tat-trasport Ewropew fi żminijiet ta' kriżi.

Fl-aħħar nett, saħħaħna wkoll il-politika kummerċjali tagħna bil-Komunikazzjoni tagħna - **Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva** - adottata fi Frar 2021. Il-pilastru tal-ftuħ tal-politika kummerċjali tagħna jibqgħu ta' importanza kritika għall-ambizzjonijiet ekonomiċi u ġeopolitiċi tal-UE. Il-kummerċ miftuħ u bbażat fuq ir-regoli jappoġġa l-impjiegi u t-tkabbir fl-UE, filwaqt li jgħin biex

jinbnew ktajjen tal-provvista reżiljenti u diversifikati, u jiżgura l-aċċess għall-oġġetti u l-materja prima li neħtieġu biex nevitaw dipendenzi dannużi. U f'konformità mal-approċċ assertiv il-ġdid tagħna fid-difiża u l-promozzjoni tal-interessi tan-negozji u l-konsumaturi tagħna, stabbilejna għodod awtonomi bħall-**L-istrument ta' Akkwist Internazzjonali u r-Regolament dwar is-Sussidji Barranin** li huwa strument ġdid biex jiġu indirizzati l-effetti distorsivi potenzjali tas-sussidji barranin fis-suq uniku.

BINI TA' UNJONI EWROPEA TAS-SAĤĤA B'SAĤĤITHA

Din hija l-ewwel pandemija li ħalliet impatt tant kbir fl-Ewropa sa mit-twelid tal-Unjoni Ewropea. Iżda nistgħu niffaċċjaw tifqigħat simili fil-futur. Minħabba t-telf tal-biodiversità u t-tibdil fil-klima, viruses zoonotiċi oħra jistgħu jgħaddu mill-annimali għall-bnedmin. F'każ ta' pandemija oħra, irridu nkunu ċerti li l-pajjiżi Ewropej kollha jkunu mħejjija u reattivi b'mod ugwali. Din hija tagħlima ċara li l-pandemija għallmitna, u hija waħda mir-raġunijiet ewlenin għaliex il-Kummissjoni von der Leyen stabbiliet il-**pedamenti ta' Unjoni Ewropea tas-Saħħa**.

L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa hija l-pass li jmiss fil-perkors lejn UE aħjar. Hija mfasla biex tiproteġi aħjar is-saħħa fiżika u mentali taċ-ċittadini tal-UE, tgħammar lill-UE u lill-Istati Membri tagħna biex jipprevjenu u jindirizzaw pandemiji futuri, u ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Ewropa.



L-aktar enfasi immedjata tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa hija t-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet. Ir-**Regolament dwar it-theddid transfruntier serju għas-saħħa**, li se jipprovdni qafas legali li fih l-UE tista' tirreaġixxi malajr għal theddid transfruntier għas-saħħa, qed jiġi ffinalizzat mill-koleġislaturi Ewropej.



L-**Awtorità l-ġdida għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (Health Emergency Preparedness and Response Authority, HERA)**, stabbilita f'Settembru 2021 fl-okkażjoni tad-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni ta' dik is-sena, qed tikkontribwixxi għall-iżvilupp, il-produzzjoni u l-ħżin ta' mediċini, vaċċini u kontromiżuri mediċi oħra - bħal tagħmir protettiv personali - li spiss kienu neqsin matul l-ewwel fażi tar-rispons għall-coronavirus. HERA se tikkontribwixxi għal **prevenzjoni aħjar tal-emerġenzi tas-saħħa, id-detezzjoni tagħhom u r-rispons rapidu għalihom** fil-livell tal-UE u dak globali. Fl-ewwel sena tal-attivazzjoni tagħha, HERA stabbiliet grupp ta' esperti dwar il-varjanti tal-COVID-19 biex timmonitorja l-mutazzjonijiet, xtrat il-vaċċini kontra l-monkeypox, waqqfet **EU FAB** - network ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni "dejjem lesti" għall-manifattura tal-vaċċini u tal-mediċini li jistgħu jiġu attivati f'każ ta' kriżijiet futuri - u bdiet taħżen tagħmir u mediċini kontra t-theddid kimiku u nukleari.

Bl-Ispazju Ewropew il-ġdid tad-Data dwar is-Saħħa, il-Kummissjoni qed tieġu pass storiku lejn il-kura tas-saħħa digitali fl-UE.

Rispons rapidu għall-varjanti huwa possibbli minħabba li, kmieni fil-pandemija, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jżidu s-sekwenzjar tal-ġenoma u jimmonitorjaw il-preżenza tal-varjanti għal mill-inqas 5 %, u preferibbilment 10 %, tar-riżultati pożittivi tat-testijiet, u pprovdiet EUR 110 miljun f'appoġġ permezz taċ-**Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard**. B'EUR 123 miljun addizzjonali mill-programm tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni - Orizzont Ewropa - l-UE għandha kapaċità sinifikanti għall-monitoraġġ tal-emerġenza ta' varjanti ġodda.

Il-pandemija kellha u għad għandha impatt kbir fuq il-pazjenti, il-persunal mediku u tal-kura tas-saħħa u s-sistemi tas-saħħa fl-Ewropa. Il-**programm EU4Health** imur lil hinn mir-rispons għall-kriżijiet biex tiġi indirizzata r-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa. B'tagħlim mis-suċċessi tar-rispons għall-pandemija, EU4Health qed jinvesti EUR 5,3 biljun f'miżuri b'valur miżjud tal-UE u qed jgħin lis-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri jibnu kapaċità żejda u jirkupraw mill-pandemija.

L-**istrateġija farmaċewtika għall-Ewropa**, adottata f'Novembru 2020, tippreżenta inizjattivi konkreti biex jiġi żgurat aċċess għal mediċini sikuri, ta' kwalità għolja, affordabbli għall-pazjenti, u tindirizza ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati filwaqt li tiffaċilita l-innovazzjoni xjentifika u teknoloġika. Għandha wkoll l-għan li ssaħħaħ is-**sigurtà tal-provvista**, tindirizza n-nuqqasijiet u tippromwovi l-awtonomija strateġika tal-UE sabiex inkunu nistgħu nipprovdu mediċini, inkluż fi żminijiet ta' kriżi. F'Marzu 2022, il-mandat tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ssaħħaħ biex jipprovdi għal monitoraġġ u mitigazzjoni aħjar tan-nuqqasijiet ta' mediċini kritiċi.

Inizjattiva ewlenija tal-Unjoni tas-Saħħa hija l-**Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer**. B'finanzjament ta' EUR 4 biljun, inkluż EUR 1,25 biljun mill-programm EU4Health, il-pjan diġà qed isaħħaħ il-prevenzjoni tal-kanċer, ir-riċerka u l-kura tal-pazjenti. Il-Kummissjoni bdiet tistabbilixxi ċentri u networks Ewropej tal-kanċer f'kull Stat Membru tal-UE, għall-kooperazzjoni transfruntiera. Fil-Jum

Dinji tal-Kanċer fi Frar 2022, il-Kummissjoni nediet Reġistru ġdid tal-Kanċer, li jsegwi l-progress tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kanċer u jstabbilixxi prijoritajiet għall-kooperazzjoni.

Bl-**Ispazju Ewropew il-ġdid tad-Data dwar is-Saħħa**, il-Kummissjoni qed tieġu **pass storiku lejn il-kura tas-saħħa diġitali** fl-UE. B'din il-proposta, il-Kummissjoni qed tagħti s-setgħa liċ-ċittadini billi tagħtihom kontroll sħiħ fuq id-*data* dwar saħħithom u tippermettilhom kura tas-saħħa aħjar madwar l-UE. Se trawwem ukoll suq uniku Ewropew ġenwin għas-servizzi u l-prodotti tas-saħħa diġitali. Se tagħmel dan billi toffri qafas konsistenti, affidabbli u effiċjenti biex id-*data* dwar is-saħħa tintuża għar-riċerka, għall-innovazzjoni, għat-tfassil tal-politika u għall-attivitajiet regolatorji, filwaqt li tiżgura konformità sħiħa mal-**istandards ta' kwalità għolja tal-UE tal-protezzjoni tad-data**. Dan se jkun imprezzabbli għax-xjenzati, ir-riċerkaturi, l-innovaturi u għal dawk li jfasslu l-politika li jaħdmu fuq trattamenti innovattivi li jsalvaw il-ħajja.

Bis-saħħa ta' vaċċini sikuri u effettivi, rati għolja ta' vaċċinazzjoni, għażliet effettivi ta' trattament, innovazzjonijiet diġitali bħaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard aktar b'saħħtu appoġġat mill-HERA l-ġdida, kumulazzjoni ta' riżerva ta' emerġenza ta' provvisti mediċi u kapaċità ta' ttestjar komprensiva, l-UE bniet **reżiljenza ta' klassi dinjija għall-pandemija tal-coronavirus u kriżijiet tas-saħħa futuri**.



3. TMEXXIJA TA' TRANŻIZZJONIJIET EKOLOĠIĊI, DIĠITALI U ĠUSTI

NEXTGENERATIONEU: OPPORTUNITÀ STORIKA

Fil-bidu tal-Kummissjoni von der Leyen, stabbilejna perkors ġdid u ambizzjuż għall-Unjoni Ewropea: il-bini ta' Ewropa aktar ekoloġika, diġitali u soċjalment ġusta. **Il-COVID-19 u l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kkonfermaw li l-linja ta' azzjoni tagħna kienet korretta.** Il-lockdowns ħaffew it-tranżizzjoni diġitali tal-ekonomiji tagħna, u rajna snin ta' innovazzjoni u trasformazzjoni diġitali f'temp ta' ftit ġimgħat. Il-pandemija wriet ukoll il-ħtieġa li tiġi indirizzata r-relazzjoni tagħna mal-pjaneta tagħna, u ħafna Ewropej skoprew mill-ġdid l-importanza tan-natura f'ħajjithom. Barra minn hekk, ir-rikatt enerġetiku tal-Kremlin żied raġuni oħra biex nilliberaw ruħna mid-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili Russi. Magħqudin f'solidarjetà, l-UE mhijiex biss qed tegħleb il-virus, tibda mill-ġdid l-ekonomiji tagħha u tappoġġa lill-Ukrajna, iżda qed tinvesti wkoll b'mod kunfidenti f'futur b'saħħtu u sostenibbli għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' Ewropej.

Din hija l-wegħda ta' **NextGenerationEU, il-pjan ta' rkupru storiku tal-Ewropa.** B'valur ta' aktar minn EUR 800 biljun, u flimkien mal-baġit fit-tul tal-UE lejn l-2027, il-pakkett ta' stimolu Ewropew

—
Sa issa, ġew żborżati aktar minn EUR 100 biljun lill-Istati Membri permezz tal-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.**

jamonta għal aktar minn EUR 2 triljun. Sar-rebbiegħa 2022, il-Kummissjoni kienet approvat kważi l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri kollha. Kważi 40 % tal-investment huwa impenjat għal miżuri klimatiċi, u aktar minn 26 % għat-tranżizzjoni diġitali. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludu wkoll **għadd kbir ta' riformi strutturali** li se jkollhom impatt dejjiemi u jaċċelleraw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Sa issa, ġew żborżati aktar minn EUR 100 biljun lill-Istati Membri permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-Kummissjoni tistma li l-istimolu mill-investment tan-NextGenerationEU jista' **jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku tal-UE** b'1,5 % sal-2027 u jgħin biex jinħolqu 2 miljun impjeg ġdid.

EUR 800 biljun

Pjan ta' rkupru
NextGenerationEU

40 %

tal-investment
impenjat għal
miżuri klimatiċi

26 %

tal-investment
impenjat
għat-tranżizzjoni
diġitali

NextGenerationEU qed jinvesti fl-enerġija rinnovabbli biex **iħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika** u, fid-dawl tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, jagħmel lill-UE indipendenti mill-fjuwils fossili Russi ferm qabel l-2030, bis-saħħa tal-pjan REPowerEU. Qed ninvestu fi bliet aktar ekoloġiċi b'natura restawrata, u kampanja konnessa, b'internet b'veloċità għolja. Qed ninvestu fil-bażi industrijali ta' teknoloġija avvanzata tal-Ewropa, mill-azzar ekoloġiku għal batteriji u mikroċipep rinnovabbli. U qed ninvestu f'opportunitajiet edukattivi u professjonali ugwali u ta' kwalità għolja għaż-żgħażaġħ madwar l-Unjoni Ewropea.

Biex tiffinanzja n-NextGenerationEU, il-Kummissjoni tinsab fit-triq it-tajba biex issir **l-akbar emittent ta' bonds ekoloġiċi** fid-dinja biex tiffinanzja politiki ekoloġiċi. Sa EUR 250 biljun tal-finanzjament se jinġabar permezz tal-bonds ekoloġiċi tan-NextGenerationEU, jew 30 % tan-NextGenerationEU. L-iżborż tal-fondi mill-Kummissjoni permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jinsab ukoll fit-triq it-tajba, u jiddependi fuq l-implimentazzjoni tal-impenji miftiehma mill-Istati Membri, inkluż ir-riformi strutturali, bħall-inkoraġġiment tal-innovazzjoni jew id-difiża tal-istat tad-dritt. **L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-partijiet ikkonċernati lokali u reġjonali, u s-sħab soċjali u ekonomiċi** qed jgħinu biex jidderieġu l-investment lejn fejn huwa l-aktar meħtieġ.

Il-finanzjament sostenibbli huwa fil-qalba tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Minn mindu l-Kummissjoni adottat il-**pakkett ta' finanzjament sostenibbli** ambizzjuż u komprensiv tagħha f'April 2021, l-UE hija l-mexxejja globali fl-istabbiliment ta' standards ambjentali, soċjali u ta' governanza fis-swieq finanzjarji. It-**Tassonomija tal-UE** qed toħloq sistema ta' klassifikazzjoni li hija l-ewwel tat-tip tagħha għal attivitajiet sostenibbli. Biex tiġġieled il-greenwashing, il-Kummissjoni qed taqgħorna wkoll il-liġi tal-UE dwar ir-**rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà**, li tirrikjedi li l-kumpaniji l-kbar jiżvelaw informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tagħhom. Flimkien mar-riformi fis-


swieq kapitali, il-Kummissjoni qed tibni **suq uniku għall-kapital**, mhux biss biex l-investimenti privati jiġu ddirizzjonati lejn it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, iżda biex jibbenefikaw il-konsumaturi, l-investituri u l-kumpaniji b'sorsi profondi, effiċjenti u affidabbli ta' finanzjament, irrispettivament minn fejn jinsabu fl-UE.

L-EWWEL KONTINENT NEWTRALI GĦALL-KLIMA SAL- 2050

Il-**Patt Ekoloġiku Ewropew** huwa l-pjan direzzjonali tal-Ewropa biex issir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050 u biex timplimenta l-Aġenda 2030 għall-lżvilupp Sostenibbli. Mill-pandemija għall-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kummissjoni Ewropea baqgħet fit-triq it-tajba u saħansitra rduppjat it-tranżizzjoni ekoloġika, kif qed nagħmlu għal darba oħra bir-**REPowerEU**. Mhux biss is-saħħa tan-nies li jgħixu fl-UE tiddependi fuq is-saħħa tal-pjaneta tagħna, iżda s-sigurtà tal-enerġija tal-UE tiddependi wkoll fuq il-bidla massiva lejn l-enerġija rinnovabbli. It-tranżizzjoni ekoloġika hija opportunità ġenerazzjonali biex jittejbu l-benesseri u r-reżiljenza taċ-ċittadini tagħna, tal-ħajja selvaġġa u tal-pjaneta.

Minn meta l-Kummissjoni von der Leyen ippreżentat il-Patt Ekoloġiku Ewropew, 10 ijiem biss fil-mandat tagħha, l-UE aċċellerat l-azzjoni biex tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, tinvesti f'teknoloġiji ekoloġiċi u tipproteġi l-ambjent naturali. Bis-saħħa tal-**Liġi dwar il-Klima**, fassalna l-ambizzjoni tagħna għall-2050 f'liġi vinkolanti tal-UE.

Tnaqqis ta' emissjonijiet netti tal-gassijiet serra b'**MILL-INQAS 55 % sal-2030**




Il-Liġi dwar il-Klima tistabbilixxi wkoll mira intermedja għat-tnaqqis tal-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Il-pakkett "**Lesti għall-mira ta' 55 %**", ippreżentat mill-Kummissjoni fis-sajf 2021, jinkludi l-passi konkreti meħtieġa biex niksbu l-ambizzjoni tagħna. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa l-aktar pjan ta' trasformazzjoni komprensiv fid-dinja. L-Ewropa għandha l-viżjoni u l-miri, bin-NextGenerationEU għandha l-investment u issa huwa **ż-żmien li nħaffu l-implimentazzjoni**, permezz tal-istrumenti li ġejjin:

meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew b'mod immirat u kosteffettiv.

F'Marzu 2021, il-Kummissjoni ppubblikat **pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tas-settur organiku** biex tappoġġa lill-bdiewa tal-UE biex jilħqu l-mira ta' 25 % tal-art agrikola permezz ta' biedja organika u żieda sinifikanti fl-akkwawultura organika sal-2030. Il-pjan ta' azzjoni jippreżenta azzjonijiet konkreti biex tingħata spinta kemm lill-konsum kif ukoll lill-produzzjoni ta' prodotti organiċi, flimkien ma' żieda ulterjuri fis-sostenibbiltà tas-settur.

F'Marzu 2022 ukoll, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' proposti biex il-**prodotti sostenibbli** isiru



F'Jannar 2022, il-Kummissjoni adottat il-**Linji Gwida l-ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija** ("CEEAG"), li joħolqu qafas ta' abilitazzjoni flessibbli u adattat għall-iskop tiegħu biex jgħin lill-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ

n-norma fis-suq tal-UE. Ir-regoli ġodda jagħmlu l-prodotti aktar durabbli, aktar faċli biex jerġgħu jintużaw, jiġu mmodernizzati, jissewew, ikunu riċiklabbli, u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u r-riżorsi. Il-proposti jibnu fuq ir-rekwiżiti tal-ekodisinn eżistenti, li fl-2021 biss wasslu għal tnaqqis ta' 10 % fil-

konsum annwali tal-enerġija għall-prodott għall-konsumatur, bħall-apparati domestiċi u ffrankaw EUR 120 biljun lill-konsumaturi tal-UE. Bħala parti mill-pakkett il-ġdid, il-Kummissjoni ppreżentat ukoll pjanijiet biex it-tessuti jsiru aktar durabbli, ikunu jistgħu jissewew u jiġu riċiklabbli, flimkien ma' regoli ġodda li jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi fit-tranżizzjoni ekoloġika, filwaqt li jiżguraw li jkunu infurmati aħjar dwar is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u li jkunu protetti aħjar kontra l-greenwashing.

F'Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat żewġ liġijiet ġodda biex **in-natura terġa' lura fl-UE kollha**. Il-liġi proposta dwar ir-restawr tan-natura hija pass ewlieni fil-prevenzjoni tal-aġħar impatti tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità billi din tiffoka fuq **ir-restawr tal-artijiet mistagħdra, ix-xmajjar, il-foresti, l-artijiet bil-ħaxix, l-ekosistemi marini u l-ambjenti urbani tal-UE**, u l-ispeċijiet li jospitaw. Ir-regoli proposti l-ġodda dwar il-pestiċidi kimiċi se **jnaqqsu l-użu tal-pestiċidi b'50 % sal-2030**, inaqqsu l-impronta ambjentali tas-sistema tal-ikel tal-UE, jiproteġu s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini u tal-ħaddiema agrikoli u jgħinu biex jittaffa t-telf ekonomiku kkawżat minn tnaqqis fis-saħħa tal-ħamrija u mit-telf tad-dakkara kkawżat mill-pestiċidi. Din hija parti mill-oġettiv tal-UE biex tiproteġi legalment minimu ta' 30 % taż-żoni tal-art tagħha u 30 % taż-żoni tal-baħar tagħha sal-2030, kif stabbilit fl-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030 tal-UE. Il-Kummissjoni ppreżentat ukoll proposta biex tipprojbixxi oġġetti u prodotti bażiċi li jixprunaw id-deforestazzjoni f'partijiet oħra tad-dinja milli jidħlu fis-suq uniku tal-UE.

TNAQQIS tal-użu tal-pestiċida
b'50 % sal-2030



Biex it-tranżizzjoni ekoloġika tal-Ewropa tkun suċċess, neħtieġu **l-appoġġ u l-involvement attiv taċ-ċittadini u n-negozji** madwar l-Unjoni Ewropea. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew għalhekk jinkludi **Patt Klimatiku Ewropew**, li jlaqqa' flimkien liċ-ċittadini madwar l-UE biex jaġixxu flimkien għall-klima u s-sostenibbiltà bħala ambaxxaturi volontiera.

Il-ħtieġa għal soluzzjonijiet axxendenti u kokreattivi għat-tibdil fil-klima hija wkoll għaliex il-President von der Leyen, fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2020, nediet il-**Bauhaus Ewropea l-Ġdida**, moviment biex it-tranżizzjoni ekoloġika ssir esperjenza sostenibbli, sabiħa u inklużiva għaċ-ċittadini fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. F'Settembru 2021, il-Kummissjoni ħabbret l-20 rebbieħ tal-Premjijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u l-Istiel Promettenti tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Biex tipprovdi spazju pubbliku għall-komunità li qed tikber, il-Kummissjoni nediet il-**Laboratorju tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida** fir-rebbiegħa 2022 u l-Festival tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fis-sajf. Il-laboratorju jappoġġa lill-komunità fl-ittestjar tal-għodod, is-soluzzjonijiet u l-miżuri ta' politika li se jiffaċilitaw it-trasformazzjoni fil-prattika. Iċ-ċentru ta' riċerka l-ġdid tal-Kummissjoni f'Sevilja qed ipoġġi wkoll dawn l-ideat fil-prattika: il-bini mhux biss se jkun kompletament newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, iżda se jkun ukoll bini b'enerġija pożittiva. Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida juri li l-Patt Ekoloġiku Ewropew aktar milli huwa dwar li jinstabu soluzzjonijiet effettivi ta' ispirazzjoni għat-tibdil fil-klima; huwa dwar **it-titjib tal-ħajja tan-nies fil-mod kif infasslu u nibnu d-djar, l-irħula u l-bliet tagħna**.

—
Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida hija moviment biex it-tranżizzjoni ekoloġika ssir esperjenza sostenibbli u inklużiva għaċ-ċittadini fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.



Fix-xena globali, fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (**COP26**) fi Glasgow f'Novembru 2021, l-Unjoni Ewropea insistiet għal progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-**Ftehim ta' Pariġi**, filwaqt li żgurat li l-ambizzjoni globali li t-tiġin globali jiġi limitat għal 1,5 °C għadha tista' tintlaħaq. Bħala reġjun innovattiv u industrijalizzat ħafna, **it-tmexxija tal-UE qed tispira lil oħrajn madwarha biex isegwuha**. Fi Glasgow, il-Kummissjoni wiegħdet EUR 1 biljun biex tippoteġi l-foresti tad-dinja, li huma essenzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-bijodiversità. Is-Sħubija pijuniera tagħna ta' Tranżizzjoni tal-Enerġija Ġusta mal-Afrika t'Isfel qed tgħinha telimina l-faħam, u se sservi bħala mudell għall-kooperazzjoni tal-klima u t-teknoloġija ma' sħab oħra, inkluż il-Vjetnam. L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu l-akbar kontributur tal-**finanzjament pubbliku għall-klima** għall-ekonomiji li qed jiżviluppaw. L-Alleanza Ekoloġika tagħna mal-Ġappun taferma mill-ġdid il-kooperazzjoni mill-qrib tagħna mad-demokrazzji biex issir newtrali għall-klima sal-2050.



Maria Teresa Ferres, li ġejja minn ħames ġenerazzjonijiet ta' sajjeda **Katalani**, waqqfet il-kooperattiva "Sea of Women", li tippromwovi l-impenn etiku mal-baħar u l-viżibbiltà tar-rwol tan-nisa fis-settur tas-sajd.

F'Ġunju 2022, il-Kummissjoni **ankrat sew il-kriterji ta' sostenibbiltà fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali tagħha**. Dan huwa importanti minħabba li l-UE hija l-aqwa setgħa kummerċjali fid-dinja. Wara rieżami tal-aspetti tal-iżvilupp sostenibbli tal-ftehimiet kummerċjali tagħna, l-UE se taħdem aktar mill-qrib mas-sħab kummerċjali tagħha biex tinforza u timplimenta l-kriterji ewlenin ta' sostenibbiltà, b'mod partikolari l-Ftehim ta' Pariġi u l-konvenzjonijiet tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol. Il-Ftehim Kummerċjali bejn l-UE u New Zealand, konkluż fl-1 ta' Lulju 2022, huwa prova bikrija tal-ambizzjoni l-ġdida tagħna. Il-Ftehim jinkludi dispożizzjonijiet tal-ogħla livell dwar il-kummerċ u s-sostenibbiltà, inklużi sanzjonijiet marbuta mar-rispett tal-Ftehim ta' Pariġi.

F'Ġunju wkoll, fit-12-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, l-UE għenet biex jiġi żgurat **ftehim storiku għall-indirizzar tas-sussidji dannużi għas-sajd** fid-dinja. Il-ftehim se jipprojbixxi s-sussidji għas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat u għall-istokkijiet tas-sajd eċċessiv, żewġ flaġelli li jbbattlu l-oċeani tagħna. Biex tinforza dan, u tmexxi approċċ globali kollettiv għall-protezzjoni u r-restawr tal-ibħra internazzjonali, il-Kummissjoni żvelat l-aġenda l-ġdida tagħha dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani. Qed nippreservaw l-oċeani tagħna għall-ġenerazzjonijiet futuri.

NAVVANZAW ID-DEĊENNJU DIĠITALI TAL-EWROPA

L-UE hija pijunier globali fil-perkors lejn dinja diġitali sikura u affidabbli. Il-pandemija tal-coronavirus uriet il-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni fil-ħajja tagħna ta' kuljum, u għaliex **it-tranżizzjoni diġitali tal-Ewropa ċċentrata fuq il-bniedem** hija t-triq 'il quddiem. Il-libertà ta' konnessjoni mal-ħbieb u l-familja bejn il-fruntieri għandha tkun dritt, mhux privileġġ. Il-libertà li wieħed jaħdem jew jistudja b'mod remot malajr qed issir realtà għal ħafna Ewropej, u b'hekk qed jinfetħu possibbiltajiet ġodda għal familji żgħażagħ, negozji u komunitajiet rurali. It-tkabbir tal-ħajja personali u professjonali tagħna online għandu jkun akkumpanjat minn aktar protezzjoni online tad-drittijiet fundamentali u tad-*data* tagħna.

F'Jannar 2022, il-Kummissjoni pproponiet abbozz tad- **dikjarazzjoni Ewropea dwar id-drittijiet**



u l-prinċipji diġitali. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ingħaqdu mal-Kummissjoni biex jinneogzjaw it-test finali, li għandu jiġi adottat mit-tliet istituzzjonijiet kollha. Din il-proposta ssegwi għadd ta' siltiet ewlenin tal-leġiżlazzjoni tal-UE li qed jibnu spazju diġitali aktar sikur u aktar ħieles, fl-Ewropa u lil hinn minnha.

Il-Kummissjoni ħarġet l-abbozz tant antiċipat tagħha tal-**Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (IA)** f'April 2021. Dan jirrappreżenta l-aktar tentattiv prospettiv fid-dinja biex jiġu rregolati t-teknoloġiji tal-IA, filwaqt li jstabbilixxi approċċ regolatorju transsettorjali bbażat fuq ir-riskju għall-użu tas-sistemi tal-IA fl-UE u fis-suq uniku tagħha. Il-Kummissjoni trid tagħmel ir-regoli tal-IA konsistenti madwar l-UE u b'hekk tiżgura ċ-ċertezza legali, tfeġġeg l-investiment u l-innovazzjoni fl-IA u tibni l-fiduċja pubblika li s-sistemi tal-IA jintużaw b'modi li jrispettaw il-valuri u d-drittijiet fundamentali Ewropej.

L-Att tal-Kummissjoni dwar il-Governanza tad-Data, miftiehem mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill fil-ħarifa 2021, iżid il-fiduċja fil-kondiviżjoni tad-*data*. Fi Frar 2022, dan ġie kkomplementat bi proposta għal **Att dwar id-Data**, li jstabbilixxi regoli ġodda dwar min jista' juża u jaċċessa d-*data* ġġenerata fl-UE fis-setturi ekonomiċi kollha. Il-Kummissjoni qed tistabbilixxi wkoll spazji komuni Ewropej tad-*data* f'oqsma strateġiċi, li jinvolvu atturi privati u pubbliċi.

Fi stadju importanti f'Marzu 2022, il-koleġiżlaturi tal-UE laħqu ftehim dwar **L-Att dwar is-Swieq Diġitali**, li jirregola l-attivitajiet ta' pjattaformi diġitali kbar, jew "gwardjani", biex jiġi żgurat li s-suq uniku diġitali Ewropew ikun miftuħ u ġust. Dawn il-gwardjani se jkunu soġġetti għal għadd ta' obbligi u projbizzjonijiet definiti b'mod ċar li jipprevjenu lill-kumpaniji diġitali kbar milli jabbużaw mis-saħħa tagħhom fis-suq u jippermettu lil atturi ġodda jidħlu fis-suq. Bl-Att dwar is-Swieq Diġitali, il-Kummissjoni

se tkun l-ewwel infurzatur fid-dinja tar-regolamentazzjoni tas-suq tat-teknoloġija kbira li tkopri bosta Prattiki u servizzi diġitali.

F'April ta' din is-sena sar ftehim fundamentali ieħor rigward **L-Att dwar is-Servizzi Diġitali**, l-ewwel fid-dinja kollha fil-qasam tar-regolamentazzjoni diġitali. Dan l-att isegwi l-prinċipju li dak li huwa illegali offline jrid ikun ukoll illegali online: il-pjattaformi online u l-magni tat-tiftix kbar ħafna se jkunu soġġetti għal rekwiżiti aktar stretti biex jipproteġu lill-utenti tagħhom minn kontenut, oġġetti u servizzi illegali. Barra minn hekk, il-pjattaformi online u l-magni tat-tiftix se jkunu meħtieġa jivvalutaw u jimmitigaw il-ħsara aktar wiesgħa li l-attivitajiet u l-algoritmi tagħhom jistgħu joħolqu għad-drittijiet fundamentali, għall-benessri tat-tfal u għad-diskors ċiviku. Kemm l-Att dwar is-Swieq Diġitali kif ukoll l-Att dwar is-Servizzi Diġitali ġew adottati fil-plenarja tal-Parlament Ewropew fil-bidu ta' Lulju, se jidħlu fis-seħħ din is-sena u se jkunu applikabbli matul l-2023.

It-tranżizzjoni diġitali ċċentrata fuq il-bniedem hija s-sies li fuqu jserrġu **l-erba' pilastr**i tad-Deċennju Diġitali tal-Ewropa: it-tiħiħ tal-pożizzjoni taċ-ċittadini permezz tal-ħiliet diġitali; id-diġitalizzazzjoni tan-negożji; id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi; u t-tiħiħ tal-infrastruttura diġitali. Bi ftehim mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill f'Lulju 2022, il-**Programm ta' Politika tal-Perkors għad-Deċennju Diġitali** stabbilixxa miri konkreti tul dawn l-erba' pilastr i u stabbilixxa mekkaniżmu ta' implimentazzjoni robust. Fl-ispinta ta' EUR 250 biljun għad-diġitalizzazzjoni minn

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen
iżżur il-kumpanija Advanced Semiconductor Materials
Lithography (ASML) f'Eindhoven, in-Netherlands.



NextGenerationEU, l-Ewropa qed tavvanza fl-erba' pilastri kollha kemm huma. Pereżempju din is-sena l-Kummissjoni se tadotta l-proposta tagħha għal **Att dwar l-Infrastruttura tal-Konnettività** biex tippromwovi t-tneđija aktar effiċjenti u aktar rapida ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'kapaċità għolja ħafna, inklużi l-fibrottika u l-5G, fl-UE.

Il-proposta dwar l-**Att Ewropew dwar iċ-Ċipep**, adottat mill-Kummissjoni fi Frar 2022, huwa proġett ewlieni għat-trasformazzjoni tal-UE. Ma jeżisti l-ebda futur diġitali mingħajr ċipep. Dawn jinsabu fit-telefowns, fil-kompjuters, fil-karozzi, fl-apparat mediku u fl-apparati konnessi kollha tagħna. It-tfixkil kontinwu fil-katina tal-provvista kkawżat mill-pandemija saħħaħ il-ħtieġa li jsir investment, filwaqt li ssaħħet il-bażi tar-riċerka tas-semikondutturi ta' klassi dinjija tal-Ewropa, biex din terġa' tkun fuq quddiem nett fid-disinn u l-produzzjoni. L-UE u l-Istati Membri qed jimobilizzaw EUR 43 biljun f'investment pubbliku, u dan diġà attira l-akbar manifattur taċ-ċipep fl-Istati Uniti biex jinvesti EUR 19-il biljun fl-UE.

Il-proposta dwar l-**Att Ewropew dwar iċ-Ċipep** huwa proġett ewlieni għat-trasformazzjoni tal-Ewropa.

B'mod parallel, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni riveduta rigward ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal **proġetti importanti ta' interest komuni Ewropew** biex jiġi appoġġat investment kbir fl-infrastruttura transfruntiera f'innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, pereżempju għall-katina tal-valur tal-batteriji.

Żewġ fruntieri emerġenti tat-tranżizzjoni diġitali huma l-finanzi u l-ispazju, u anki hawnhekk l-UE hija pijuniera. F'Jannar 2021, il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew qablu li jaħdmu flimkien


biex janalizzaw diversi għażliet ta' tffassil u l-implikazzjonijiet regolatorji relatati tal-**euro diġitali**. Forma diġitali ta' flus tal-bank ċentrali toffri għażla akbar lill-konsumaturi u lin-negozji. Filwaqt li jitqiesu d-diġitalizzazzjoni, il-bidliet rapidi fix-xenarju tal-pagamenti u l-emerġenza tal-kriptoassi, l-euro diġitali jista' jikkomplementa l-flus u jirrispondi għal ħtiġijiet ġodda ta' pagament.

Biex żżomm l-istabbiltà finanzjarja filwaqt li tippermetti l-innovazzjoni u trawwem l-attraenza tas-settur tal-kriptoassi, l-UE hija l-ewwel regolatur fid-dinja li jipproteġi liċ-ċittadini tagħha kontra xi wħud mir-riskji assoċjati mal-investimenti fil-kriptoassi. F'Ġunju 2022, il-koleġiżlaturi tal-UE laħqu ftehim storiku dwar ir-**regolament propost tal-Kummissjoni dwar il-kriptoassi**.

Il-**programm spazjali** tal-UE diġà jipprovdi *data* u servizzi prezzjużi għal firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet ta' kuljum, pereżempju biex jappoġġa t-trasport kummerċjali u n-navigazzjoni personali, l-agrikoltura ta' preċizzjoni u soluzzjonijiet għat-tibdil fil-klima. Fi Frar 2022 il-Kummissjoni Ewropea pproponiet ukoll żewġ inizjattivi ewlenin ġodda biex tqawwi **l-konnettività sigura permezz tas-satelliti u l-ġestjoni tat-traffiku spazjali**.

Il-**Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti**, stabbilit f'Ġunju 2021, joffri pjattaforma effettiva għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti biex jikkordinaw l-approċċi tagħhom u japprofondixxu l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet diġitali, teknoloġiċi, ekonomiċi u kummerċjali ewlenin. Huwa kellu l-ewwel laqgħa tiegħu f'Pittsburgh, Pennsylvania, fid-29 ta' Settembru 2021, u t-tieni f'Paris-Saclay, fi Franza, fis-16 ta' Mejju 2022. Il-kopresidenti tal-UE u tal-Istati Uniti bnew fuq pedamenti b'saħħithom u ħabbru inizjattivi ġodda dwar il-ktajjen tal-provvista, is-sigurtà tal-ikel, it-teknoloġija emerġenti, l-infrastruttura diġitali u l-kummerċ. Dawn l-inizjattivi jsaħħu l-valuri demokratiċi kondiviżi tagħna u jsaħħu l-kompetittività globali transatlantika, ikunu ta' beneficiċċju għall-ħaddiema u l-familji fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku u jagħtu sura lit-tranżizzjoni diġitali u teknoloġika globali.

Barra minn hekk, f'April 2022 il-President von der Leyen u l-Prim Ministru tal-Indja Narendra Modi qablu li jistabbilixxu **Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Indja** biex jindirizzaw l-isfidi ewlenin tal-kummerċ, tal-ekonomija u tat-teknoloġija, u biex timxi 'l quddiem il-kooperazzjoni



f'dawn l-oqsma. L-Unjoni Ewropea qed taħdem ma' sħab tal-istess fehma madwar id-dinja biex issawwar ir-regoli globali fl-isfera diġitali. Qed naġġornaw ir-relazzjonijiet diġitali mas-sħab ewlenin, biex nistabbilixxu r-regoli għall-kummerċ diġitali, li jorbtuh mal-projezzjoni tar-riformi interni tagħna. Ġiet konkluża sħubija diġitali mal-Ġappun fis-summit bejn l-UE u l-Ġappun f'Mejju 2022, u għaddejjin negozjati simili ma' Singapore u l-Korea t'Isfel.

IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI TA' KLASSI DINJIJA

B'EUR 95,5 biljun f'finanzjament għall-perjodu sal-2027, **Orizzont Ewropa** huwa l-akbar programm tranżnazzjonali ta' riċerka u innovazzjoni fid-dinja. Kemm it-tranżizzjoni ekoloġika kif ukoll dik diġitali fl-Ewropa jiddependu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni ta' klassi dinjija. Il-Kummissjoni nediet **ħames missjonijiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-UE** f'Settembru 2021, biex toħroġ b'soluzzjonijiet konkreti għal xi wħud mill-akbar sfidi tagħna.

Fl-14 ta' Ottubru 2021, **il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni**, inizjattiva importanti ta' Orizzont Ewropa, għażel 65 negozju ġdid innovattiv u intrapriżi żgħir u ta' daqs medju biex jirċievu EUR 363 miljun f'finanzjament għal innovazzjonijiet rivoluzzjonarji fil-kura tas-saħħa, fit-teknoloġiji diġitali, fl-enerġija, fil-bijoteknoloġija, fl-ispazju

u f'oqsma oħra. F'Diċembru 2021 intgħażlu 99 negozju ġdid ieħor biex jirċievu sa EUR 627 miljun. F'Ġunju 2022, il-Kummissjoni nediet azzjoni ta' appoġġ tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni ta' EUR 20 miljun għal mill-inqas 200 negozju ġdid b'kontenut teknoloġiku profund mill-Ukrajna, u għażlet lott ieħor ta' 74 negozju ġdid u SMEs innovattivi. Huma mistennija li jirċievu EUR 382 miljun.

L-aġenda tal-innovazzjoni Ewropea l-ġdida ġiet adottata f'Lulju 2022, u inkludiet ħames programmi ewlenin biex l-UE ssir il-mexxej globali fl-teknoloġija profunda innovattiva. Għandha l-potenzjal li timmobilizza madwar EUR 45 biljun minn investituri istituzzjonali privati biex tappoġġa n-negozji li qed jespandu. Barra minn hekk, l-aġenda se tistabbilixxi programm biex tħarreġ 1 miljun individwu f'ħiliet teknoloġiċi profondi, b'mod partikolari oqsma ta' teknoloġija profunda li jvarjaw minn materjali ġodda u bijoloġija sintetika għal teknoloġija nadifa.

Il-Kummissjoni qed issaħħaħ ukoll l-isforzi biex ikunu pijunieri proġetti tat-teknoloġija ekoloġika bit-tnedija tal-**Katalist tal-UE**, sħubija ġdida mmirata biex tagħti spinta u żżid l-investimenti fi proġetti bbażati fl-UE b'impatt għoli f'teknoloġiji klimatiċi kritiċi li mistennija jippermettu ekonomija żero netti futura (idroġenu ekoloġiku, fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, qbid dirett mill-arja u ħżin tal-enerġija fit-tul). Is-sħubija tnediet fil-COP26, bil-potenzjal li timmobilizza sa EUR 840 miljun sal-2026 u li tgħin biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-miri klimatiċi tal-UE għall-2030.

OQSMA TA' MISSJONI



Is-saħħa tal-ħamrija
u l-ikel



L-adattament
għat-tibdil fil-klima,
inkluża t-trasformazzjoni
soċjetali



Il-ġlieda kontra
l-kanċer



Bliet newtrali
għall-klima
u intelliġenti



Oċeani, ibħra u ilmijiet
interni u kostali
f'saħħithom

Ix-xjenzati appoġġati mill-**Kunsill Ewropew tar-Riċerka** rebħu l-ogħla premjijiet internazzjonali fir-riċerka medika, l-astrofiżika, il-matematika kif ukoll żewġ Premjijiet Nobel fil-Kimika u fil-Fiżika matul is-sena li għaddiet. Stħarriġ riċenti wera li l-Kunsill Ewropew tar-Riċerka ffinanzja mijiet ta' proġetti ta' riċerka ewlenin għall-azzjoni klimatika tal-UE, il-politiki tas-saħħa, u t-trasformazzjoni diġitali, filwaqt li aktar minn wieħed minn kull 10 benefiċjarji nedew negozji ġodda jew ittrasferew ir-riżultati tar-riċerka tagħhom lil kumpaniji oħra.

Barra minn hekk, bl-appoġġ minn Orizzont Ewropa, l-UE se tirdoppja l-għadd ta' **widien tal-idroġenu** mill-21 attwali għal 50 sal-2025, u b'hekk se tipprovdi aktar investiment mill-industrija u mill-Istati Membri. L-UE se testendi wkoll in-network eżistenti tal-widien tal-idroġenu għal partijiet oħra tad-dinja billi tiżviluppa 100 wied tal-idroġenu madwar id-dinja bil-Missjoni Innovazzjoni (l-inizjattiva globali biex tiħaffef l-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija nadifa permezz ta' kooperazzjoni orjentata lejn l-azzjoni). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tat madwar EUR 4 miljun permezz tal-programm Erasmus+ biex tappoġġa sħubija fit-tul bejn l-industrija u l-edukazzjoni biex jiġu żviluppatti **l-ħiliet meħtieġa għall-ekonomija tal-idroġenu** u tagħmilhom disponibbli għall-istituti edukattivi kollha.

Wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna, l-UE temmet il-parteċipazzjoni li kienet għaddejja tal-entitajiet pubbliċi Russi u tal-korpi relatati fil-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE, eskudiet il-kooperazzjoni futura mal-entitajiet ġuridiċi Russi kollha, u nediet miżuri ta' appoġġ għall-komunità tar-riċerka tal-Ukrajna. **L-Ukrajna diġà hija eliġibbli għall-finanzjament tal-UE permezz ta' Orizzont Ewropa**. Il-Kummissjoni diġà nediet skema ddedikata b'valur ta' EUR 25 miljun biex tappoġġa lir-riċerkaturi Ukreni permezz tal-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie. L-iskema **MSCA4Ukraine** se tipprovdi fellowships għal kandidati għal dottorati u riċerkaturi postdottorali biex ikomplu l-ħidma tagħhom f'organizzazzjonijiet akkademiċi u mhux akkademiċi fl-UE u fil-pajjiżi Assoċjati ta' Orizzont Ewropa.

L-EBDA EWROPEW MA JIḤALLA LURA

Il-ġustizzja soċjali trid tkun fil-qalba tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u tirrifletti **l-valuri tal-ekonomija soċjali tas-suq Ewropew**. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni von der

Leyen ħolqot il-**Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta**, li se jimmobilizza sa EUR 55 biljun sal-2027 għar-reġjuni l-aktar milquta tal-UE. Ipproponiet ukoll **Fond Soċjali għall-Klima** li għandu jiġi ffinanzjat direttament mid-dħul iġġenerat mill-iskema Ewropea għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, biex l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà tagħna jiġu meġġjuna jimmaniġġaw il-kontijiet tal-enerġija u tat-trasport tagħhom.

F'Ġunju 2022 il-Parlament u l-Kunsill laħqu ftehim storiku dwar **id-direttiva dwar il-pagi minimi adegwati**.

Ir-rispons tal-UE għall-pandemija, u issa għall-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna qed jaħdem bis-saħħa ta' taħlita ta' flessibilità fuq terminu qasir u viżjoni fit-tul. Dan l-approċċ flessibbli, ibbażat fuq il-valuri tas-suq soċjali Ewropew huwa inkorporat fil-programm ta' appoġġ tal-Kummissjoni biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (Support to mitigate unemployment risks in an emergency, **SURE**). SURE għen lill-impjegaturi jżommu l-impjegati fuq ix-xogħol billi jħallsu s-salarji tagħhom waqt il-lockdowns. Mat-EUR 92 biljun ta' assistenza finanzjarja ġew żborżati lil 19-il Stat Membru għall-benefiċċju dirett tar-riċevituri. Fl-2020 biss, SURE appoġġa madwar 31 miljun ruħ fl-UE u 2,5 miljun ditta. SURE appoġġa kważi 30 % tal-impjegati totali u kwart tad-ditti totali fid-19-il pajjiż benefiċjarju. Fl-2021, SURE kompli jiproteġi l-impjegati filwaqt li witta t-triq għal irkupru ekonomiku robust.



SURE APPOĠĠA KWAŻI 30 % TAL-IMPJIEGI TOTALI U KWART TAD-DITTI TOTALI FID-19-IL PAJJIŻ BENEFIĊJARJU



Illum, l-UE għandha l-aktar suq tax-xogħol b'saħħtu tagħha f'għexieren ta' snin. Bejn il-bidu tal-2021 u l-bidu tal-2022, **inħolqu kważi 6 miljun impjieg fl-UE**. Hekk kif l-ekonomija rkuprat, l-Istati Membri gradwalment marru minn skemi ta' xogħol ta' emerġenza għal żmien qasir għal miżuri li jħarsu 'l quddiem fis-swieq tax-xogħol, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi (effective active support to employment, **EASE**). Minkejja l-impatt ekonomiku serju tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq ċerti setturi, sa issa, iċ-ċifri tal-impjiegi fl-UE baqqgħu fil-biċċa l-kbira mhux affettwati, u l-qgħad laħaq livelli baxxi rekord (6,0 % f'Ġunju 2022). Filwaqt li tipprevali żieda fl-inċertezza ekonomika, il-proġettazzjonijiet attwali juru li l-impjiegi għandhom ikomplu jikbru fl-2023.

Għodda oħra biex jinkiseb irkupru li jinqasam mal-UE kollha, speċjalment biex tingħata spinta **lit-tkabbir f'reġjuni inqas żviluppati**, kienet l-inizjattiva tal-assistenza fl-irkupru għall-koeżjoni u t-territorji tal-Ewropa (recovery assistance for cohesion and the territories of Europe, **REACT-EU**). Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni rċevew żieda sinifikanti b'valur ta' aktar minn EUR 50 biljun. REACT-EU kienet strument minn tal-ewwel nett li ntuża minn **NextGenerationEU**, u l-ewwel pagament sar f'Ġunju 2021. Din l-azzjoni rapida taffiet l-impatt tal-kriżi pandemika u pprovdiet pont għall-pjan ta' rkupru fit-tul. REACT-EU tappoġġa l-intrapriżi u l-iżvilupp tan-negozju, issaħħaħ is-sistemi tal-kura tas-saħħa, tiffinanzja l-programmi ta' taħriġ, l-iskemi tal-impjiegi, u tipprovdi tagħmir

għall-iskejjel u assistenza materjali għal dawk l-aktar fil-bżonn.

L-għajnuna mill-Istat kienet ukoll parti importanti mir-rispons ekonomiku tal-Kummissjoni għall-pandemija. Mill-bidu tal-kriżi l-Kummissjoni adottat aktar minn 1 430 deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, li approvaw kważi 1 010 miżura nazzjonali għal ammont totali stmat approvat ta' madwar EUR 3,2 triljun. Il-Qafas Temporanju tal-Għajnuna mill-Istat dwar il-COVID tneħħa gradwalment fit-30 ta' Ġunju 2022.

F'Novembru 2021 il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-**politika tal-kompetizzjoni adattata għall-isfidi l-ġodda**, li tenfasizza r-rwol importanti tal-politika tal-kompetizzjoni fil-mixja tal-Ewropa lejn l-irkupru, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u suq uniku reżiljenti. Il-Komunikazzjoni tenfasizza l-kapaċità intrinsika tal-politika tal-kompetizzjoni li tadatta għaċ-ċirkostanzi l-ġodda tas-suq, il-prijoritajiet tal-politika u l-ħtiġijiet tal-klijenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bħalissa qed ttwettaq rieżami tal-għodod tal-politika tal-kompetizzjoni biex tiżgura li l-istrumenti kollha tal-kompetizzjoni (il-fużjonijiet, l-antitrust u l-kontroll tal-għajnuna mill-Istat) jibqgħu adattati għall-iskop tagħhom, u jikkomplimentaw il-ġabra ta' għodod eżistenti tagħha.

Kif uriet il-pandemija, ekonomija soċjali tas-suq b'saħħitha li tpoġġi l-benesseri tan-nies l-ewwel hija l-aktar mudell reżiljenti għal dinja postpandemika mmexxija mit-teknoloġija. Il-pjan ta' azzjoni tal-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**, adottat f'Marzu 2021, ippropona tliet miri ewlenin ambizzjużi tal-UE għall-2030 fl-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, milqugħa mill-mexxejja tal-UE fis-Summit ta' Porto. B'baġit totali ta' EUR 99 biljun, il-**Fond Soċjali Ewropew** huwa strument finanzjarju ewlieni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. F'Ġunju 2022, l-Istati Membri kollha ppreżentaw il-miri nazzjonali tagħhom, li juru l-impenn tagħhom li jwettqu l-wegħdiet li saru fis-**Summit ta' Porto**.

L-**aġenda Ewropea għall-ħiliet**, ippreżentata f'Lulju 2020, hija pjan ta' ħames snin biex tgħin lill-individwi u lin-negozji jiżviluppaw u jtejbu aktar ħiliethom, jimlew il-lakuni fl-impjiegi u jirnexxu f'ekonomija aktar ekoloġika u aktar diġitali. Il-patt għall-ħiliet, imniedi f'Novembru 2020, jiġbor flimkien il-kumpaniji, il-ħaddiema, l-awtoritajiet

**Il-miri ewlenin għall-2030
stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni
tal-Pilastru Ewropew
tad-Drittijiet Soċjali**

tal-inqas

78 %

tal-popolazzjoni ta' bejn l-20
u l-64 sena għandu jkollhom
impjeg sal-2030

tal-inqas

60 %

mill-adulti kollha għandhom
ta' kull sena jipparteċipaw
f'taħriġ sal-2030

tnaqqis ta' mill-inqas

15-il miljun

fl-għadd ta' nies f'riskju
ta' faqar jew ta' esklużjoni
soċjali

lokali, is-sħab soċjali, il-fornituri tat-taħriġ u s-servizzi tal-impjiegi biex jiġu identifikati liema ħiliet se jkunu meħtieġa f'setturi differenti, u biex jittieħdu l-impenji għat-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema. S'issa, aktar minn 700 organizzazzjoni ffirmaw il-patt u ġew stabbiliti 12 sħubija fuq skala kbira f'setturi strateġiċi, b'wegħdiet li jgħinu fit-titjib tal-ħiliet sa 6 miljun persuna.

Il-Kunsill adotta rakkomandazzjonijiet dwar **il-kontijiet individwali tal-apprendiment u l-mikrokredenzjali** f'Ġunju 2022. U biex tiżgura

li l-Ewropa tkompli tkun ta' klassi dinjija fl-educazzjoni, il-Kummissjoni nediet **strateġija Ewropea għall-universitajiet** li se ttejjeb ħafna l-kompetittività tas-sistemi tal-educazzjoni għolja tagħna permezz tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali akbar u aktar profonda. Dan se joħloq kundizzjonijiet aħjar biex it-talent jiffjorixxi f'soċjetà bbażata fuq l-għarfien.

F'Ġunju 2022 il-Parlament u l-Kunsill għamlu **ftehim storiku rigward id-direttiva dwar il-pagi minimi adegwati** proposta mill-Kummissjoni f'Ottubru 2020. Mill-bidu nett din il-liġi kienet prijorità għall-Kummissjoni von der Leyen, u se tgħin biex titjeb l-adegwatezza tal-pagi minimi u biex iżżid l-aċċess tal-ħaddiema għall-protezzjoni tal-paga minima fl-UE.

Biex tiproteġi lill-ħaddiema minn sfidi ġodda marbuta mad-diġitalizzazzjoni tad-dinja tax-xogħol, f'Diċembru 2021 il-Kummissjoni pproponiet **direttiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol dwar ix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali**. Il-proposta għandha l-għan li tiżgura li l-persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali jingħataw l-*istatus* ta' impjeg legali li jikkorrispondu għall-arranġamenti tax-xogħol reali tagħhom u jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet tax-xogħol u l-benefiċċji soċjali li huma intitolati għalihom. Tindirizza wkoll il-kwistjoni kumplessa tal-ġestjoni algoritmika fuq il-pjattaformi biex tiżgura li jkun hemm sorveljanza mill-bniedem kif ukoll trasparenza.

F'Diċembru wkoll, il-Kummissjoni ppreżentat **pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali**. L-appoġġ imsaħħaħ għall-ekonomija soċjali mhux biss joħloq l-impjiegi, iżda jippermetti wkoll lill-organizzazzjonijiet ikabbru l-impatt soċjali tagħhom fl-UE kollha. Il-pjan ta' azzjoni jwitti t-triq għall-organizzazzjonijiet soċjo-ekonomiċi biex jirnexxu u jikbru billi jżid il-viżibbiltà tagħhom, jistabbilixxi l-oqfsa legali u ta' politika t-tajbin u jgħinjom jibded u jespandu.

Meta r-Russja attakkat l-Ukrajna, il-komunità tan-negozju **Rumena** ngħaqdet flimkien biex tniedi jobs4ukr.com, pjattaforma li tgħin lir-refuġjati Ukreni biex isibu impjeg fl-UE.



Globalment, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma minn ta' quddiem fir-riforma tat-taxxa korporattiva. Fl-2021, wara l-iffirmar ta' ftehim internazzjonali minn 137 pajjiż dwar rata tat-taxxa effettiva ta' 15 %, il-Kummissjoni pproponiet direttiva li tiżgura rata tat-taxxa effettiva minima għall-attivitajiet globali ta' gruppi multinazzjonali kbar. Il-proposta twettaq il-wegħda tal-UE li timxi b'ħeffa kbira u tkun minn tal-ewwel li timplimenta l-**ftehim storiku dwar ir-riforma tat-taxxa globali**, li għandu l-għan li jgħib sens ta' għustizzja, trasparenza u stabbiltà fil-qafas internazzjonali tat-taxxa korporattiva.

IL-GLOBAL GATEWAY TAL-EWROPA GĦAD-DINJA

Fil-ħarifa tal-2021 il-President von der Leyen ħabbret il-**Global Gateway**, li l-Ewropa qed toffriha lil dinja li għandha bżonn ta' investment massiv: investment f'enerġija nadifa, f'toroq u pontijiet li huma reżistenti għall-għargħar u f'binjiet li jifilħu għal mewġiet ta' sħana estrema; investment biex is-sistemi tas-saħħa jitħejjew għall-pandemiji tal-futur u biex il-biedja tadatta ruħha għal kundizzjonijiet aktar xotti; investment biex il-ħaddiema tagħna jiġu mgħammra b'ħiliet li jaqblu mal-impjegi ta' għada; jew investment fl-infrastruttura diġitali, minħabba li l-fjuwil tal-ekonomija l-ġdida huwa *d-data*.

Il-Global Gateway se jgħin biex investimenti bħal dawn ikunu possibbli – kemm pubbliċi kif ukoll privati. Dan se jagħti spinta lil rabtiet intelliġenti, nodfa u siguri fis-setturi diġitali, tal-enerġija u tat-trasport u jsaħħaħ is-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka madwar id-dinja. Għaldaqstant, l-UE qed iżżid l-offerta tagħha lis-sħab tagħha **biex tappoġġa proġetti kbar ta' infrastruttura madwar id-dinja**, b'enfasi fuq l-avanz tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Tim Ewropa għandu l-għan li jimmobilizza sa EUR 300 biljun ta' investimenti sal-2027, li nofshom fl-Afrika.

Il-Global Gateway huwa bbażat fuq **ħames prinċipji**: is-sostenibbiltà; l-espansjoni tad-drittijiet tal-bniedem u dawk soċjali; il-governanza tajba; is-sigurtà u l-inklużjoni tal-investment privat. Dan ifisser li l-pajjiżi jingħataw għażla aħjar u bbażata

fuq il-valur. L-UE se taħdem mill-qrib ma' sħab tal-istess fehma fl-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva.

Bis-saħħa tal-Global Gateway, l-UE qed tgħin biex jinbnew **żewġ fabbriki fir-Rwanda u fis-Senegal biex jiġu mmanifatturati vaċċin fuq il-bażi tal-mRNA tal-ogħla livell**. Mis-sena d-dieħla, dawn il-vaċċini se jinbiegħu lill-pajjiżi Afrikani bi prezzijiet mingħajr skop ta' qligħ. Għaddejja wkoll ħidma simili mal-Ghana u l-Afrika t'Isfel. Il-Global Gateway diġà qed **tappoġġa** wkoll l-inizjattiva tal-**Ħajt il-Kbir l-Aħdar**, biex tagħti spinta lill-produzzjoni tal-ikel min-Niġer u mis-Senegal lejn l-Etjopja bħala ħajt ta' kenn kontra n-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel u t-tibdil fil-klima.

L-UE tinvesti bis-saħħa fl-istabbiliment tas-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità fil-viċinat tagħna Ewropew. Għall-**Balkani tal-Punent**, l-UE għandha pakkett ekonomiku u ta' investment ta' kważi EUR 30 biljun – terz tal-prodott domestiku gross globali tar-reġjun – 10 investimenti ewlenin fl-oqsma tat-trasport sostenibbli, l-enerġija nadifa, l-ambjent u l-klima, il-futur diġitali, is-settur privat u l-kapital uman. L-investment tal-UE qed jappoġġa wkoll b'ħeffa t-tranżizzjoni tal-enerġija ekoloġika fil-Balkani tal-Punent u l-eliminazzjoni gradwali tal-faħam bħala s-sors tal-enerġija primarja. Fl-2022, l-UE ħadet ukoll pass ewlieni biex tibda n-negożjati tal-adeżjoni mal-Albanija u mal-Maċedonja ta' Fuq.



Għas-**Sħubija tal-Lvant** l-UE qed timmobilizza l-investment, sa EUR 17-il biljun fis-setturi kollha. Dan jinkludi proġetti tal-konnettività diġitali, bħall-użu ta' **kejbil tal-fibrottika taħt il-Baħar l-Iswed** u l-iżvilupp ta' infrastruttura tal-broadband b'veloċità għolja. Irridu wkoll nistabbilixxu linji tat-trasport li jiffaċilitaw it-trasport tal-persuni u tal-merkanzija bejn il-Kawkasu u l-UE. Mat-EUR 30 biljun oħra qed jiġu investiti fil-Viċinat tan-Nofsinhar, l-aktar fl-infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli.

L-investimenti tal-Gateway Globali huma sostenibbli kemm għall-ambjent kif ukoll għall-finanzi tas-

sħab tagħna. L-investimenti tagħna dejjem se jpoġġu lin-nies l-ewwel. U b'rabta ma' dan, aħna dejjem **se nfasslu proġetti b'mod konġunt mas-sħab tagħna**, biex niżguraw li dawn iwasslu benefiċċji dejjiema għall-komunitajiet lokali. L-Ewropa għandha interess strateġiku ċar f'dan ir-rigward. Għandna interess li naħdmu flimkien għall-pjaneta tagħna, li nagħmlu l-ġirien u s-sħab tagħna aktar reżiljenti għal kull tip ta' xokk u li nibdlu d-dipendenzi mhux sostenibbli b'interdipendenzi aktar ibbilanċjati.

IL-GLOBAL GATEWAY: ĦAMES PRIJORITAJIET TA' INVESTIMENT



QASAM DIĠITALI

L-UE se tappoġġa internet miftuħ u sigur



KLIMA U ENERĠIJA

L-UE se tappoġġa l-investment u r-regoli li jwittu t-triq għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa



TRASPORT

L-UE se tappoġġa l-modi kollha tat-trasport ekoloġiku, intelliġenti u sikur



SAĦĦA

L-UE se tgħin fit-tisħiħ tal-ktajjen tal-provvista u tal-produzzjoni lokali tal-vaċċini



EDUKAZZJONI U RIĊERKA

L-UE se tinvesti f'edukazzjoni ta' kwalità għolja, b'enfasi speċjali fuq il-bniet u n-nisa u fuq il-gruppi vulnerabbli

4. IL-PILASTRI TAD-DEMOKRAZIJA EWROPEA

IL-KUMMISSJONI TIDDEFENDI D-DEMOKRAZIJA U L-ISTAT TAD-DRITT

Id-demokrazija fil-kontinent Ewropew tinsab attakkata. L-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna hija gwerra kontra d-demokrazija nnifisha. Hija gwerra kontra l-idea li l-poplu tal-Ukrajna għandu jkun l-uniku li jieħu deċiżjonijiet sovrani dwar il-futur tiegħu stess. L-appoġġ tagħna għall-Ukrajna jirriżulta direttament mill-**valuri demokratiċi tagħna**. Meta l-poplu tal-Ukrajna jħares lejn l-Unjoni tagħna, huwa jara d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-libertà individwali u ekonomika. Dan huwa dak li tirrappreżenta l-Unjoni Ewropea llum. Madankollu, id-demokrazija ma tistax titqies bħala xi ħaġa garantita. Għandha titrawwem u għandna nieħdu ħsiebha ta' kuljum ta' kuljum. Dan huwa dak li l-Kummissjoni von der Leyen stinkat għalih mill-bidu tal-mandat tagħha.

Id-demokrazija rappreżentattiva teħtieġ ukoll riġenerazzjoni kostanti. F'Novembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat **proposta dwar it-trasparenza u l-mira tar-reklamar politiku**, bħala parti mill-miżuri bil-għan li tiġi protetta l-integrità elettorali u jingħata bidu għal dibattitu demokratiku mħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea. Ir-regoli proposti jirrikjedu li kwalunkwe reklam politiku jkun immarkat b'mod ċar bħala tali u jinkludi informazzjoni bħal min ħallas għalih u kemm. Il-Kummissjoni ppropriet

ukoll li taġġorna r-regoli attwali tal-UE dwar il-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, u dawk li jikkonċernaw iċ-“ċittadini mobbli” tal-UE (li jgħixu f'pajjiż tal-UE li mhuwiex tan-nazzjonalità tagħhom). Filwaqt li hemm madwar 13,5-il miljun ċittadin bħal dawn, ftit li xejn minnhom jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej u muniċipali. Il-proposti l-ġodda se jagħmluha aktar faċli għaċ-ċittadini mobbli biex jivvutaw.

Il-Kummissjoni hija l-gwardjan tat-trattati. Huwa d-dmir tal-Kummissjoni li tipproteġi d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, kull fejn jgħixu fl-Unjoni tagħna. L-Istat tad-dritt huwa l-kolla li tgħaqqad lill-Unjoni Ewropea flimkien. Huwa essenzjali għall-protezzjoni tal-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE: id-demokrazija, il-libertà, l-ugwaljanza u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. U dan huwa dak li s-27 Stat Membru kollha ffirmaw għalih bħala parti mill-UE, bħala pajjiżi sovrani u bħala persuni ħielsa.

Il-Kummissjoni von der Leyen stabbiliet miżuri storiċi biex issaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tippromwovi u tipproteġi l-istat tad-dritt. Il-Kummissjoni stabbiliet **Mekkaniżmu komprensiv tal-Istat tad-Dritt** li jipprevedi proċess ta' djalogu annwali mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill u mal-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, flimkien mal-parlamenti nazzjonali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra fil-qasam tal-istat tad-dritt.

Biex tiffaċilita dan id-djalogu, il-Kummissjoni ilha toħroġ **rapporti annwali tal-UE dwar l-istat tad-dritt**, li jiffukaw fuq erba' oqsma ewlenin: is-sistemi tal-ġustizzja, l-oqfsa kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media u kwistjonijiet istituzzjonali oħra relatati mal-kontrolli u l-bilanċi. Kull rapport jivvaluta s-sitwazzjoni fl-UE kollha kemm hi u jinkludi 27 kapitoli tal-pajjiżi li jħarsu lejn l-iżviluppi fl-Istati Membri. Sa issa ġew ippubblikati tliet rapporti annwali dwar l-istat tad-dritt, l-aħħar wieħed kien f'Lulju 2022. Minn din is-sena, ir-rapporti jinkludu rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri.



Il-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà li tiproteġi l-baġit tal-UE kontra l-ksur tal-istat tad-dritt. Mill-2021, il-baġit tal-Unjoni għandu saff addizzjonali ta' protezzjoni kontra l-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt. Dan huwa dovut għar-reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE – magħruf ukoll bħala r-**“regolament dwar il-kundizzjonalità”** – li ilu fis-seħħ sa minn Jannar 2021. Dan il-mekkaniżmu għandu post ċentrali f'NextGenerationEU u fil-baġit Ewropew. Iridu jittieħdu miżuri f'każ li jiġi stabbilit li l-ksur tal-istat tad-dritt fi kwalunkwe Stat Membru jaffettwa jew jirriskja serjament li jaffettwa l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE jew l-interessi finanzjarji tal-UE.

Fis-27 ta' April 2022 il-Kummissjoni baġtet **notifika bil-miktub lill-awtoritajiet Ungeriżi** skont ir-regolament dwar il-kundizzjonalità tal-baġit. Il-Kummissjoni qieset li għadd ta' kwistjonijiet tal-istat tad-dritt fl-Ungerija jaffettwaw jew jirriskjaw serjament li jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din in-notifika fettet proċedura li matulha l-Kummissjoni ddiskutiet mal-awtoritajiet nazzjonali kif il-kwistjonijiet imqajma jstgħu jiġu indirizzati b'mod kostruttiv. Fit-22 ta' Awwissu, l-Ungerija pprovdiet osservazzjonijiet u miżuri ta' rimedju. Il-Kummissjoni issa qed tanalizza din it-tweġiba, qabel ma tiddeċiedi jekk tipproponix miżuri għall-adozzjoni mill-Kunsill.

Illum l-Unjoni Ewropea qed tinvesti aktar flus minn qatt qabel biex tmexxi 'l quddiem l-irkupru kollettiv tagħna u biex teħles mid-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili Russi. Għalhekk, irridu nagħtu attenzjoni speċjali biex dawn il-flus jintużaw kif suppost u b'mod effettiv. Dan mhuwiex biss ingredjent vitali tad-demokrazija tagħna: jagħti wkoll fiduċja lill-investituri u lin-negozji f'dan il-mument kruċjali.

Id-demokrazija u l-istat tad-dritt huma wkoll fil-qalba tal-proċess ta' adeżjoni mal-UE. Dan huwa dak li ċ-ċittadini tal-Balkani tal-Punent, l-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia jistennew għall-pajjiżi tagħhom u dawk il-valuri jiffurmaw il-qalba tal-approċċ tal-**“prinċipji fundamentali l-ewwel”** tal-metodoloġija tat-tkabbir.

IL-ĠURNALIŻMU U L-LIBERTÀ TAL-ESPRESSJONI

Prinċipju fundamentali tad-demokrazija huwa li l-gvern jaqdi lill-poplu. Id-demokrazija jsaħħu l-pożizzjoni ta' ċittadini tagħhom biex jieħdu deċiżjonijiet u jżommu lill-uffiċjali eletti minnhom responsabbli. Dan jirrikjedi aċċess bla f'fals u ta' kwalità għolja għall-informazzjoni. Huwa għalhekk li l-**libertà u l-pluraliżmu tal-media** huma essenzjali għal sistema demokratika li tiffunzjona tajjeb, u jirrappreżentaw qasam ta' prijorità fil-**pjan ta' azzjoni għad-demokrazija Ewropea**.



F'Diċembru 2021, il-President von der Leyen ippresediet sessjoni tal-mexxejja fis-Summit għad-Demokrazija ospitat mill-President tal-Istati Uniti Biden, u qalet li "kull ġurnata rridu nrawmu u naħdmu biex intejbu d-demokrazija, għaliex nafu kemm tista' tinbidel malajr u kif l-istorja devastanti tista' tinbidel". Il-Kummissjoni ħabbret **programm globali ġdid tal-Ewropa dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija**, li jiswa EUR 1,5 biljun, biex jżied l-appoġġ tal-UE għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tal-libertajiet fundamentali, tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tal-ħidma tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja sal-2027.



Ġurnalisti kuraġġużi qed jirriskjaw ħajjithom waqt li jirrapportaw dwar l-impatt uman tal-gwerra fl-Ukrajna. Frederic Leclerc-Imhoff, minn **Franza**, kellu biss 32 sena meta tilef ħajtu f'attakk Russu fuq konvoj umanitarju fl-Ukrajna.

Il-Kummissjoni **qed tappoġġa b'mod attiv il-media indipendenti u s-soċjetà ċivili tal-Ukrajna**, bħala parti mis-EUR 335 miljun f'għajjnuna umanitarja mogħtija lill-Ukrajna. Is-soċjetà ċivili Ewropea qed iżżid ukoll l-appoġġ lill-ġurnalisti Ukreni.

Jum wara l-attakk tar-Russja fuq l-Ukrajna, fil-25 ta' Frar, grupp ta' sħab tal-media pan-Ewropej fuq skala żgħira, inkluża l-Fondazzjoni Are We Europe, għandhom għan wieħed: li jiġbru EUR 150 000 bħala fond ta' emerġenza għall-organizzazzjonijiet tal-media Ukreni u għall-ġurnalisti individwali. Ġimgħa wara, il-kampanja **Keep Ukraine's Media Going** kienet ġabret aktar minn EUR 1,5 miljun, l-aktar f'donazzjonijiet żgħar minn eluf ta' persuni madwar

id-dinja. Dawn id-donazzjonijiet qed imorru direttament għall-ġurnalisti Ukreni biex ikopru l-ispejjeż operattivi tar-rappurtar dwar il-gwerra, għat-tagħmir urġenti u biex jiġu rilokati jew stabbiliti ufficijji ġodda fi bliet sikuri tal-Ukrajna jew fl-UE.

Iżda **l-ġurnalisti jiffaċċjaw ukoll sfidi dejjem akbar** fl-UE. Minħabba l-bidliet teknoloġiċi u diġitali fl-ambjent tal-media, li ġew aċċellerati mill-pandemija tal-coronavirus, u t-theddid u l-attakki dejjem akbar kontra l-ġurnalisti, ħafna ġurnalisti qed jiffaċċjaw ostakli dejjem akbar biex jagħmlu l-ħidma essenzjali tagħhom għad-demokrazija. Sa issa ġew implimentati tliet miżuri biex jitreggġu lura dawn ix-xejriet, jew inkella qed jitħejjew mill-Kummissjoni.

L-ewwel nett il-Kummissjoni ppreżentat lill-Istati Membri, f'Settembru 2021, rakkomandazzjonijiet dwar kif tista' tittejjeb **is-sikurezza tal-ġurnalisti**, kemm offline kif ukoll online. L-inizjattivi ewlenin jinkludu l-ħolqien ta' servizzi ta' appoġġ nazzjonali indipendenti, inklużi l-linji telefoniċi għall-għajnuna, il-pariri legali, l-appoġġ psikoloġiku, iż-żieda fil-protezzjoni tal-ġurnalisti waqt id-dimostrazzjonijiet u postijiet ta' kenn għall-ġurnalisti u għall-professionisti tal-media li jiffaċċjaw theddidiet.

It-tieni, f'April 2022, il-Kummissjoni pproponiet **leġiżlazzjoni b'saħħitha biex tipproteġi lill-ġurnalisti u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem kontra kawżi abbużivi**. Il-miżuri l-ġodda se jippermettu lill-imħallfin ineħħu malajr l-hekk imsejħa SLAPPs (strategic litigation against public participations, litigazzjoni strateġika kontra parteċipazzjonijiet pubbliċi) u jagħtu s-setgħa lill-ġurnalisti u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-isforzi tagħhom biex jirkomaw fl-interess pubbliku.

U t-tielet, il-Kummissjoni issa qed tippreżenta l-**Att dwar il-Libertà tal-Media**. L-att se jistabbilixxi, għall-ewwel darba fid-dritt tal-UE, salvagwardji komuni biex jiġi protett il-pluraliżmu tal-media u l-indipendenza editorjali tal-media. Il-libertà tal-media, il-pluraliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti huma mmonitorjati wkoll fir-rapporti annwali dwar l-istat tad-dritt.

UNJONI TA' UGWALJANZA

Fil-politika, in-negozju u s-soċjetà kollha kemm hi nistgħu nilħqu biss il-potenzjal sħiħ tagħna jekk nużaw d-diversità u t-talenti kollha tagħna. L-innovazzjoni sseħħ meta n-nies minn sfondi u perspettivi differenti jsiru ħaġa waħda. Bl-isfidi

demografiċi li qed niffaċċjaw ma nistgħux nippermettu li ma nsaħħux il-pożizzjoni u ma nużawx il-potenzjal tal-membri kollha ta' soċjetajiet diversi. Għandu jkun hemm l-istess opportunitajiet għal dawk kollha li jikkondividu l-istess aspirazzjonijiet, u din kienet waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni von der Leyen sa mill-bidu tal-mandat. Il-bini ta' dinja ugwali bejn is-sessi huwa objettiv ewleni integrat fl-azzjonijiet esterni tal-UE.

L-ugwaljanza u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni huma valuri ewlenin ta' kull demokrazija. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija valur fundamentali tal-UE, stabbilit fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-inklużjoni u d-diversità jixprunaw ukoll l-innovazzjoni u l-produttività ekonomika. Għaxar snin wara li l-Kummissjoni pproponiet għall-ewwel darba direttiva biex ittejjeb **il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-kumpaniji**, il-koleġiżlaturi laħqu ftehim bis-saħħa ta' sforz imġedded mill-Kummissjoni von der Leyen.

Id-diskriminazzjoni fil-pagi fuq il-post tax-xogħol għadha problema. Għaldaqstant, f'Marzu 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal direttiva biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-**prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali** permezz tat-trasparenza fil-pagi u l-mekkaniżmi ta' infurzar. Barra minn hekk, il-programm tal-Kummissjoni Orizzont Ewropa nieda l-ewwel proġett pilota **Women TechEU** biex in-nisa jkunu jistgħu jkunu minn ta' quddiem fit-teknoloġija profonda. Women TechEU tindirizza d-differenza bejn il-ġeneri fir-rigward tal-innovazzjoni billi ta' kull sena tappoġġa 130 impriża ġdida tat-teknoloġija mmexxijin minn nisa.



Il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen tilqa' l-ftehim politiku li sar bejn il-koleġiżlaturi dwar id-Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati.

Il-vjolenza sessista tibqa' realtà tal-biża' għal wisq nisa fl-UE. F'Marzu 2022 il-Kummissjoni pproponiet regoli għall-UE kollha **biex tintemm il-vjolenza fuq il-bażi tal-ġeneru kontra n-nisa** u l-vjolenza domestika. Id-Direttiva proposta se tikkriminalizza kemm l-istupru fuq il-bażi ta' nuqqas ta' kunsens kif ukoll il-mutilazzjoni ġenitali femminili. Dan se jikkriminalizza wkoll il-vjolenza ċibernetika bbażata fuq is-sess u l-ġeneru, li tinkludi l-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' stampi intimi, l-online stalking, il-fastidju ċibernetiku u inċitament għall-vjolenza jew il-mibegħda online. Ir-regoli l-ġodda jsaħħu l-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja u jħeġġu lill-Istati Membri biex jagħmluha aktar faċli biex jiksbu appoġġ.

Barra mill-UE, l-**Inizjattiva Spotlight** UE-NU għall-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet kisbet riżultati notevoli. Laħqet 130 miljun ruħ globalment permezz ta' kampanji ta' bidla fl-imġiba. Hija rduppat il-konvinzjonijiet għall-vjolenza fuq il-bażi tal-ġeneru fil-pajjiżi parteċipanti, u tat lil elf organizzazzjoni lokali u lokali tad-drittijiet tan-nisa b'aġenzija u influwenza akbar. Attiva anki u speċjalment matul il-pandemija tal-COVID-19, l-Inizjattiva Spotlight għenet biex aktar minn 1,6 miljun mara u tifla jiġu pprovduti b'servizzi lokali ta' vjolenza fuq il-bażi tal-ġeneru.

Il-Kummissjoni qed taħdem mal-Istati Membri biex tiżviluppa, tadotta u timplimenta **pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għal-LGBTIQ+ u kontra r-razziżmu.**

Il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata favur soċjetà pluralistika, bl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u inklużiva, fejn il-persuni LGBTIQ+, il-minoranzi jew il-persuni b'diżabilità jiġu ttrattati bl-istess mod. **Task Force speċifika għall-Ugwaljanza** taħdem biex tintegra l-ugwaljanza fl-oqsma kollha ta' politika.



Id-diskriminazzjoni ma għandu jkollha l-ebda post fl-UE. Il-Kummissjoni qed taħdem mal-Istati Membri biex tiżviluppa, tadotta u timplimenta pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tal-**LGBTIQ+ u kontra r-razziżmu**, u ħarġet linji gwida relatati f'April u Marzu 2022 rispettivament. F'Diċembru 2021 il-Kummissjoni ħadet l-ewwel passi biex testendi l-lista ta' reati tal-UE biex tinkludi d-**diskorsi ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda**. Ladarba jkun hemm qbil mal-Kunsill, l-inizjattiva se tiżgura regoli komuni minimi dwar kif jiġu definiti r-reati kriminali u s-sanzjonijiet applikabbli fl-Istati Membri kollha tal-UE. Bħala l-gwardjana tat-trattati, il-Kummissjoni ma toqgħodx lura milli tibda **proċeduri ta' ksur kontra l-ksur tad-drittijiet fundamentali**, kif kien il-każ, pereżempju, fir-rigward tal-ksur kontra l-komunità LGBTIQ+ fl-Ungerija u fil-Polonja.



Anna Ohnweiler hija waħda mill-fundaturi tal-“Omas gegen rechts” (nanniet kontra l-estremiżmu) li qed jiġġieldu kontra l-antisemitiżmu, ir-razziżmu u l-misogjenija.

Biex jiġu ġġenerati bidliet fil-post, huwa essenzjali li tittieħed azzjoni fil-livell lokali. F'dan l-ispirtu, il-**Premju tal-Bliet Kapitali Ewropej għall-Inklużjoni u d-Diversità** ġie ppreżentat għall-ewwel darba f'April 2022, biex tiġi rikonoxxuta l-ħidma li saret mill-bliet u r-reġjuni fl-Ewropa, biex tiġi promossa l-inklużjoni u jinħolqu soċjetajiet ħielsa mid-diskriminazzjoni u mill-mibegħda. Il-**Pjattaforma tad-Diżabilità** tipprovdi ambjent ieħor li jippermetti li l-partijiet ikkonċernati rilevanti jaqsmu l-esperjenzi u l-prattiki tajbin, jitgħallmu minn xulxin u jikkollaboraw.

Il-Lhud u l-komunitajiet Lhud Ewropej ilhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-Ewropa għal aktar

minn żewġ millenji u huma parti inseparabbli mill-identità tal-Ewropa. L-antisemitiżmu huwa inkompatibbli mal-valuri ewlenin tal-Ewropa, iżda sfortunatament għadu jeżisti fl-Ewropa llum il-ġurnata. **L-istrategġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u t-trawwim tal-ħajja Lhudija**, adottata f'Ottubru 2021, tistabbilixxi sensiela ta' miżuri biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra kull forma ta' antisemitiżmu – iżda wkoll, għall-ewwel darba, biex jiġu promossi l-wirt u l-kultura tal-Lhud u biex jiġi miġġieled l-antisemitiżmu lil hinn mill-UE. L-Istati Membri issa qed jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali, li se jkunu żviluppatti sa tmiem l-2022.

Ma hemm l-ebda post għal vjolenza ta' kwalunkwe tip fis-soċjetajiet tagħna, b'mod speċjali l-vjolenza kontra t-tfal. Fil-11 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni pproponiet **leġiżlazzjoni ġdida tal-UE għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online**. Ir-regoli proposti tal-UE se jobligaw lill-fornituri tas-servizzi jidentifikaw, jirrapportaw u jneħħu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. Ċentru indipendenti ġdid tal-UE dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal se jaħdem mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi u ma' gruppi ta' appoġġ biex **isalva u jsaħħaħ il-pożizzjoni tas-superstiti u biex l-awturi tar-reati jinġiebu quddiem il-ġustizzja**.

Fl-istess jum, il-Kummissjoni adottat strategġija Ewropea ġdida għal **internet aħjar għat-tfal**. Apparti aktar investiment fl-edukazzjoni diġitali tat-tfal, il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati qed jiżviluppaw regoli għat-tfassil xieraq skont l-età tas-servizzi online, bil-parteċipazzjoni attiva tat-tfal. Daħlu fis-seħħ ukoll regoli dwar it-tneħħija ta' kontenut terroristiku online. Dawn l-istandards se jkunu konformi mal-att ewleni tagħna dwar is-servizzi diġitali. It-tfal id-dinja kollha, mhux dawk fl-Ewropa biss, se jkunu aktar sikuri u aktar b'saħħithom.

L-iżvantaġġ u l-esklużjoni minn età bikrija għandhom impatt fuq il-kapaċità tat-tfal li aktar tard jirnexxu. Il-**garanzija Ewropea għat-tfal** għandha l-għan li tkisser dan iċ-ċiklu. Din tipprovdi gwida u l-mezzi biex l-Istati Membri jappoġġaw lit-tfal fil-bżonn billi tiggarrantixxi l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni, l-attivitajiet ekstrakurrikulari, l-ikliet skolastiċi tajbin għas-saħħa u l-kura tas-saħħa. Fl-2022 il-Kummissjoni għenet lil 10 Stati Membri biex s-sistemi edukattivi tagħhom jkunu aktar inklużivi billi appoġġat l-inklużjoni ta' tfal

b'diżabilità jew ta' tfal vulnerabbli jew dawk li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni.

Minn mindu bdiet il-gwerra fl-Ukrajna, aktar minn **żewġ miljun tifel u tifla Ukreni fittxew kenn fl-Unjoni Ewropea**. Dawn it-tfal għandhom l-istess drittijiet u protezzjoni bħat-tfal li huma ċittadini tal-UE. Qawwejna qalbna xħin rajnihom milqugħin fl-iskejjel fl-Istati Membri. Dawn it-tfal jistħoqqilhom l-aħjar edukazzjoni u kura biex, meta tintemm il-gwerra, ikunu jistgħu jmorru lura d-dar biex jerġgħu jibnu l-Ukrajna u jiggwidawha fit-triq Ewropea tagħha.



Anastasiia Konovalova ħarbet minn Odesa għal **Bucharest**, fejn issa tgħalliem lit-tfal Ukreni fil-klassijiet tal-iskola primarja. Għandha 30 sena.

ID-DEMOGRAFIJA, IŻ-ŻONI RURALI U D-DIVERSITÀ

L-Ewropa għaddiet minn **tibdil demografiku profund** u għadha għaddeja minnu. Fl-UE, l-istennija tal-għomor mat-twelid żdiedet b'10 snin f'dawn l-aħħar ħames deċennji. Dan huwa riżultat eċċezzjonali, u juri s-saħħa u l-valur tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħna. Madankollu, popolazzjoni li qed tixjieħ għandha impatt fuq il-mod kif ngħixu, u l-mudell soċjali u l-politiki tagħna jeħtieġ li jiġu adattati għall-pass ta' din ir-realtà l-ġdida.

Huwa għalhekk, li l-Kummissjoni adottat il-**Green Paper dwar it-Tixjiħ** kmieni fil-ħatra tagħna, u nediet dibattitu pubbliku wiesa' dwar l-isfidi u l-opportunitajiet li jittrattaw l-impatti fit-tul tat-tixjiħ, li jaffettwa lill-ġenerazzjonijiet kollha. Ir-riżultat tal-konsultazzjoni pubblika se jkun rifless

Iż-żoni rurali tal-Ewropa – fejn kważi 30 % tal-popolazzjoni tal-UE tgħix, u li jkopru 80 % tat-territorju tagħha – huma dawk li jsawru b'mod attiv it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE.



ŻONI RURALI AKTAR B'SAĤĤITHOM

Komunitajiet bil-pożizzjoni tagħhom msaħħa
Access aħjar għas-servizzi

Innovazzjoni soċjali



ŻONI RURALI KONNESSI

Konnettività diġitali aktar profunda
Konnessjonijiet tat-trasport u forom ġodda ta' mobilità



ŻONI RURALI AKTAR REŻILJENTI

Reżiljenza ambjentali
Azzjoni klimatika
Koeżjoni soċjali



ŻONI RURALI PROSPERUŻI

Diversifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi
It-tiġib tal-valur miżjud tal-attivitajiet tal-biedja u agroalimentari



b'mod ġenerali fl-**istrateġija Ewropea għall-kura**, li l-Kummissjoni se tippreżenta f'Settembru 2022.

Il-futur tal-Ewropa jiddependi wkoll fuq iż-żoni rurali, fejn jgħixu kważi 30 % tal-popolazzjoni tal-UE (137 miljun ruħ) u jkopru 80 % tat-territorju tagħha. **Iż-żoni rurali huma sawwara attivi fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE.**

Il-libertà li persuna taħdem jew tistudja mill-bogħod qiegħda malajr issir realtà għal ħafna nies li jgħixu fl-UE, u b'hekk qed jinfetħu possibiltajiet ġodda għall-familji żgħażaġh, għan-negozji u għall-komunitajiet rurali. L-innovazzjonijiet fl-agrikoltura sostenibbli mhumiex biss tajbin għas-saħħa tan-nies u l-klima, iżda wkoll għas-sigurtà tal-ikel tal-Ewropa.

Il-**viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali**, immedija f'Ġunju 2021, tistabbilixxi t-triq lejn żoni rurali b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperi. F'Diċembru 2021 tnedi **patt rurali** li jinvolvi l-ilħna u l-fehmiet tal-komunitajiet rurali, filwaqt li pjan ta' azzjoni rurali maħluq b'mod konġunt se jgħin biex il-viżjoni fit-tul tinbidel f'realtà. F'dan l-ispirtu, NextGenerationEU jagħmel enfasi speċjali fuq il-prosperità taż-żoni rurali tagħna: il-25 pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza adottati mill-Kunsill mit-30 ta' Ġunju 2022 jappoġġaw iż-żoni rurali u remoti b'finanzjament ta' madwar EUR 14,6-il biljun, inkluż l-investiment u r-riformi f'firxa wiesgħa ta' oqsma, bħar-restawr tan-natura, il-konnessjonijiet tal-internet b'veloċità għolja u l-ferroviji lokali.

Hija meħtieġa politika ambizzjuża u sostenibbli tal-UE dwar il-migrazzjoni legali biex tgħin tattira t-talent li għandhom bżonn n-negozji tagħna fil-bliet u fiż-żoni rurali. F'April 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-**pakkett tal-ħiliet u t-talent**. Dan jinkludi proposti leġiżlattivi biex jittejjbu d-drittijiet tal-ħaddiema migranti u biex tiġi ffaċilitata l-mobilità intra-UE għar-residenti fit-tul. Il-Kummissjoni se tnedi **ġabra ta' talenti tal-UE** biex tiffaċilita l-adattament għas-suq tax-xogħol ma' ċittadini mhux tal-UE. Bħalissa qed tiniedi skema pilota, li tiffoka fuq ir-refuġjati Ukreni. Biex issaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali ma' pajjiżi mhux tal-UE dwar **l-esiġenzi tas-suq tax-xogħol apparagun tal-ħiliet**, il-Kummissjoni qed tnedi sħubijiet ta' talent mas-sħab ewlenin.

Minn meta l-Kummissjoni ppreżentat il-**patt il-ġdid dwar il-migrazzjoni u l-ażil** f'Settembru 2020, sar progress biex tiġi indirizzata l-kwistjoni l-kbira tal-migrazzjoni. Il-patt jgħaqqad il-ġestjoni tal-fruntieri robusta u ġusta ma' regoli effiċjenti u umani dwar l-ażil u l-migrazzjoni. Fit-2 ta' Ġunju 2021, il-

Kummissjoni ppreżentat strateġija ġdida biex issaħħaħ iż-żona Schengen biex tiżgura **l-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-UE**, iżjed il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, ittejjeb it-tnejn u l-governanza u tlesti t-tkabbir taż-żona Schengen. L-**Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil** bdiet topera f'Jannar 2022 u żiedet l-ammont ta' assistenza pprovduta lill-Istati Membri. L-attivazzjoni tan-Network tal-UE għat-Tnejn għall-Migrazzjoni u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet tal-Migrazzjoni, bl-oġettiv li jittejjbu l-għarfien tas-sitwazzjoni u t-twissija bikrija fil-qasam tal-migrazzjoni, uriet ir-rwol importanti tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni.

IŻ-ŻGĦAŻAĠĦ TAL-EWROPA U T-TFASSIL TA' POLITIKA PARTEĊIPATTIVA

Fid-dawl tal-pandemija tal-coronavirus, iż-żgħażaġh issagrifikaw ħafna mil-libertà tagħhom għas-saħħa u s-sikurezza tal-oħrajn. Huma verament mexxew bl-eżempju. Fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2021, il-President von der Leyen ipproponiet li l-2022 issir is-**Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ**. Hija opportunità għall-Unjoni Ewropea biex tinvolvi ruħha aktar maż-żgħażaġh, biex tisma' dak li qed jitolbu u joħolmu għall-Ewropa.

Is-Sena Ewropea, li waslet f'nofsha, qed tħalli riżultati impressjonanti:

- L-involvement ta' 27 Stat Membru, sitt pajjiżi mhux tal-UE, 30 DG u servizzi tal-Kummissjoni Ewropea, 120 organizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati;
- Madwar 90 inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni ddedikati għaż-żgħażaġh, eluf ta' attivitajiet u avvenimenti implimentati mill-Istati Membri madwar l-Ewropa u lil hinn minnha;
- Posts ta' sensibilizzazzjoni fil-kampanja fuq il-media soċjali wrew 240 miljun darba u laħqu 80 % tal-Ewropej ta' bejn it-18 u l-25 sena.



Inizjattiva ġdida msejħa **ALMA** (aim, learn, master, achieve - aspira, tgħallem, aħkem, ikseb) tnediet mill-Kummissjoni fl-2022 biex tgħin liż-żgħażaġh l-aktar vulnerabbli jew żvantaġġati jaċċessaw is-suq tax-xogħol. ALMA tinkludi soġġorn taħt superviżjoni fi Stat Membru ieħor tal-UE għal perjodu ta' bejn xahrejn u sitt xhur, akkumpanjat minn taħriġ u konsulenza qabel, matul u wara s-soġġorn. Alma tiżdied mal-**Garanzija għaż-Żgħażaġħ** imsaħħa, imnedija fl-2020, li hija impenn mill-Istati Membri kollha biex jiżguraw li kull persuna taħt l-età ta' 30 sena tirċievi offerta ta' impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship fi żmien erba' xhur minn meta tkun qiegħda jew minn meta titlaq mill-edukazzjoni. Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, li rnexxiet f'ħafna Stati Membri tal-UE, qed tiġi estiża għall-Balkani tal-Punent biex jiġi żgurat li l-ebda ċittadin żagħżuġh fir-reġjun ma jitħalla l-art.

Nemmnu li l-Ewropa teħtieġ spirtu żagħżuġh biex tegħleb il-pandemija u tibda kapitolu ġdid. Huwa għalhekk li s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ timxi id f'id ma' **NextGenerationEU**, li qed tinvesti f'soċjetà u ekonomija aktar ekoloġiċi, aktar diġitali u aktar ġusti għad-deċennji li jmiss.

Sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni taż-żgħażaġh permezz ta' vuċi fit-tfassil tal-politika tal-UE, matul l-2022 il-Kummissjoni kkoordinat firxa ta' attivitajiet f'kontatt mill-qrib mal-Parlament Ewropew, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u ż-żgħażaġh Ewropej direttament. Terz tal-panels taċ-ċittadini fil-**Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa** kienu magħmulin minn żgħażaġh (ta' bejn is-16 u l-25 sena).

Is-sena 2022 timmarka wkoll l-għaxar anniversarju tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Sa minn nofs Settembru 2021, il-Kummissjoni rreġistrat 10 **inizjattivi ġodda taċ-ċittadini Ewropej**, li talbu għal azzjoni tal-UE f'oqsma li jvarjaw minn kundizzjonijiet tax-xogħol imtejjba fis-settur tal-ħwejjeġ għat-tassazzjoni ta' prodotti ekoloġiċi u aktar drittijiet tal-annimali. F'dan il-perjodu, tliet inizjattivi ġabru aktar minn miljun firma taċ-

ċittadini, li jeħtieġ li jiġu vverifikati mill-awtoritajiet nazzjonali:

- Inwaqqfu t-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar – Inwaqqfu l-kummerċ tagħhom;
- Insalvaw in-naħal u l-bdiewa! Għal agrikoltura favur in-naħal għal ambjent san;
- Insalvaw il-kożmetiċi mingħajr krudeltà – Impenn għal Ewropa mingħajr ittestjar fuq l-annimali.

Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura t-trasparenza u l-leġittimità tal-proċess tat-tfassil tal-politika tal-UE. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħha huwa li tippromwovi l-parteċipazzjoni tal-Ewropej u tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika. Il-pubbliku u l-partijiet ikkonċernati jistgħu jipprovdu input online permezz tal-portal **Semma' Leħnek** matul iċ-ċiklu kollu tat-tfassil tal-politika, mill-ewwel ideat ippreżentati mill-Kummissjoni sa wara l-adozzjoni tal-inizjattivi mill-Kulleġġ tal-Kummissarji.

F'Novembru 2021, biex tkompli tissimplifika l-proċess ta' konsultazzjoni, il-Kummissjoni introduċiet is-sejħiet uniċi għall-evidenza, approċċ li għaqqad żewġ passi preċedenti. Dan issa ġie tradott fil-lingwi kollha tal-UE biex jippermetti parteċipazzjoni massima mill-pubbliku. Il-konsultazzjonijiet saru wkoll aktar **aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità**, f'konformità mal-istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, u l-komunità tar-riċerka xjentifika hija mħeġġa tippreżenta r-riċerka xjentifika rilevanti mill-bidu tal-konsultazzjonijiet.

Biex jiżdied għarfien wiesgħa dwar il-possibiltajiet li jingħata kontribut għat-tfassil tal-politika permezz tal-media soċjali, il-Kummissjoni tinvolvi ruħha b'mod attiv mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali



Ewropew, mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, mar-rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri, mal-awtoritajiet nazzjonali u ma' assoċjazzjonijiet rappreżentattivi oħra. Kollox ma' kollox il-Kummissjoni ppubblikat aktar minn 5 000 opportunità ta' feedback u rċeviet aktar minn tliet miljun kontribut. Mid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2021 'l hawn, il-Kummissjoni rċeviet kważi **600 000 kontribut minn ċittadini, negozji u partijiet ikkonċernati** dwar aktar minn 800 inizjattiva ta' politika tagħha.



IĊ-ĊITTADINI JSAWRU L-FUTUR TAL-EWROPA

Mid-9 ta' Mejju 2021 sad-9 ta' Mejju 2022 l-Unjoni Ewropea laħqet mijiet eluf ta' Ewropej li qatt ma ħasbu biex jinvolvu ruħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni tagħna. Il-**Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa** kienet eżerċizzju uniku fid-demokrazija parteċipattiva, ta' skala u ta' ambitu mingħajr preċedent. Ir-rapport finali tal-konferenza, li fih **49 proposta u 326 miżura konkreta**, ġie ppreżentat lill-Presidenti tat-tliet istituzzjonijiet tal-UE fid-9 ta' Mejju 2022. Dawn huma r-riżultat ta' deliberazzjonijiet mill-plenarja tal-konferenza – inklużi ċ-ċittadini, ir-rappreżentanti eletti mill-UE, fuq livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili

Aktar minn 750 000 parteċipant qasmu u ddiskutew qrib id-19 000 idea fuq il-pjattaforma diġitali multilingwi. Din il-**pjattaforma tad-demokrazija deliberattiva**, imfassla speċifikament għall-konferenza, daħlu fiha aktar minn ħames miljun persuna, u tinsab **fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE kollha**. It-traduzzjoni awtomatika ppermettiet djalogu tranżnazzjonali dirett bejn l-utenti, li jevita l-ostakli lingwistiċi. Il-proċedimenti kollha ġew ippubblikati biex tiġi żgurata trasparenza sħiħa, u l-pjattaforma qed isservi bħala repożitorju tal-proċess.

Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tat liċ-ċittadini minn kull qasam tal-ħajja vuċi akbar f'dak li l-UE għandha tagħmel fil-futur.

Leverne Nijman u Leah Corsmit qadfu fuq rota mit-tramuntana tan-**Netherlands** sa Brussell, b'għotja tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Huma taw taħdidiet dwar l-UE lill-mistednin, u tkellmu ma' aktar minn 800 żagħżuġ u żagħżuġha biex jiġbru ideat dwar il-futur Ewropew.

Aktar minn 6 500 attività organizzati fil-qafas tal-konferenza ħadu forma differenti, minn panels taċ-ċittadini magħżula b'mod aleatorju għal **attivitajiet fil-livell lokali organizzati minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili**, spiss f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali. Wieħed minn dawn il-proġetti fil-livell lokali kien l-**Untold Stories** (Stejjer mhux lpubblikati), li għandu l-għan li jamplifika l-vuċijiet u l-istejjer minn persuni f'pajjiżi li mhumiex ikkomunikati jew irrappreżentati bl-istess mod fix-xena Ewropea. L-Untold Stories jinkludu seba' sessjonijiet ta' ħidma interdixiplinari f'seba' pajjiżi Ewropej fejn ġurnalisti żgħażaġh u attivisti jaħdmu flimkien biex jipproduċu pjattaforma għal stejjer



multimedjali immersivi lokali u juru l-ideat tagħhom dwar il-futur kollettiv tagħna.

Il-qofol tal-konferenza kien ix-xogħol ta' 800 ċittadin magħżula b'mod aleatorju li pparteċipaw fl-erba' **panels taċ-ċittadini Ewropej**. Terz tal-parteċipanti kellhom bejn is-16 u l-25 sena, u dan żgura li fil-konferenza jipparteċipaw b'mod sinifikanti ż-żgħażaġh. Dawn iltaqgħu għal tliet ġimgħat fi tmiem il-ġimgħa biex **jiddiskutu fil-fond u jiddeliberaw dwar soluzzjonijiet** għall-isfidi li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea, fuq il-bażi tal-kontribut mill-pjattaforma. Fuq il-bażi tas-suċċess ta' dan il-forum deliberattiv innovattiv, il-panels taċ-ċittadini se jingħataw iż-żmien u r-riżorsi biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet qabel ma l-Kummissjoni tippreżenta proposti leġiżlattivi importanti fil-futur.

F'Ġunju 2022, il-Kummissjoni stabbiliet erba' linji ta' **ħidma** biex **twieġeb għall-proposti tal-konferenza**. L-ewwel, l-inizjattivi eżistenti li jindirizzaw il-proposti (pereż. il-Liġi Ewropea dwar il-Klima); it-tieni, dawk diġà proposti mill-Kummissjoni, fejn l-Parlament u l-Kunsill huma mitlubin jadottaw il-leġiżlazzjoni (pereż. il-patt il-ġdid dwar il-migrazzjoni); it-tielet, inizjattivi ppjanati li se jpoġġu l-ideat fil-prattika, msejsin fuq ir-riflessjonijiet ġodda tal-konferenza (pereż. l-att dwar il-libertà tal-media); u r-raba', l-inizjattivi jew

l-oqsma ta' **ħidma** ġodda ispirati mill-proposti, li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni (pereż. kwistjonijiet relatati mas-saħħa mentali).

L-ewwel proposti ġodda se jitħabbru fil-kuntest tad-**diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-President von der Leyen** f'Settembru 2022. Dawn il-proposti se jkunu fost dawk li għandhom jiġu inklużi fil-Programm ta' **Ħidma tal-Kummissjoni tal-2023**. Bħala segwitu, il-Kummissjoni se tiżgura li riformi u politiki ġodda ma jkunux reċiprokament esklużivi għad-diskussjonijiet dwar il-ħtieġa għal bidla fit-Trattat, filwaqt li tiffoka fuq kif tagħmel l-aħjar użu minn dak li hu attwalment possibbli u ma teskludix il-possibbiltà ta' bidla fit-Trattat fejn dan ikun meħtieġ.

Fil-ħarifa 2022 se tiġi organizzata **attività ta' feedback dwar il-konferenza**, biex iċ-ċittadini li ħadu sehem fil-konferenza jinżammu infurmati u biex jinżamm il-momentum. Din l-attività se tkun il-mument opportun biex jiġi kkomunikat u spjegat kif it-tliet istituzzjonijiet tal-UE jkunu qegħdin isegwu u janalizzaw il-progress f'dak l-istadju tal-proċess. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni impenjaw ruħhom kollettivament li jsegwu l-proposti tal-konferenza bi trasparenza sħiħa, kull wieħed fl-isfera ta' kompetenza tiegħu u f'konformità mat-Trattati.





KRONOLOĠIJA

L-ISTAT
TAL-UNJONI
2022

SETTEMBRU 2021

15.9

Il-Kummissjoni Ewropea tadotta l-komunikazzjoni dwar il-**Bauhaus Ewropea l-Ġdida**, li tistabbilixxi l-qafas, il-prinċipji ewlenin u l-miżuri ewlenin li se jmexxu l-inizjattiva 'l quddiem.



16.9

Il-Kummissjoni tipproponi **perkors għad-deċennju diġitali** biex twassal it-trasformazzjoni diġitali tal-UE sal-2030.

16.9

Il-Kummissjoni tadotta l-ewwel **rakkomandazzjoni tagħha** dwar **is-sikurezza tal-ġurnalisti**.



16.9

Il-Kummissjoni Ewropea tvara l-**Awtorità tal-UE għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (European Health Emergency Preparedness and Response Authority, HERA)** biex tipprevjeni, tidentifika u ttrirrispondi malajr għall-emerjenzi tas-saħħa.



16.9

L-UE tipproponi **sħubija msaħħa mar-reġjun Indo-Paċifiku** biex tmexxi 'l quddiem il-kummerċ, l-investiment u l-konnettività.



22.9

Il-Kummissjoni tadotta **rieżami komprensiv tar-regoli tal-assigurazzjoni tal-UE**, li jgħin lill-kumpaniji tal-assigurazzjoni jżidu l-investiment fit-tul bil-għan ukoll li tagħmel is-settur tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni aktar reżiljenti.

29.9

Il-Kummissjoni tadotta l-**komunikazzjoni dwar il-missjonijiet Ewropej**, u għandha l-għan li tindirizza l-isfidi l-kbar relatati mas-saħħa, mal-klima u mal-ambjent u li tikseb għanijiet ambizzjużi u ta' ispirazzjoni f'dawn l-oqsma.

OTTUBRU 2021

12.10

Il-Kummissjoni toħroġ l-ewwel **bond ekoloġiku** biex tiffinanzja l-irkupru sostenibbli.



5.10

Il-Kummissjoni tippreżenta l-ewwel **strateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija.**

13.10

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Ġholi / Viċi President Josep Borrell jippreżentaw **approċċ għal** impenn aktar b'saħħtu tal-UE għal **Artiku** paċifiku, sostenibbli u prosperu.



27.10

Il-Kummissjoni tadotta **rieżami tar-regoli bankarji tal-UE** biex tiżgura li l-banek fl-UE jsiru aktar reżiljenti għal xokkijiet ekonomiċi futuri potenzjali, filwaqt li jikkontribwixxu għall-irkupru tal-Ewropa mill-pandemija tal-COVID-19 u għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika.

28.10

Jidħol fis-seħħ il-**mandat imsaħħaħ tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini** propost mill-Kummissjoni.



NOVEMBRU 2021

2.11

Il-Kummissjoni tħabbar **impenn ta' EUR 1 biljun biex tiproteġi l-foresti tad-dinja** fil-konferenza COP26 dwar it-tibdil fil-klima.



17.11

Il-Kummissjoni tadotta **proposti ġodda biex twaqqaf id-deforestazzjoni, tkun innovattiva fil-ġestjoni sostenibbli tal-iskart u ssaħħaħ il-ħamrija** għan-nies, għan-natura u għall-klima.



19.11

TAIEX (l-istrument ta' Assistenza Teknika u Skambju tal-Informazzjoni tal-Kummissjoni) **jiċċelebra l-ħamsa u għoxrin anniversarju tiegħu.** F'dawn l-aħħar żewġ deċenji u nofs, immobilizza esperti pubbliċi tal-UE għal aktar minn 40 000 darba, u għen lill-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-UE u fid-dinja biex jindirizzaw l-isfidi diġitali, ambjentali u tas-saħħa.



25.11

Il-Kummissjoni tipproponi **miżuri ġodda biex ittejjeb il-kapaċità tal-kumpaniji li jiġbru l-kapital fl-UE** u biex tiżgura li n-nies li jgħixu fl-UE jiksbu l-aħjar offerti għat-tfaddil u l-investimenti tagħhom.



13.11

Isir ftehim politiku biex **tissaħħaħ il-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard**, b'mod partikolari fl-oqsma tas-sorveljanza, tat-twissija bikrija, tat-tħejjija u tar-rispons.

18.11

Il-Kummissjoni tadotta **komunikazzjoni dwar politika tal-kompetizzjoni adattata għall-isfidi l-ġodda**, li tfassal ir-rwol importanti tal-politika tal-kompetizzjoni biex l-Ewropa taqbad it-triq tal-irkupru, tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u għal suq uniku reżiljenti.



25.11

Il-Kummissjoni tistabbilixxi **liġijiet ġodda dwar ir-reklamar politiku, id-drittijiet elettorali u l-finanzjament tal-partiti**, sabiex iħarsu l-integrità elettorali u d-dibattitu demokratiku miftuħ.

26.11

Fis-**Summit tal-ASEM**, l-UE u l-Asja jafferemaw mill-ġdid is-sħubija u l-impenn kondiviżi tagħhom favur irkupru aktar b'saħħtu mill-pandemija.

DIĊEMBRU 2021

1.12

L-UE trniedi l-**Global Gateway**, strateġija Ewropea ġdida biex jitjiebu l-konnessjonijiet intelliġenti, nodfa u siguri fl-oqsma diġitali, tal-enerġija u tat-trasport u biex jissaħħu s-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka fid-dinja.



1.12

Il-Kummissjoni twitti t-triq għal **aktar diġitalizzazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji tal-UE**, u tagħmilhom aktar aċċessibbli u effettivi.

8.12

Fis-Summit dwar in-Nutrizzjoni għat-Tkabir, il-**Kummissjoni timpenja ruħha li ttejjeb in-nutrizzjoni billi tipprovdi EUR 2,5 biljun** f'finanzjament bejn l-2021 u l-2024.



8.12

Il-Kummissjoni tippromovi **għodda ġdida biex tiġġieled l-użu ta' pressjoni ekonomika intenzjonata** minn pajjiżi li mhumiex fl-UE.

9.12

Il-Kummissjoni tippromovi li testendi l-lista tar-reati tal-UE biex ikunu jinkludu **d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda**.



9.12

Il-Kummissjoni tippreżenta **pjan ta' azzjoni biex tgħin l-ekonomija soċjali Ewropea tirnexxi**, billi tisfrutta kemm il-potenzjal ekonomiku tagħha kif ukoll il-kontribut tagħha għal irkupru ġust u inklużiv mill-pandemija tal-COVID-19.

9.12

Il-Kummissjoni tippromovi li **ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali** u tippubblica abbozz ta' linji gwida dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni għal ftehimiet kollettivi minn persuni li jaħdmu għal rashom waħidhom.



14.12

Biex tappoġġa t-tranżizzjoni lejn mobilità aktar nadifa, aktar ekoloġika u aktar intelliġenti, il-Kummissjoni tippromovi **l-immodernizzar tas-sistema tat-trasport tal-UE**.



14.12

Il-Kummissjoni tippromovi **regoli ġodda biex iż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni ssir aktar reżiljenti**.

15.12

Strateġija ġdida tal-Kummissjoni dwar il-finanzi diġitali twitti t-triq għal rappurtar modern u ssimplifikat tad-data superviżorja.

**15.12**

L-UE u l-Moldova jiffirmaw ftehim ta' finanzjament ta' għotja ta' EUR 60 miljun biex jgħinu lill-pajjiż jiffaċċja l-kriżi qawwija attwali tal-gass.

**15.12**

Il-Kummissjoni tipproponi **qafas ġdid tal-UE biex tiddekarbonizza s-swieq tal-gass, tippromwovi l-idroġenu u tnaqqas l-emissjonijiet tal-metan.**

16.12

Fis-Summit tas-Sħubija tal-Lvant tiġi ppreżentata **aġenda mġedda dwar ir-riforma għall-irkupru u r-reżiljenza.**

21.12

Tiġi proposta politika ġdida biex tappoġġa **d-diżarm, id-demobilizzazzjoni u r-riintegrazzjoni ta' dawk li kienu ġellieda**, bħala parti mill-kontribut usa' tal-UE għat-tiswir tal-paċi.

**22.12**

Il-Kummissjoni tipproponi **traspożizzjoni rapida tal-ftehim internazzjonali** dwar tassazzjoni minima tal-intrapriżi multinazzjonali.

JANNAR 2022**1.1**


Għoxrin sena bl-euro fil-bwiet tagħna. Tibda s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ.

**14.1**

Il-Kummissjoni tadotta proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-**tagħlim għas-sostenibbiltà ambjentali.**

18.1

Fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, il-Kummissjoni tadotta żewġ **inizjattivi ġodda biex l-universitajiet fl-UE jkunu lesti għall-futur** permezz ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profonda.

**18.1**

Il-Kummissjoni tippubblika sett ta' għodod **biex tgħin fil-mitigazzjoni tal-interferenza barranija fir-riċerka u l-innovazzjoni.**

26.1

Il-Kummissjoni tipproponi **dikjarazzjoni dwar id-drittijiet u l-prinċipji diġitali** għal kulħadd fl-UE.

**27.1**

Il-Kummissjoni tadotta **linji gwida ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat relatata mal-klima, il-ħarsien tal-ambjent u l-enerġija.**

FRAR 2022

1.2

Il-Kummissjoni tipproponi **pakkett ta' assistenza makrofinanzjarja ta' emerġenza ta' EUR 1,2 biljun** għall-Ukrajna.



2.2

Il-Kummissjoni tipproponi **strateġija ta' standardizzazzjoni** li tippreżenta approċċ ġdid biex l-istandards tal-UE jkun jista' jkollhom rwol ta' tmexxija globali li jipromwovi l-valuri u suq uniku reżiljenti, ekoloġiku u diġitali.




2.2

Il-Kummissjoni tapprova fil-prinċipju **att delegat komplementari dwar il-klima** li se jgħin biex titħaffef il-bidla mill-fjuwils fossili solidi jew likwidi, inkluż il-faħam, lejn futur newtrali għall-klima.


8.2

Il-Kummissjoni tipproponi ġabra komprensiva ta' miżuri biex tiżgura r-reżiljenza, it-tmexxija teknoloġika u s-sigurtà tal-provvista tal-UE fil-qasam tat-**teknoloġiji u l-applikazzjonijiet tas-semikondutturi**.



15.2

L-UE tagħti bidu għal **sistema ta' konnettività bbażata fuq is-satelliti** u tagħti spinta lill-azzjoni li tirrigwarda l-immaniġġjar tat-traffiku fl-ispazju, għal Ewropa aktar diġitali u reżiljenti.



15.2

Il-Kummissjoni tippreżenta **miżuri biex tikkontribwixxi għad-difża Ewropea, iżżid l-innovazzjoni u tindirizza d-dipendenzi strateġiċi**. Dawn l-inizjattivi l-ġodda huma passi konkreti lejn suq Ewropew tad-difża aktar integrat u kompetittiv, b'mod partikolari billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-UE.



17-18.2

Fis-Summit bejn l-Unjoni Afrikana u l-UE fi Brussell, il-mexxejja jaqblu dwar viżjoni konġunta għall-2030. Dan se jkun appoġġat mill-Pakkett ta' Investment Afrika-Ewropa, b'investimenti li jammontaw għal EUR 150 biljun.

23.2

Il-Kummissjoni tipproponi **att ġdid dwar id-data tal-UE** li fihi ir-regoli dwar min jista' juża u jaċċessa d-**data** ġġenerata fl-UE fis-setturi ekonomiċi kollha, biex tiżgura sens ta' ġustizzja fl-ambjent diġitali u tiftaħ opportunitajiet għall-innovazzjoni xprunata mid-**data**.



23.2

Il-Kummissjoni tipproponi **direttiva ġdida dwar id-diliġenza dovuta għas-sostenibbiltà korporattiva**, li tistabbilixxi regoli għall-kumpaniji biex jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent fil-ktajjen tal-valur dinjija.



25.2

L-UE timponi **aktar sanzjonijiet individwali u ekonomiċi bħala rispons għall-aggressjoni militari Russa fuq l-Ukrajna**. Dan it-tieni pakkett ta' sanzjonijiet ikopri s-setturi tal-finanzi, tal-enerġija, tat-trasport u tat-teknoloġija, flimkien mal-politika dwar il-viżi.



19.2

Wara talba għall-assistenza mill-Ukrajna billi żdiedu t-theddiet mir-Russja, iċ-Ċentru Ewropew għall-Koordinazzjoni ta' Rispons **jattiva l-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili**. Sal-aħħar ta' Awwissu, aktar minn 66 000 tunnellata ta' assistenza lill-Ukrajna mis-27 Stat Membru kollha tal-UE, mit-Turkija, min-Norveġja u mill-Maċedonja ta' Fuq ingħataw lill-Ukrajna.

23.2

L-UE taqbel dwar **l-ewwel pakkett ta' sanzjonijiet bħala rispons għar-rikonoxximent mir-Russja taż-żoni tal-provinċji Ukreni mhux ikkontrollati mill-gvern ta' Donetsk u Luhansk** bħala entitajiet indipendenti, u d-deċiżjoni li jintbagħtu truppi Russi f'dawn iż-żoni.

28.2

L-UE tapprova t-**tielet pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja**.

MARZU 2022

2.3

Il-Kummissjoni tipproponi li **tattiva d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja** biex toffri assistenza rapida u effettiva lin-nies li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna.



8.3

Il-Kummissjoni tipproponi **l-inizjattiva "azzjoni ta' koeżjoni għar-refuġjati fl-Ewropa"** li tippermetti li l-Istati Membri u r-reġjuni jipprovdu appoġġ ta' emerġenza lin-nies li qed jaħarbu mill-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna.

9.3

Il-Kummissjoni tistabbilixxi **mekkaniżmu ta' solidarjetà għat-trasferimenti mediċi tar-refuġjati** fl-UE permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.



8.3

Il-Kummissjoni tipproponi **regoli għall-UE kollha għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika.**

11.3

Tiġi varata t-**Task Force** dwar **l-iffriżar u l-ftif** stabbilita mill-Kummissjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti tas-sanzjonijiet tal-UE kontra l-oligarki Russi u Belarussi elenkati fit-territorju kollu tal-UE.



9.3

Fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna u b'reazzjoni għall-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni, l-UE timponi **aktar sanzjonijiet immirati.**

16.3

Il-Kummissjoni tipproponi **bidliet fir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli** biex ittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tas-saldu tal-UE filwaqt li tissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja – komponent ewlieni tal-pjan ta' azzjoni għall-unjoni tas-swieq kapitali tal-2020.

#StandWithUkraine



15.3

L-UE timponi **r-raba' pakkett ta' sanzjonijiet ekonomiċi u individwali** minħabba l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna.

21.3

L-UE taqbel dwar **boxxla strateġika għal sigurtà u difiża tal-UE aktar b'saħħithom** fl-għaxar snin li ġejjin.

22.3

Il-Kummissjoni tnedi **punt uniku ta' servizz biex tappoġġa lir-riċerkaturi Ukreni**.

23.3

Il-Kummissjoni tiddekrivi l-**għażliet biex jittaffew il-prezzijiet għoljin tal-enerġija** permezz tax-xiri komuni tal-gass u b'obbligi ta' f'żin minimu ta' gass.

23.3

Il-Kummissjoni Ewropea tadotta **qafas temporanju għall-kriżijiet li jippermetti lill-Istati Membri jużaw il-flessibilità prevista skont ir-regoli dwar l-għajjuna mill-Istat** biex isostnu l-ekonomija fil-kuntest tal-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna.

25.3

Il-Kummissjoni u l-Istati Uniti jħabbbru li qablu fil-prinċipju dwar **Qafas Trans-Atlantiku ġdid għall-Privatezza tad-Data**, li se jrawwem flussi ta' *data* trans-Atlantiċi.

30.3

Fil-**qasam tal-ekonomija ċirkolari**, qed jiġu proposti regoli ġodda biex il-prodotti sostenibbli jsiru n-norma fl-UE, jittejjbu l-mudelli ta' negozju ċirkolari u tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-konsumaturi fit-tranżizzjoni ekoloġika.

22.3

L-ewwel jum ta' applikazzjoni tar-**regolament pan-Ewropew dwar il-prodotti tal-pensjoni personali**, li jwitti t-triq għal skema volontarja ġdida għall-UE kollha li tgħin lin-nies ifaddlu għall-irtirar tagħhom.

23.3

Il-Kummissjoni tippreżenta **miżuri biex ittejjeb is-sigurtà globali tal-ikel** u biex tappoġġa lill-bdiewa u lill-konsumaturi fl-UE fid-dawl taż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel u tal-ispejjeż tal-produzzjoni.

24.3

Il-Parlament u l-Kunsill jagħmlu **ftehim politiku rigward l-att dwar is-swieq diġitali**. L-att se jiżgura swieq diġitali ġusti, miftuħa u kontestabbli għan-negozji diġitali biex jikbru fis-suq uniku u jikkompetu globalment.

28.3

Il-Kummissjoni tadotta rakkomandazzjoni biex l-Istati Membri jieħdu passi immedjati dwar **skemi ta' ċittadinanza b'investiment u skemi ta' residenza b'investiment** fil-kuntest tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna.



APRIL 2022

6.4

L-UE tiegħu **azzjoni biex tappoġġa r-reġjuni Afrikani tas-Saħel u tal-Lag Chad**, b'total ta' EUR 554 miljun f'finanzjament li għandu jintuża kemm biex tiġi indirizzata l-insigurtà akuta tal-ikel kif ukoll biex tissaħħaħ is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel fit-tul.



6.4

Bħala rispons għall-impatt tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna, l-UE tħabbar pakkett ta' appoġġ li jiswa EUR 225 miljun biex **tappoġġa s-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq**.

8.4

L-UE taqbel mal-**fames pakkett ta' miżuri restrittivi kontra r-Russja** b'reazzjoni għall-aggressjoni brutali tagħha kontra l-Ukrajna u l-poplu tagħha.



8.4

Il-President tal-Kummissjoni **Ursula von der Leyen u r-Rappreżentant Għoli Josep Borrell iżuru l-Ukrajna** u jiltaqgħu mal-President Ukren Volodymyr Zelensky. Il-President von der Leyen tgħaddi l-kwestjonarju tal-UE.

9.4

L-**avveniment u l-kampanja tal-wegħda globali bis-saħħa ta' Stand UP for Ukraine** jiġbru EUR 9,1 biljun għan-nies li qed jaħarbu mill-invażjoni Russa, fl-Ukrajna u lil hinn minnha, fosthom EUR 1 biljun mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp iwiegħed EUR 1 biljun addizzjonali.



20.4

L-UE tfakkar **30 sena ta' operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja u ta' protezzjoni ċivili**, li jgħinu lin-nies f'emerġenzi fid-dinja kollha.

23.4

Il-Parlament u l-Kunsill jagħmlu **fthem politiku rigward l-att dwar is-servizzi diġitali**. L-att jistabbilixxi standard ġdid mingħajr preċedent għar-responsabbiltà tal-pjattaformi online, filwaqt li jipproteġi aħjar lill-utenti tal-internet u d-drittijiet fundamentali tagħhom.



25.4

Il-President von der Leyen u Narendra Modi, il-Prim Ministru tal-Indja, iniedu l-**Kunsill tal-Kummerċ u tat-Teknoloġija UE-Indja**.

**25.4**

Il-Kummissjoni tipproponi li **ssaħħaħ il-mandat tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali** biex tiġbor u żżomm l-evidenza ta' delitti tal-gwerra u tikkopera mat-tribunali internazzjonali f'dan ir-rigward.

26.4

It-Tim Ewropa jżid l-**appoġġ għall-pajjiżi milquta min-nixfa fil-Qarn tal-Afrika**, bl-UE u l-Istati Membri tagħha jwiegħdu total ta' EUR 633 miljun biex itejbu s-sigurtà tal-ikel.

**27.4**

Il-Kummissjoni tipproponi **liġi tal-UE u rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati l-kawżi abbużivi** kontra ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

27.4

Il-Kummissjoni tipproponi **politika ta' migrazzjoni legali**, inklużi inizjattivi li se jkunu ta' benefiċċju għall-ekonomija tal-UE, isaħħu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE u jtejbju l-ġestjoni ġenerali tal-migrazzjoni fit-tul.

**28.4**

L-UE u s-sħab internazzjonali jippreżentaw **Dikjarazzjoni għall-Futur tal-Internet**.



MEJJU 2022

3.5

Il-Kummissjoni trniedi **l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa**. Din se ssaħħaħ il-pożizzjoni tan-nies biex jikkontrollaw u jużaw id-**data** dwar is-saħħa tagħhom f'pajjiżhom jew fi Stati Membri oħra, u trawwem suq uniku ġenwin għas-servizzi u l-prodotti tas-saħħa diġitali.




9.5

Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tikkonkludi l-ħidma tagħha. Il-vjaġġ ta' diskussjoni, dibattitu u kollaborazzjoni tagħha li dam għaddej sena, bejn iċ-ċittadini u l-politiċi, jilħaq il-qofol tiegħu permezz ta' 49 proposta u aktar minn 320 miżura għall-istituzzjonijiet tal-UE biex jibnu fuqhom.

9-10.5

L-UE tospita **s-sitt Konferenza ta' Brussell dwar l-"Appoġġ għall-futur tas-Sirja u r-reġjun"**, il-mobilizzazzjoni tal-għajnuna għas-Sirjani u l-komunitajiet ospitanti fil-pajjiżi ġirien permezz ta' wegħdiet li jammontaw għal EUR 6,4 biljun għall-2022 u wara. Minn dan l-ammont l-UE wiegħdet aktar minn EUR 4,8 biljun, b'aktar minn EUR 3,1 biljun mill-Kummissjoni.



10.5

Isir qbil politiku dwar **l-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali**, li jgħin biex jiġi żgurati li s-sistema finanzjarja tagħna tkun aktar reżiljenti għal attacchi ċibernetiċi u għal riskji diġitali oħra.

11.5

Il-Kummissjoni tipproponi **leġiżlazzjoni ġdida tal-UE għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online**.

11.5

Il-Kummissjoni tipproponi inċentiv fiskali għall-ekwità biex tgħin lill-**kumpaniji jikbru, jissaħħu u jsiru aktar reżiljenti**.



12.5

Fit-**Tieni Summit Globali dwar il-COVID-19** il-Kummissjoni twiegħed li tħaffef l-introduzzjoni u l-adozzjoni tal-vaċċini u miżuri oħra tal-COVID-19 fl-Afrika b'appoġġ ulterjuri ta' EUR 400 miljun.

12.5

F'Tokyo, l-UE u l-Ġappun jorganizzaw it-tmienja u għoxrin summit tagħhom. Huma jafferaw mill-ġdid ir-relazzjonijiet mill-qrib u komprensivi tagħhom u jniedu s-sħubija diġitali.

**12.5**

Il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi **korsiji ta' solidarjetà** biex tgħin lill-Ukrajna tesporta l-prodotti agrikoli.

13.5

Isir qbil politiku dwar **regoli ġodda dwar iċ-ċibersigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni**, li jiżguraw li ċ-ċittadini u n-negozji jkunu protetti u jkun jista' jkollhom fiduċja fis-servizzi essenzjali.

**18.5**

L-UE tippreżenta l-**pjan REPowerEU** biex titnaqqas b'ħeffa d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi u titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika.

18.5

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jippreżentaw **analiżi tal-lakuni fl-investment fid-difża** u jipproponu aktar miżuri u azzjonijiet li huma meħtieġa biex tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difża tal-Ewropa.

**18.5**

L-UE tiżvela **sħubija strateġika mal-istati tal-Golf**, bil-għan li twessa' u tapprofondixxi l-kooperazzjoni tagħha mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf u l-pajjiżi membri tiegħu.

18.5

Il-Kummissjoni tippreżenta pjanijiet għar-rispons immedjat tal-UE biex tindirizza **d-diskrepanza fil-finanzjament tal-Ukrajna u r-rikostruzzjoni fit-tul**.

**23.5**

Il-Kummissjoni tadotta **pjan ta' kontinġenza għat-trasport** li jistabbilixxi miżuri konkreti għall-protezzjoni tat-trasport tal-UE fi żminijiet ta' kriżi.

25.5

Il-Kummissjoni tipproponi **regoli dwar il-kriminalizzazzjoni tal-ksur tal-miżuri restrittivi** u dwar l-iffriżar u l-konfiska tal-assi ta' persuni li jiksru miżuri restrittivi u kriminali oħra.

ĠUNJU 2022

3.6

L-UE taqbel dwar is-sitt **pakkett ta' miżuri restrittivi kontra r-Russja**, inkluża projbizzjoni fuq il-biċċa l-kbira tal-importazzjonijiet taż-żejt mir-Russja.



7.6

Isir ftehim politiku dwar proposta relatata mal-**bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-kumpaniji**.

16.6

Isir qbil dwar **Kodiċi ta' Prattika Ġdid dwar id-Diżinformazzjoni**, ibbażat fuq il-gwida tal-Kummissjoni minn Mejju 2021.



22.6

Il-Kummissjoni tadotta proposti biex **tirrestawra n-natura tal-Ewropa** sal-2050 u **tnaqqas bin-nofs l-użu tal-pestiċidi** b' 50 % sal-2030.

23.6

Il-mexxejja tal-UE jagħtu l-**istatus** ta' kandidat lill-**Ukrajna** u lill-**Moldova**. Huma jirrikonoxxu wkoll il-perspettiva Ewropea għall-**Ġeorġja**.



23.6

Issir il-**Laqgħa tal-Mexxejja tal-UE u tal-Balkani tal-Punent** qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew fi Brussell.

24.6

L-UE tiżvela l-aġenda mġedda dwar il-**Governanza Internazzjonali tal-Oċeani**.



30.6

Il-Parlament u l-Istati Membri tal-UE jagħmlu ftehim politiku dwar regolament ġdid biex jiġu indirizzati d-distorsjonijiet ikkawżati minn **sussidji barranin fis-suq uniku**.

30.6

Il-President tal-Kummissjoni von der Leyen u l-Prim Ministru ta' New Zealand Jacinda Ardern iħabbru l-konklużjoni tan-negożjati ta' **ftehim kummerċjali komprensiv**.



30.6

Il-koleġiżlaturi jagħmlu ftehim dwar ir-regolament Ewropew dwar il-kriptoassi. Dan il-qafas legali ġdid **se jiproteġi lill-konsumaturi, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja**, filwaqt li jippermetti aktar innovazzjoni fis-settur tal-kriptoassi.

LULJU 2022


1.7

Ir-regoli l-ġodda dwar **ir-roaming** jidħlu fis-seħħ f'waqthom, biex jiżguraw benefiċċji kontinwi għaċ-ċittadini ta' "roaming daqslikieku f'pajjiżhom".



5.7

Il-Kummissjoni tadotta l-**Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni Ġdida** biex l-Ewropa tkun fuq quddiem nett fil-mewġa l-ġdida ta' innovazzjoni teknoloġika profonda u ta' negozji ġodda.



13.7

Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat **tad-Dritt**: Il-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi lill-Istati Membri.



19.7


L-Unjoni Ewropea tidda **n-negozjati tal-adeżjoni mal-Albanija u mal-Maċedonja ta' Fuq**.



20.7

Il-Kummissjoni tippreżenta l-proposta "**Niffrankaw il-Gass għal Xitwa Sikura**", għodda leġislattiva ġdida u pjan għat-tnaqqis tad-domanda għall-gass biex l-UE titthejja għal tnaqqis fil-provvista.





Il-Kummissjoni Ewropea ma hija responsabbli għall-ebda konsegwenza li tirriżulta mill-użu mill-ġdid ta' din il-pubblikazzjoni.

© L-Unjoni Ewropea, 2022



Il-politika dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija implimentata abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

p. 38: Il-ħanut "Pulawska 20" f'Varsavja, il-Polonja - © Konrad Smoleński;
Sakemm ma jiġix irrimarkat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat taħt liċenzja ta' Creative Commons Attribution 4.0 International (CC-BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess, diment li jingħata kreditu xieraq u tiġi indikata kwalunkwe bidla.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun meħtieġ li jintalab permess direttament mingħand id-drittijiet rispettivi. L-Unjoni Ewropea ma għandhiex id-drittijiet tal-awtur fir-rigward tal-elementi li ġejjin:

- p. 17: Skrin b'listi ta' numri perċentwali - sors: AdobeStock;
- p. 29: tifel jtajjar il-bandiera Ewropea - sors: AdobeStock;
- p. 38: Il-ħanut "Pulawska 20" f'Varsavja, il-Polonja - © Konrad Smoleński;
- p. 39: Kiril Slavov minn Sofija - © Vihren Georgiev;
- p. 43: Pannelli tal-enerġija solari u mtieħen tar-riħ - sors: AdobeStock; Inġinier u tekniku żagħżuġ - sors: AdobeStock; Pajplajn tal-idroġenu - sors: AdobeStock; Impjant tal-bijogass modern - sors: AdobeStock; Workman, Impjant tal-enerġija solari fuq il-bejt - sors: AdobeStock;
- p. 45: Nadia Dobrianska d-dar fi Blackrock, Cork, l-Irlanda - © John Allen;
- p. 49: Mykola Kharytonov - © Marc Llibre Roig;
- p. 52: Adam King id-dar f'Youghal, Co. Cork, l-Irlanda - © John Allen;
- p. 59: Apple tree collage and tractor, sors: AdobeStock;
- p. 60: Bosco Verticale, Milan, l-Italja - sors: Unsplash; Maria Teresa Ferrer - © Marc Llibre Roig;
- p. 65: Raġel arkitett - © Emmanuel Ikwuegbu, Unsplash; Raġel bilqiegħda - © Rayul, Unsplash; Persuna f'mina fi Zurich - © Ricardo Gomez Angel, Unsplash;

- p. 66: It-tim tal-pjattaforma ta' appoġġ għall-Ukraina - © Marian Curcuta;
- p. 67: Raġel iħawwel siġra - sors: © UE;
- p. 68: Miżna tar-riħ - sors: © UE; Ħaddiema tal-ġilda - sors: Shutterstock;
- p. 71: Ritratt ta' ġurnalista Franċiż maqult fl-Ukraina Frederic Leclerc-Imhoff - © Bertrand Guay/AFP, Getty Images;
- p. 73: Anna Ohnweiler - © Christoph Ohnweiler;
- p. 74: Anastasiia Konovalova - © Ioana Moldovan;
- p. 77: Lerverne Nijman u Leah Corsmit - © Christophe Licoppe;
- p. 80: Bosco Verticale, Milan, l-Italja - © Daniel Seßler, Unsplash;
- p. 81: Djar tal-Inuit - sors: iStock;
- p. 85: Sentinel 1 - © ESA.

Sorsi ta' ikoni - Flaticon u AdobeStock

